

# BULLETTIN
*ta'*
# L-ARĊIDJOĊESI
*u*
# LITURĠIJA
*tal-*
# KELMA

**Nru. 94**
**Settembru 1997**

# BULETTIN
# TA' L-ARĊIDJOĊESI
# U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 94** **Settembru 1997**

## WERREJ

Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja ..... 415

Preżentazzjoni tal-Kredenzjali ta' l-Ambaxxatur ta' Malta lill-Papa ..... 419

Diskors tal-Papa dwar il-Vokazzjonijiet ..... 423

Nomini Ġodda ..... 425

Isqfijiet ta' l-Ewropa: Building a Spiritual Bridge of Unity ..... 426

Dikjarazzjoni dwar Quddies minn ex-saċerdoti ..... 429

L-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali: Ewkaristija u Ħelsien ..... 431

Messaġġi ta' l-Arċisqof ..... 451

Ċirkolari tal-Kurja ..... 464

Eżempji ta' omeliji (24-34 Ħadd) ..... 465

Werrej Ġenerali ..... 487

Issettjat u stampat: Media Centre, Blata l-Bajda, 1997

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 94** **Settembru 1997**

# Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 1997

## *Imsejħin biex inwasslu l-"Bxara t-Tajba" ta' Kristu lil tant priġunieri tal-jasar ta' din id-dinja*

*L-Ispirtu tal-Mulej, fuqi ... bagħtni nwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin (Lq. 4, 18). Jeħtieġ li nxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut (Lq. 4, 43).*

1. Għeżież ħuti, il-Ġurnata Missjunarja hi ċelebrazzjoni importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja. Nistgħu ngħidu li l-importanza tagħha dejjem aktar tiżdied, aktar ma nersqu għall-għatba tas-sena 2000. Il-Knisja għax żgura fuq li żgura li barra Kristu "imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4,12), tagħmel tagħha, illum aktar minn kull żmien ieħor, kliem l-Appostlu: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1Kor 9,16).

Fid-dawl ta' dan jidhirli għalhekk li hu f'waqtu nistedinkom taħsbu fuq xi punti fondamentali tal-Bxara t-Tajba, li l-Knisja hi msejħa biex ixxandar u twassal lill-ġnus kollha ta' l-elf sena l-ġdida.

2. Ġesù Kristu, il-mibgħut tal-Missier, l-ewwel missjunarju, hu l-Feddej waħdieni tad-dinja. Hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja: kif kien fl-imgħoddi hekk hu issa u hekk ikun fil-ġejjieni sa l-aħħar taż-żmien, meta kollox jinġabar fih għal dejjem. Is-salvazzjoni li Ġesù ġieb, tidħol fil-fond l-aktar 'l isfel tal-persuna, u jeħlisha mis-setgħa tal-Ħażin, tad-dnub u tal-mewt ta' dejjem. Pożittivament, is-salvazzjoni hi l-miġja tal-"ħajja ġdida" fi Kristu. Hi don mogħti b'xejn minn Alla, li jitlob li l-bniedem jilqgħu minn rajh: irid jintrebaħ minn jum għall-ieħor, bil-prezz ta' sforz li jsallab (Ara Eżort. app. *Evangelii nuntiandi*, 10). Hi meħtieġa għalhekk il-kollaborazzjoni personali tagħna, bla mistrieħ, billi nilqgħu bil-qalb kollha fir-rieda tagħna l-pjan ta' Alla. Hekk biss naslu għal dak il-post żgur u definittiv li Kristu rebaħ għalina bis-salib. M'hemmx ħelsien mod ieħor, li bih nistgħu naslu għal dik il-paċi vera u għal dak il-hena li biss

jistgħu jiġu minn laqgħa ma' Alla-Verità; "Tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom" (Ġw 8,32).

Din, fi ftit kliem, hi l-bxara t-tajba li Ġesù ntbagħat biex iwassal lill-"foqra", lill-priġunieri ta' tant jasar f'din id-dinja, lill-"imnikktin" ta' kull żmien u ta' kullimkien, lill-bnedmin kollha, għax hi għal kull bniedem is-salvazzjoni, għax kull bniedem li hawn fuq wiċċ l-art għandu d-dritt ikun jafha: minnha jiddependi d-destin tiegħu għal dejjem: "Kulmin isejjaħ isem il-Mulej, isalva" (Rum 10,13).

3. Iżda ebda bniedem qatt ma hu se jasal biex jitlob 'il Ġesù, jemmen fih, jemmen qabel ma jkunx sama' bih, jekk jiġifieri dan l-isem ma jkunx ġie mgħarraf lilu (ara Rum 10. 14-25). Minn hawn l-ordni għoli li l-Imgħallem ta lid-dixxipli tiegħu qabel reġa' lura għand il-Missier "Morru" qalilhom, "agħmlu dixxipli..." (Mt 28,19). "Xandru ... min jemmen u jitgħammed isalva" (Mk 16,16). Minn hawn il-missjoni fdata minnu lill-Knisja, mibgħuta biex tkompli l-missjoni tiegħu tul iż-żminijiet, bħala "sagrament tal-grazzja" (Eżort. app. *Evangelii nuntiandi,* 14) għall-umanità kollha.

Minn hawn jiġi "il-privileġġ" u fl-istess waqt id-dmir iebes (ara Messaġġ għall-Ġurnata Missjunarja 1996) ta' dawk kollha li, minħabba l-fidi li rċevew, jagħmlu sehem mill-ġisem tal-Knisja, "privileġġ", "grazzja" u "dmir" ta' tisħib fil-ħidma kbira ta' l-evanġelizzazzjoni.

Quddiem dawk kollha li, għalkemm maħbubin mill-Missier, (ara enċikl. *Redemptoris missio,* 3) għad ma waslitilhomx il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni; in-nisrani ma jistax ma jħossx fil-kuxjenza tiegħu r-rogħda li qanqlet l-Appostlu u waslitu biex jgħid: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1Kor 9,16). B'xi mod jew ieħor, kull wieħed minna hu responsabbli personalment quddiem Alla għall-"fidi li ma waslitx" lill-miljuni ta' bnedmin.

4. Il-kobor tal-ħidma u l-għarfien tan-nuqqas kbir tal-forzi tagħna jistgħu xi kultant iwassluna biex naqtgħu qalbna, iżda m'għandniex inħallu jirkibna l-biża', għax m'aħniex weħidna. Il-Mulej stess jiżgurana b'dan: "Ara jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 29). "Ma nħallikomx iltiema" (Ġw 14, 18). "Nibgħatilkom id-Difensur" (Ġw 16,7).

Ikun ta' faraġ għalina, l-aktar fil-mumenti tad-dalma u tal-prova, jekk inżommu quddiem għajnejna li, kbar kemm ikunu kbar u ta' min ifaħħarhom l-isforzi tal-bniedem, il-missjoni tibqa' qabel xejn u dejjem opra ta' Alla, opra ta' l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur, li bla dubju ta' xejn hu dak li jġibha 'l quddiem, (ara enċikl. *Redemptoris missio.* 21). Isseħħ fl-Ispirtu, hi missjoni fl-Ispirtu (ibid. 22). Dan għax hu "bil-ħidma ta' l-Ispirtu li l-Evanġelju jseħħ fil-kuxjenzi u l-qlub tal-bnedmin u jinxtered fl-istorja" (Enċikl. *Dominum et vivificantem,* 42).

Kull nisrani, minħabba l-unzjoni li rċieva fil-Magħmudija u fil-Konfermazzjoni jista', anzi għandu jgħid għalih innifsu kliem il-Mulej huwa u jemmen b'fidi ferma li fuqu wkoll "hu" l-Ispirtu s-Santu, li qed jibgħatu jxandar il-Bxara t-Tajba u bl-għajnuna tiegħu jissieħeb f'kull inizjattiva ta' appostolat.

5. Tweġiba li hi ta' eżempju għal kulħadd hi t-tweġiba li fi żmienha tat Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li tagħha din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju ta' mewtha, għas-sejħa universali ta' responsabbiltà fil-ħidma missjunarja. Il-ħidma u t-tagħlim ta' Santa Tereżina juru r-rabta liema bħalha li hemm bejn missjoni u kontemplazzjoni. Ma jistax ikun hemm missjoni mingħajr ħajja ħerqana ta' talb u ta' għaqda sħiħa mal-Mulej u mas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib.

Bilqiegħda fl-art f'riġlejn l-Imgħallem (ara Lq 10, 39) hu żgur il-bidu ta' ħidma verament appostolika. Imma jekk irridu nitilqu minn hawn, hemm imbagħad triq li minnha rridu ngħaddu u li għandha l-mumenti ta' waqfien tagħha bilfors fis-sagrifiċċju u s-salib. Il-laqgħa ma' Kristu "ħaj" hi laqgħa wkoll ma' Kristu "bil-għatx", ma' dak Kristu li fuq is-salib, tul iż-żminijiet kollha jgħajjat bil-għatx li għandu għall-erwieħ li jrid isalva. (ara Ġw 19, 28).

Biex naqtgħu l-għatx ta' Alla-Mħabba, u l-għatx tagħna wkoll, ma għandniex ħlief li nħobbu u nħallu lil min iħobbna. Tħobb jiġifieri tagħmel tiegħek ix-xewqa ħerqana ta' Kristu "li l-bnedmin kollha jsalvaw" (1Tim 2, 4); tkun maħbub jiġifieri tħalli 'l Mulej jinqeda bik skond "triqatu, li m'humiex it-triqat tagħna" (ara Is 55,9), biex il-bnedmin kollha, taħt kull sema, jistgħu jaslu biex jagħrfuh u jiksbu s-salvazzjoni.

6. Veru li mhux kulħadd imsejjaħ biex jitlaq għall-missjoni. "Wieħed hu missjunarju qabel xejn b'dak li hu u, qabel ma jkun, hu dak li jgħid u jagħmel" (Enċikl. *Redemptoris missio,* 23). Mhux l-aktar importanti l-"fejn", imma l-"kif". Nistgħu nkunu appostli tassew u b'mod mill-aqwa wkoll bejn l-erba' ħitan ta' darna, fil-post fejn naħdmu, f'sodda fi sptar, fil-klawsura ta' monasteru ... dak li jgħodd hu li l-qalb tkun imkebbsa b'dik l-imħabba ta' Alla li weħidha tista' tbiddel f'dawl, nar u ħajja ġdida fil-Ġisem Mistiku kollu, sa truf l-art, mhux biss it-tbatijiet fiżiċi u morali, imma wkoll l-istess għejja tal-ħajja ta' kuljum.

7. Għeżież ħuti, minn qalbi kollha nixtieq, li fuq l-għatba ta' elf sena ġdida, il-Knisja kollha ġġarrab ħeġġa ġdida ta' mpenn missjunarju. Kull min hu mgħammed għandu jagħmel tiegħu u jgħix mill-aħjar li jista' skond il-qagħda personali tiegħu, il-programm tal-ħajja tal-protettriċi tal-missjonijiet: "Fil-qalba tal-Knisja ommi, inkun l-imħabba ... u hekk inkun kollox."

Marija, Omm u Sultana ta' l-Appostli, flimkien ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu, kienet tistenna l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu bit-talb tagħha, u sa mill-bidu ssieħbet mal-mixi qalbieni tal-missjunarji, u kienet ta' ispirazzjoni għal dawk kollha li jemmnu biex ikunu jixbhuha fis-solidarjetà kollha ħerqa u impenn fil-qasam wiesgħa tal-ħidma missjunarja.

B'dawn ix-xewqat tajba, waqt li ninkoraġġixxu kull inizjattiva ta' ħidma mssjunarja, fid-dinja, imbierek lil kulħadd.

Mill-Vatikan, 18 ta' Mejju 1997, solennità ta' Għid il-Ħamsin.

*IOANNES PAULUS PP. II.*

# Preżentazzjoni tal-kredenzjali ta' l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan

## *DISKORS TA' L-AMBAXXATUR*

Beatissimo Padre,

È mio singolare onore presentare oggi le Lettere Credenziali che mi accreditano Ambasciatore Straordinario e Plenipotenziario della Repubblica di Malta presso la Santa Sede e le Lettere di richiamo del mio predecessore in questa carica, SE il Dottor Alexander Cachia Zammit.

"Pace a tutti gli uomini di buona volontà" è stato il messaggio annunziato ai pastori di Betlemme circa due millenni fa. La pace nel mondo è il messaggio costantemente proclamato da Vostra Santità a tutti i popoli e tutte le nazioni, sottolineando sopratutto che solo la verità, la giustizia, l'amore e la riconciliazione possono essere le condizioni essenziali per il progresso vero delle nazioni.

Il Governo Maltese crede che il miglior servizio che il nostro Popolo possa dare all'Europa ed a tutta la regione mediterranea è di aiutare con ogni mezzo giusto e credibile la costruzione della cultura della pace.

Tutta la nazione Maltese è convinta che nell'interesse delle generazioni future questa aspirazione si potrà avverare tramite iniziative il cui obiettivo giusto e pratico è pregnante del potenziale di aprire ed estendere, in modo permanente, nuovi orizzonti di pace.

Il popolo Maltese è sensibile al fatto che questo processo offre maggiori benefici più che l'associarsi con alleanze ed istituzioni che consolidino solo in modo temporaneo le mura della difesa della pace.

Il governo Maltese ritiene che la posizione geografica del suo Paese e l'atteggiamento politico di neutralità attiva del suo popolo creano un clima che consente di praticare con la massima credibilità ed efficacia la propria vocazione di promotori ed agenti di pace duratura.

"Signore, fà di me uno strumento della Tua pace".

È una anelito che nasce in modo sincero dalla profondità del cuore Maltese, una aspirazione autentica che si è andata formando quale frutto delle vicende che il popolo Maltese subì lungo interi millenni.

Santissimo Padre, La supplichiamo di voler contarci tra coloro che sono in prima fila nel "pellegrinaggio della Pace" che, ultimamente, in occasione della Giornata della Pace Vostra Santità ha invitato tutto il mondo a parteciparvi.

È naturale quindi che il Governo Maltese, consapevole della instancabile opera di Vostra Santità per far avvicinare i popoli tra di loro, vuole esprimere il proprio sostegno ed inoltre vuole esendere la propria disponibilità ad ogni iniziativa valida per raggiungere questo obiettivo.

Con grande modestia, vorrei esprimere, oggi, il mio umile desiderio quale Ambasciatore della Repubblica Maltese. Sono felice e ritengo un grande onore offrire i servigi del mio ufficio per stabilire quei rapporti necessari tra gli ambasciatori dei Paesi Mediterranei accreditati presso la Santa Sede. Insieme sarà possibile lavorare su programmi ed iniziative per creare e salvaguardare la pace tra i nostri popoli.

Beatissimo Padre, vorrei esprimere la mia ferma fiducia che i rapporti tra Malta e la Santa Sede rimarranno cordialissimi e diventeranno sempre più stretti; da parte mia farò tutto il possibile affinché ciò avvenga con l'aiuto di Dio.

Infine, Beatissimo Padre, imploro per il mio Governo e per tutto il Popolo Maltese, per i nostri missionari che aiutano popoli poveri e specialmente per coloro che soffrono per malattie o per altri motivi, la Vostra Benedizione Apostolica come segno dei celesti favori.

## *DISKORS TAL-PAPA*

Signor Ambasciatore,

1. Con vero piacere Le porgo il benvenuto, nel momento in cui Vostra Eccellenza presenta le Lettere Credenziali ed inizia solennemente la sua missione di Ambasciatore Sraordinario e Plenipotenziario di Malta presso la Santa Sede. La prego di voler trasmettere al Signor Presidente Ugo Mifsud Bonnici l'espressione della mia riconoscenza per i sentimenti di cortese deferenza da lui manifestati e dall'Eccellenza Vostra a me gentilmente significati. Formulo altresì auspici di pace e di prosperità per il caro Popolo Maltese.

La ringrazio di cuore, Signor Ambasciatore, per le nobili espressioni che mi ha rivolto, e fin d'ora Le porgo i migliori auguri per un fruttuoso adempimento del suo alto incarico al servizio dei suoi connazionali.

2. Tale missione, Signor Ambasciatore, Le è stata affidata in un periodo storico singolare, in special modo per la Santa Sede: alla vigilia cioè dell'Anno Duemila, che rappresenta per il mondo intero un traguardo epocale e, per i credenti in Cristo, il bimillenario dell'Incarnazione, e che verrà celebrato con un Grande Giubileo. Tutti i popli di cultura cristiana, e tra di essi anche l'antico e nobile Popolo Maltese, avvertono l-importanza di questa ricorrenza. Essa, certo, costituisce un evento eminentemente spirituale, ma non v'è dubbio che i suoi risvolti culturali e sociali siano assai rilevanti e non dubito che i cittadini di Malta prestino grande attenzione ad entrambi gli aspetti dell'avvenimento.

3. Ella, Signor Ambasciatore, ha voluto incentrare il suo discorso sull-impegno in favore della pace.

Come Ella ha opportunamente ricordato, nella tradizione del Popolo Maltese quella della pace è un'autentica vocazione, favorita anche dalla posizione geografica dell'Isola. Per alimentarsi e portare frutto, tale vocazione richiede di rimanere ancorata alle sue profonde e solide radici cristiane. La pace, infatti, non è semplicemente un valore accanto agli altri, ma è come la sintesi ed il frutto pieno di tutti i valori che costituiscono l'integrale sviluppo della persona umana e delle sue relazioni sociali. Non vi è impegno per la pace senza impegno per la verità, la giustizia, la solidarietà operante, la libertà, come ricordava il mio venerato predecessore il Papa Giovanni XXIII nella memorabile Enciclica *Pacem in terris* (cfr cap. III, AAS 55 [1963], 279-284).

Ecco perchè i popoli che hanno ricevuto ed accolto nel corso dei secoli il messaggio cristiano sono chiamati, di generazione in generazione, a seguirne la luminosa ispirazione, come ribadisce la recente Lettera pastorale dei Vescovi Maltesi. Tale esigenza è più che mai valida e necessaria per gli uomini del nostro tempo, se essi intendono lasciare in eredità alle generazioni del terzo millennio delle solide fondamenta spirituali ed etiche, per costruire quella che la Chiesa chiama la "civiltà dell' amore".

Ciò comporta l'arduo compito di coniugare i valori della modernità e del progresso, nei vari campi del sapere e dell'agire umano, con le verità e i valori perenni che hanno animato anche la cultura del Popolo maltese.

4. Tra questi valori desidero sottolineare quelli primari della vita umana e della famiglia, la cui retta comprensione è oggi minacciata da concezioni relativistiche, diffuse spesso dai mezzi di comunicazione di massa.

Per quanto riguarda il valore della vita, Lei ben sa che la Chiesa è

mobilitata su scala mondiale in una grande sfida, su molteplici fronti, antichi e nuovi. Con la Lettera Enciclica *Evangelium vitae* ho inteso richiamare ai credenti, ma anche a tutti gli uomini di buona volontà, il messaggio cristiano sulla vita e l'esigenza di promuovere una rinnovata cultura della vita umana.

Questo impegno comincia proprio dalla famiglia, la quale, fondata sul matrimonio, costituisce l'ambiente naturale in cui la persona, nelle varie stagioni della sua esistenza, viene accolta, educata, curata, dal concepimento fino alla morte.

Affinché questi due valori primari siano adeguatamente tutelati, è importante che le istituzioni civili, grazie all'impegno delle persone che in esse sono chiamate ad operare, facciano riferimento a criteri etici veramente rispettosi dell'uomo e della sua dignità.

5. Per tutti questi motivi, Signor Ambasciatore, è altamente auspicabile la collaborazione tra la Chiesa e lo Stato, e sono certo che Ella saprà contribuire allo sviluppo di tale cooperazione secondo le migliori tradizioni del suo Paese. Le assicuro che potrà sempre trovare, nei miei colaboratori, accoglienza, attenzione e sollecita comprensione.

Mentre Le rinnovo gli auspici di serena e proficua missione, che accompagna con voti di ogni bene per i suoi Cari, invoco su di Lei, sui Governanti e sull'interno Popolo di Malta l'abbondanza delle celesti Benedizioni.

# Għeluq il-Kungress Internazzjonali dwar il-Vokazzjonijiet mill-5 sa l-10 ta' Mejju 1997

## *DISKORS TAL-PAPA FID-9 TA' MEJJU 1997*

Il-ġranet ħerqana tal-Kungress tagħkom f'dawn il-ġranet urew ċar kemm il-Knisja fil-mixi tagħha fl-Ewropa, hi msejħa biex tqajjem, l-aktar fost iż-żgħażagħ, xewqa kbira għal Alla, u hemm toħloq ambjent adatt biex minnu toħroġ tweġiba qawwija ta' vokazzjonijiet. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li kulħadd ikun f'qagħda li jerġa' jisma' bil-ħrara kollha leħen l-Ispirtu: hu biss l-Ispirtu li jmexxi żgur għall-għarfien sħiħ ta' Ġesù Kristu, u għall-impenn ta' mixi sħiħ warajh.

Il-Knisja, mibgħuta fid-dinja biex tkompli l-missjoni ta' Ġesù Kristu, hi dejjem f'qagħda ta' sejħa, minn jum għall-ieħor tistagħna bil-ħafna kariżmi ta' l-Ispirtu. Mill-għaqda intima ta' mħabba u ta' fidi mal-Missier, ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja hi garanzija ta' għadd ġdid ta' vokazzjonijiet saċerdotali u ta' konsagrazzjoni speċjali.

Dan l-għadd ġdid ma jiġix waħdu u lanqas biss minn ħidma tal-bniedem, u dan Ġesù jurih mill-Evanġelju. Meta sejjaħ lid-dixxipli biex jibgħathom fid-dinja, l-ewwel ħeġġiġhom biex iħares 'il fuq: "Itolbu lil sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu" (Mt 9, 38). Il-pedagoġija vokazzjonali li jrid il-Mulej turina li pastorali aktar mitfugħa fuq ħidma u inizjattivi biex jiġu 'l quddiem il-vokazzjonijiet mhux se tirnexxi u ma għandhiex ġejjieni, għax kull vokazzjoni hi qabel xejn don ta' Alla.

Jeħtieġ għalhekk li jkun hemm moviment qawwi ta' talb fil-komunitajiet kollha tal-Knisja fl-Ewropa, li jmur kontra l-irwiefen tas-sekulariżmu li jagħti importanza kbira lill-mezzi umani, l-effiċjenza u s-sura drammatika tal-ħajja. Talb kollu ħeġġa għandu jitla' bla heda minn kull parroċċa, mill-komunitajiet reliġjużi u monastiċi, mill-familji nsara, u mill-postijiet kollha fejn in-nies qed ibatu. B'mod speċjali rridu ngħallmu lit-tfal u liż-żgħażagħ kif jiftħu qalbhom lill-Mulej biex jitħejjew ħa jisimgħu l-kelma tiegħu.

Dan l-ambjent ta' fidi u ta' smigħ tal-Kelma ta' Alla jwassal biex il-komunitajiet insara kollha jkollhom il-ħila jilqgħu l-vokazzjonijiet li l-Ispirtu jqajjem fosthom, jissieħbu magħhom u jġibuhom 'il quddiem.

Jeħtieġ ukoll titjieb fil-pastorali għall-vokazzjonijiet fil-knejjes ta' l-Ewropa. Spiss jaħsbu li dan id-dmir biżżejjed tafdah biss lil xi persuni lesti

biex jidħlu għalih. Żgur li dawn il-persuni fl-ambjenti tagħhom qed jagħmlu ħidma ta' siwi kbir, u spiss moħbija, biex tkun ta' għajnuna għassejħat tal-Mulej. Iżda llum, minħabba t-tibdiliet kbar kulturali u storiċi li seħħu f'dawn l-aħħar żminijiet, irridu nqisu l-pastorali tal-vokazzjonijiet bħala waħda mill-għaniet ewlenin tal-komunità nisranija kollha.

Kull min hu impenjat fil-ħidma għall-vokazzjonijiet, jagħmel aktar qawwija u sħiħa l-ħidma tiegħu, jekk iwassal biex kull membru tal-komunità jħoss li hu impenjat biex jgħin fil-formazzjoni ta' għadd ta' saċerdoti u ta' persuni kkonsagrati skond il-ħtieġa tal-Poplu ta' Alla.

Iżda hi ħaġa ċara li dawk li qed iħossu ruħhom imsejħin għas-saċerdozju jew għall-ħajja konsagrata huma l-ewwel fid-dmir li jimpenjaw ruħhom fil-pastorali tal-vokazzjonijiet: bil-ferħ li jiġi minn ħajja kollha kemm hi ddedikata lil Alla, juru bil-fatti kemm hi sabiħa s-sejħa għall-mixi sħiħ wara Ġesù, huma u juru t-tifsir ta' din is-sejħa.

Kristu ma talabx biss biex nitolbuh ħa jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu, iżda hu stess isejħilhom ukoll: "Ejja, u imxi warajja" (Mt 19,21). Isqfijiet ħuti, saċerdoti reliġjużi għeżież, tibżgħux twasslu liż-żgħażagħ li magħhom tiltaqgħu kuljum, l-istedina tal-Mulej. Tkun ħerqa tagħkom li twassalkom biex tgħidu lil oħrajn dawk il-kelmiet misterjużi u ta' l-għaġeb li mmarkawlkom ħajjitkom ukoll: "Ejja, imxi warajja".

Attenzjoni dejjem sejra tal-komunità nisranija għall-misteru tas-sejħa tal-Mulej, għandha ġġib 'il quddiem kultura vokazzjonali ġdida fost iż-żgħażagħ u fil-familji. Id-dinja taż-żgħażagħ illum m'hijiex f'sikkitha u dan juri li, ukoll fost iż-żgħażagħ ta' llum, qed ikun hemm ħafna mistoqsijiet fuq xi tfisser l-eżistenza, u dan iwettaq il-fatt li xejn u ħadd ma jista' joħnoq fil-bniedem ix-xewqa tal-verità. Għal ħafna hawn jinsab it-tfittix tal-vokazzjoni.

Irridu ngħinu liż-żgħażagħ biex ma jikkuntentawx b'dak li hu ta' nofs kedda, u npoġġu quddiemhom ideali għoljin biex huma wkoll ikunu jistgħu jistaqsu lill-Mulej: "Mgħallem, fejn toqgħod?" (Ġw 1,38). "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?" (Mk 10.17) u jiftħu qalbhom għall-mixi sħiħ wara l-Mulej.

Din kienet l-esperjenza ta' eluf ta' rġiel u nisa, li għarfu jkunu xhieda ideali ta' Kristu, appostli ta' l-Evanġelju fl-Ewropa. Huma u jaqsmu man-nies ta' żminijiethom it-tbatijiet u t-taħbit tagħhom, kienu jemmnu li kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija, u waslu għall-quċċata tagħha mill-mogħdijiet li wriehom l-Ispirtu. L-għażliet tagħhom u l-karizmi tagħhom ħallew ħafna raddiet ta' ġid, li jeħtieġ jinżlu aktar fil-fond, biex il-Knejjes ta' l-Ewropa jkunu jistgħu jkomplu l-missjoni tagħhom ta' evanġelizzazzjoni, ta' qdusija u ta' promozzjoni umana fl-elf sena li ġejjin.

Il-Verġni Marija, Omm il-vokazzjonijiet, tissieħeb ma' dan l-impenn qalbieni, u tilqa' mingħand il-Mulej għadd kbir ta' vokazzjonijiet ġodda għat-tħabbir ta' l-Evanġelju fil-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa.

B'dawn ix-xewqat tajba nagħti lilkom u l-komunitajiet tagħkom barka apostolika speċjali.

---

## Nomini ġodda

Patri Pawl Gatt O.P., Kappillan San Duminku, il-Belt.
Patri Ġwann Frendo O.P., Kappillan Gwardamanġa.
Patri Anġeliku Vella O.P., Kappillan tan-Nazzarenu, Sliema.
Patri Joe Saliba O.Carm., Kappillan tal-Fgura.
Patri Michael Camilleri O.Carm., Kappillan Fleur-de-Lys.

# Building a Spiritual bridge of unity between peoples

## *A statement by the bishops of Comece on the Enlargement of the European union*

### I.

The Commission of Bishops' Conferences of the European Community (COMECE) believes that enlargement is an opportunity concretely to promote and realise throughout the whole of Europe fundamental values which are also of primary importance to the Church: solidarity, mutual respect, and friendship between peoples.

This enlargement of the European Union is not just a major task for politicians and those bearing political responsibility in Europe. It is also a moral obligation for all people of good will living on this continent. So that enlargement may be realised successfully "a spiritual bridge of unity between peoples" must be built.

In citing these words of Pope Pius XII from the dark days of 1944, as members of the Commission of the Bishops' Conferences of the European Community, we would like to emphasise the urgency of taking citizens into account in this process of enlargement. We consider it necessary to involve them more actively in the undertaking of unifying the European continent.

### II.

Ensuring internal and external peace is the prime goal of any public authority. It is also a primary concern of the European Union, itself still evolving as public authority. The enlargement of the European Union is needed to safeguard peace in Europe. We believe that it is a dangerous illusion to think that stability and security can be maintained permanently by making western Europe a citadel over against other european countries.

Furthermore, the inclusion of the countries of Eastern and Central Europe is not just a political obligation incumbent on the European Union resulting from Article O of the Treaty on European Union. It is also obligation in that these countries have made it clear that they wish to adhere to the EU and they have already made immense efforts to meet the high demands set by the EU for adhesion.

We believe that the reunification of this continent, torn apart for so long by wars and ideologies, will mark an important moment for the entire human family. A reunited Europe can testify to the possibility of responding to global challenges on the basis of closer co-operation and respect for the principle of subsidiarity.

## III.

Before the concrete negotiations on the enlargement of the European Union can begin in earnest, it is only the accession candidates who will have to fulfil stringent conditions in advance; the European Union too must prepare itself for this step. That is why the reform of the European institutions, which were initially designed for just a few Member States, is so important as an outcome of the current Intergovermental Conference. For the same reason the governments of the Member States have to agree on a new medium-term financial framework with a credible perspective for the new acceding states.

The necessity for reform of the European Union's institutions and the need to make the necessary budgetary arrangements for enlargement are sufficiently well known. Enlargement will necessitate difficult decisions and sacrifices in times when the economic and social situation in most Member States is not very satisfactory.

Modern democracy needs the courage of politicians who dare at critical moments to make unpopular decisions in favour of the common good. In this they need the support of a real consensus on the part of the citizens themselves so that such decisions may have a lasting quality. Such political will and unstinting support on the part of European citizens is vital to a process where a fundamental reorganisation of the political architecture of Europe is at stake.

## IV.

For these reasons we support the recent remarks made by Mr Jacques Santer, President of the European Commission: "If we politicians, by virtue of our own commitment and personal involvement, succeed in starting a debate with men and women in Europe on issues and values which go beyond everyday concerns, perhaps ... we will move towards a re-enchantment of Europe, i.e. to a rediscovery of the sense, the meaning, the prospects of hope in our individual and collective life".[1] The common search for a consensus, the successful dialogue between the people and those bearing political responsability, are an important measure of the vitality of our democracies. Our governments can play a vital role in this

respect. As Bishops and members of COMECE, and within the range of our possibilities, we will support every worthy initiative in this direction.

We cannot conceal however a certain concern and preoccupation: the enlargement of the European Union will not really succeed unless "a spiritual bridge of unity between peoples" is built. Such a bridge, sound and stable, has still to be constructed. Bridges of this kind between the people in East and West cannot be the result of official efforts. Here the governments of the Member States and the European Commission can only act indirectly. Reconciliation and understanding, friendship and appreciation of different cultural characteristics cannot be decreed from above: they must grow slowly as the result of real meetings between individuals and small communities in East and West. Promoting such reconciliation, understanding and friendship, devoloping mutual appreciation and respect between the peoples of eastern, central and western Europe, constitute an original contribution of the Churches to the unification of Europe.

*Brussels May 9, 1997*

---

*1 Speech of March 1997 to the Université Catholique de Louvain. The wording of the French original is as follows. "si nous, hommes politiques parvenons, en nous y impliquant personnellement, à ouvrir le débat avec les Européens et les Européenes, sur les valeurs qui trascendent le quotidien, peut être ... alors pourrons nous acheminer vers une réenchantement de l'Europe, c'est à dire une redécouverte du sens et dans l'espérance dans nos vies individuelles et collectives."*

*The Bishops of the Commission of the Bishops' Conferences of the European Community (COMECE):*

*Mgr. Josef Homeyer, Bishop of Hildesheim/ Germany, President of COMECE*

*Mgr. Dante Bernini, Bishop of Albano/ Italy*

*Mgr. Maurice Couve de Murville, Archbishop of Birmingham/ England-Wales*

*Mgr. Lucien Daloz, Archbishop of Besançon/ France*

*Mgr. Luk De Hovre, Auxiliary Bishop of Brussels/ Belgium*

*Mgr. Joseph Duffy, Bishop of Clogher/ Ireland*

*Mgr. Fernand Franck, Archbishop of Luxembourg, Vice-President of COMECE*

*Mgr. John Mone, Bishop of Paisley/ Scotland*

*Mgr. Januario Togal Ferreira, Auxiliary Bishop of Lisbon/ Portugal*

*Mgr. Adrianus van Luyn, Bishop of Rotterdam/ Netherlands*

*Mgr. Elias Yanes Alvarez, Archbishop of Zaragoza/ Spain, Vice-President of COMECE.*

# Pontificio consiglio per l'interpretazione dei testi legislativi

## *Dichiarazione*

Atteso che in qualche nazione un gruppo di fedeli, apppellandosi al prescritto can. 1335, seconda parte, del Codice di Diritto Canonico, ha richiesto la celebrazione della Santa Messa a sacerdoti che hanno attentato il matrimonio, è stato domandato a questo Pontificio Consiglio se sia lecito ad un fedele o comunità di fedeli chiedere per una *giusta causa* la celebrazione dei sacramenti o dei sacramentali ad un chierico che, avendo attentato il matrimonio, sia incorso nella pena della sospensione *"latae sententiae"* (cfr can. 1394, § 1 CIC), la quale però non sia stata dichiarata.

Questo Pontificio Consiglio, dopo attento e ponderato studio della questione, dichiara che tale modo di agire è del tutto illegittimo e fa notare quanto segue:

1) L'attentato matrimonio da parte di un soggetto insignito dell'Ordine sacro costituisce una grave violazione di un obbligo proprio dello stato clericale (cfr can. 1087 del Codice di Diritto Canonico e can. 804 del Codice dei Canoni delle Chiese Orientali) e perciò determina una situazione di oggettiva inidoneità per lo svolgimento del ministero pastorale secondo le esigenze disciplinari della comunione ecclesiale. Tale azione, oltre a costituire un delitto canonico la cui commissione fa incorrere il chierico nelle pene recensite nel can. 1394, § 1 CIC e can. 1453, § 2 CCEO, comporta automaticamente l'irregolarità ad esercitare gli ordini sacri ai sensi del can. 1044, § 1, 3° CIC e can. 736, 2° CCEO. Questa irregolarità ha natura perpetua, ed è quindi indipendente anche dalla remisssione delle eventuali pene.

Di conseguenza, al di fuori dell'amministrazione del sacramento della Penitenza ad un fedele che versi in pericolo di morte (cfr can. 976 CIC e can. 725 CCEO), al chierico che abbia attentato il matrimonio, non è lecito in alcun modo esercitare i sacri ordini, e segnatamente celebrare l'Eucaristia; né i fedeli possono legittimamente richiederne per qualsiasi motivo, tranne il pericolo di morte, il ministero.

2) Inoltre, anche se non sia stata dichiarata la pena – cosa che peraltro il bene delle anime consiglia in questa fattispecie, eventualmente attraverso la procedura abbreviata stabilita per i delitti certi (cfr can. 1720, 3° CIC) – nel caso ipotizzato non esiste la giusta e ragionevole causa che legittima il fedele a chiedere il ministero sacerdotale. In effetti, tenuto conto della

natura di questo delitto che, indipendentemente dalle sue conseguenze penali, comporta un'oggettiva inidoneità a svolgere il ministero pastorale, ed atteso anche che nella fattispecie è ben conosciuta la situazione irregolare e delittuosa del chierico, vengono a mancare le condizioni per ravvisare la giusta causa di cui al can. 1335 CIC. Il diritto dei fedeli ai beni spirituali della Chiesa (cfr can. 213 CIC e 16 CCEO) non può essere concepito in modo da giustificare una simile pretesa dal momento che tali diritti debbono essere esercitati entro i limiti e nel rispetto della normativa canonica.

3) Quanto ai chierici che sono stati dimessi dallo stato clericale a norma del can. 290 CIC e can. 394 CCEO e che abbino o meno contratto matrimonio in seguito ad una dispensa dal celibato concessa dal Romano Pontefice, è noto che viene loro proibito l'esercizio della potestà di ordine (cfr can. 292 CIC e can. 395 CCEO). Pertanto, e salva sempre eccesione del sacramento della Penitenza in pericolo di morte, nessun fedele può legittimamente domandare ad essi un sacramento.

Il Santo Padre ha approvato in data 15 maggio 1997 la presente Dichiarazione e ne ha ordinato la pubblicazione.

Dal Vaticano, 19 maggio 1997.

*JULIÁN HERRANZ*
*Arcivescovo tit. di Vertara*
*Presidente*

*BRUNO BERTAGNA*
*Vescovo tit. di Drivasto*
*Segretario*

*Is-46 Ewkaristiku Internazzjonali, Wroclaw, Polonja*
*25 ta' Mejju – 1 ta' Ġunju 1997*

# Ewkaristija u ħelsien

*"Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa" (Gal 5,1)*

*Dokument ta' tħejjija għall-Kungress*

## DAĦLA

### Ġrajja ta' grazzja fil-mixi tal-Knisja

*"Statio orbis" fl-Ewropa tal-Lvant*

1. Is-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali qed jiġi ċċelebrat f'Wroclaw, fil-Polonja fl-1997. Għall-ewwel darba fil-ġrajja tal-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali, se naħsbu ftit f'ħin tassew f'waqtu, fir-relazzjoni, għonja u stimolanti, li hemm bejn l-Ewkaristija u l-libertà. Flimkien mal-Knisja kollha, aħna mexjin lejn iċ-ċelebrazzjoni tat-tielet elf sena tal-ġrajja nisranija, fi tmiem seklu li ra t-traġedja ta' nazzjonijiet kbar li waqgħu taħt il-ħakma tat-totalitariżmu. Ġrajja ta' niket li ħarbtet b'mod speċjali l-pajjiżi tal-lvant ta' l-Ewropa. Bis-saħħa tal-provvidenza ta' Alla, ftit snin ilu rajna b'għajnejna jispiċċaw fix-xejn f'daqqa waħda s-sinjali ta'din il-ħakma. Hu għalhekk li ċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Kungress qed issir fil-qalba ta' l-Ewropa tal-Lvant, fil-Polonja, qisha trid iddawwal bid-dawl tagħha n-nazzjonijiet kollha li tul dawn l-aħħar għexur ta' snin għexu l-esperjenza traġika taċ-ċaħda tal-libertajiet personali u soċjali, biex mill-istqarrija tal-misteru ewkaristiku jaslu dejjem aktar għall-esperjenza pożittiva tal-ħelsien, storiku u soċjali wkoll, u jiddi l-ħelsien soprannaturali li bih aħna tassew nies ħielsa.

Iżda l-Ewkaristija, li madwarha l-Knisja kollha tieqaf f'att ta' adorazzjoni, qisha f'xi *Statio orbis,* trid iddawwal bid-dija tal-verità tagħha n-nazzjonijiet kollha ta' l-art, dawk li għadhom imċaħħdin mil-libertà u mġarrbin mill-gwerer, dawk il-popli wkoll tad-dinja li għalihom il-messaġġ tal-ħelsien veru ta' Kristu għad irid jaslilhom, bħala sejħa ħerqana ħa jħaddnu l-verità, jirrispettaw id-drittijiet ta' Alla għall-ħelsien tad-drittijiet tal-bniedem, għall-għaqda, għall-paċi vera u għall-ġustizzja.

## L-Ewkaristija misteru ta' fidi u ta' ħajja, don ta' ħelsien.

2. L-Ewkaristija hi fil-qalba tal-fidi u tal-ħajja tal-Knisja. Fi Kristu Ġesù, il-Verb magħmul bniedem mejjet u glorifikat, il-ħobż ħaj u l-Għid tagħna, jinġabru l-aspetti kollha tal-fidwa tagħna.

Is-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali jrid juri u jiċċelebra l-misteru ta' l-Ewkaristija fid-dawl ta' ħsieb li jħaddan sewwa fehmiet antropoloġici, soċjali u ta' salvazzjoni: il-ħelsien. Kelma li tfisser sewwa dak li qed ifittex il-bniedem, ix-xewqat tal-ġnus. Il-ħelsien huwa dak ir-raġġ ta' verità u ta' ħajja li bih il-bniedem inħoloq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla.

Fil-ħelsien l- bniedem għandu kemm l-ogħla espressjoni tiegħu u kemm l-ogħla periklu tiegħu. Alla ħalla 'l-bniedem f'idejn ir-rieda tiegħu (Sir 15,14) biex minn rajh ifittex lil Dak li ħalqu u jasal ħieles għall-perfezzjoni billi jingħaqad miegħu (1).

Il-ħelsien hu don ta' Alla mogħti lill-bniedem fil-ħolqien u wisq aktar fil-fidwa. Hu fuq il-misteru tal-fidwa li San Pawl kien qed jitkellem meta kiteb li Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa (Gal 5, 1). Proprju għax il-ħelsien malajr jista' jintilef u jitgħawweġ, ġie mifdi mid-dnub u salvat bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu, li bih sirna wlied Alla, ħielsa mill-jasar tad-dnub, u għalhekk nistgħu nsejħu lil Alla "Abba, Missier" (ara Gal 4, 4-6); fl-istess Spirtu s-Santu nistgħu nersqu lejn l-oħrajn bħala ħutna, fil-libertà u fil-fraternità evanġelika, bħala wlied il-Missier waħdu.

Għalhekk, biex nibqgħu ħielsa, Kristu ried li l-misteru tal-fidwa u tal-ħelsien tagħna li hu l-Għid tiegħu u tagħna, ikun dejjem magħna u kullimkien fil-misteru ta' l-Ewkaristija sal-jum li fih hu jerġa' jiġi b'setgħa u glorja flimkien mal-ħlejjaq kollha, meħlusa mit-taħsir tad-dnub u tal-mewt, ikantaw is-sebħ tal-Missier (2).

## Fuq l-għatba tal-Ġublew tas-sena 2000

3. Sejħa qawwija għall-ħelsien nisrani tiġi mill-fatt li qed inħejju ruħna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. Il-Ġublew, fit-tradizzjoni tal-poplu ta' Iżrael, kien ċelebrazzjoni ferrieħa u komunitarja ta' libertà u ta' ħelsien, mogħtijin minn Alla lil kulħadd. Kristu nnifsu, ikkonsagrat mill-Ispirtu u mibgħut mill-Missier, ġie biex iwassal ħa jseħħ il-Ġublew kbir tal-Fidwa. Hu ġieb il-ħelsien lil dawk li kienu mċaħħdin minnu, ħeles lill-imjassrin u ta d-dawl lill-għomja (ara Mt 11, 4-5 u Lq 7, 22). B'dan il-mod seħħet is-sena tal-grazzja tal-Mulej li ħabbar mhux biss bil-kliem imma qabel xejn bl-għemil stess (3). Il-Ġublew il-kbir tas-salvazzjoni seħħ fil-misteru ta' l-Għid tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, li tiegħu l-Ewkaristija hi tifkira għal dejjem.

Fid-dawl tat-tħejjija għall-*Ġublew il-Kbir* tas-sena 2000, *is-sena 1997, is-sena tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' Wroclaw*, trid tiċċelebra b'mod speċjali *lil Ġesù salvatur waħdieni tad-dinja, il-bieraħ, illum u għal dejjem* (Lhud 13,8), biex b'mod partikolari jingħaraf Kristu, il-Feddej u l-Ħabbar ta' l-Evanġelju b'riferenza speċjali għall-kap IV ta' l-Evanġelju ta' San Luqa fejn il-ħsieb ta' Kristu mibgħut biex ixandar il-Bxara t-tajba jintiseġ sewwa mal-ħsieb tal-Ġublew ...(4). Kienet għalhekk provvidenzjali l-għażla li *l-Ewkaristija u l-ħelsien* ikunu l-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku: Kristu l-Mulej, għajn ta' libertà u ta' ħelsien veru.

L-ewwel ħsibijiet li jiġuna u li se jitfissru f'dan id-dokument, iridu jħejju l-Knisja fin-nazzjonijiet kollha biex kulħadd, insara u ragħajja, iduru lejn l-Ewkaristija u jħejju ruħhom b'mod xieraq għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kungress, bis-smigħ flimkien tal-Kelma ta' Alla, bil-meditazzjoni, biċ-ċelebrazzjoni u bl-impenn, b'esperjenza ta' dak il-ħelsien li bih Kristu għamilna nies ħielsa u għadu jeħlisna fil-misteru tal-fidwa.

## Id-Don tal-ħelsien fi żmien ta' kriżi

### *L-esperjenza ta' żmien diffiċli u kollu niket*

#### Xhieda ta' ħelsien tassew

4. Il-proklamazzjoni ta' l-Ewkaristija bħala għajn ta' ħelsien hi tassew f'waqtha. Forsi qatt aktar minn żminijietna ma nħasset ix-xewqa għal-libertà u fl-istess waqt ġew imżebilħa d-drittijiet l-aktar fondamentali tal-bnedmin u tan-nazzjonijiet. Il-ġens kollu tal-bnedmin fi żmienna wasal għall-kobor sħiħ fil-kuxjenza tiegħu dwar id-dinjità tal-persuna, u madankollu forsi qatt daqs żminijietna ma saru delitti mill-aktar ħorox kontra l-libertà u d-drittijiet tal-bniedem.

Il-fatt li l-libertà soċjali u politika tal-bniedem ingħatat lura ftit ilu wara ħafna snin ta' totalitariżmu fil-pajjiżi tal-Lvant, u, fl-istess waqt, il-kriżi tal-libertà vera li qed tinħass ukoll fi ħdan nazzjonijiet li mxew ħafna 'l quddiem fil-progress u għandhom tradizzjoni demokratika antika ħafna, huma sfida mill-aqwa għall-Knisja.

X'tista' tagħmel il-Knisja biex hija u timmedita fuq l-Ewkaristija, tagħti dimensjoni xierqa lil-libertà billi tqis il-libertajiet naturali tal-bniedem bħala s-sisien ta' tweġiba xierqa lill-Ħallieq, u bħala ħajja flimkien bħal aħwa ta' ċ-ċittadini u ta' l-insara, tan-nazzjonijiet u tal-popli tad-Dinja, ilkoll imsejħin biex jagħmlu familja waħda?

Il-Knisja, imdawla mill-Kelma ta' Kristu u mwettqa bil-Ħobż tal-ħajja, trid

tkun f'din id-dinja, qabel xejn, "xhieda ta' verità u ta' libertà, ta' ġustizzja u sliem, biex il-bnedmin kollha jinfetħu għat-tama ta' dinja ġdida." (5)

## Tiġrib u rebħiet tal-libertà nisranija

5. Il-Kungress ewkaristiku qed isir fi żmien li fih qed jasal għat-tmiem tiegħu seklu li kellu jkun żmien ta' ħelsien tassew ta' l-għaġeb. Iżda l-ħelsien ġie mkasbar mis-sistemi totalitarji tal-pajjiżi tal-lvant..

L-ewwel kienet il-kefrija stalinjana u mbagħad it-tirannija nazista. U b'dan kollu dehret il-qawwa ta' l-indipendenza ta' l-ispirtu tal-bniedem ukoll meta fil-ħajja pubblika l-libertà kienet mxekkla sewwa, jekk ma tneħħitx għal kollox. Is-sistemi totalitarji, riedu joħolqu bniedem ġdid, ibda mill-qagħda esterna tiegħu.

Xandru ideoloġija li soċjetà industrijalizzata, għax hi riżultat ta' suċċessi tekniċi u xjentifiċi, ma tistax tiddependi minn deċiżjonijiet ħielsa, mit-tisħib tal-bnedmin kollha ma' xulxin. Tneħħiet il-fiduċja mil-libertà umana.

Fl-istess waqt dawn is-sistemi dehru li ma setgħu jagħmlu xejn quddiem il-libertà interna tal-bniedem. Il-kampijiet ta' konċentrament, il-*gulag*, il-ħabsijiet u l-proċessi politiċi ma fissrux biss li miljuni ta' persuni tneħħew min-nofs f'kondizzjonijiet li xejn ma jixirqu lill-bniedem, imma fissru wkoll għadd bla qjies ta' rebħiet ta' l-ispirtu tal-bniedem, rebħiet li taw lill-ħajja tal-bniedem tifsir aktar għoli fil-maħfra, fl-imħabba bil-fatti tal-proxxmu, u sa fl-għoti tal-ħajja għall-ġid ta' l-għadu ħa jkun hemm dinja aħjar. Dawn kienu rebħiet ta' nies li qatt ma tilfu ġieħhom bi tradimenti, billi taw għajnuna lill-ħażen jew biegħu ruħhom lis-setgħa.

Tħallas prezz għoli ta' nies. Seħħu wkoll esperjenzi tassew ta' l-għaġeb ta' libertà interjuri. Ta' min jistaqsi minn fejn kienet tiġi qawwa bħal din. Xi jwassal lill-bniedem biex jissagrifika ħajtu biex iħares il-verità, il-ġustizzja, il-ħajja ta' xi ħadd ieħor? Xi jwassal biex biss f'għemil bħal dan il-bniedem jilħaq il-milja tad-destin tiegħu, is-salvazzjoni proprja tiegħu, u hekk jagħti tifsir sħiħ lil ħajtu proprju fil-waqt li, skond il-fehma tan-nies, ikun qed jitlifha? Għal dawn il-mistoqsijiet ħadd ma jista' jagħti tweġiba xierqa, jekk ma jħarisx lejn il-kuxjenza tal-bniedem, li fil-qalb tal-bniedem tikteb il-liġi ta' Alla u tissawwar fl-esperjenza tal-valuri universali u traxxendentali.

L-esperjenza tal-ġenoċidju u fl-istess waqt ir-rebħiet ta' l-ispirtu tal-bniedem huma realtà traġika li ma tistax titqies bħala xi ħaġa fiergħa. Dan għax hi esperjenza partikolari tal-misteru tal-bniedem quddiem Alla, anzi quddiem dak li hu r-rivelazzjoni ta' Alla, Kristu Ġesù. Esperjenza li fl-aħħar mill-aħħar uriet li hi aqwa mis-setgħat tar-reġimi totalitarji, li ġġarrfu meta ħadd ma kien jistenna dan, minħabba d-dgħufija tagħhom

fihom infushom u minħabba l-ħerqa għal-libertà li tul għaxriet ta' snin imliet ħafna rġiel u nisa, u minħabba wkoll il-grazzja partikolari mogħtija minn Alla fil-provvidenza u l-ħniena tiegħu.

## 2. Verità u libertà: tifsir mgħawweġ tal-kultura ta' żmienna

### *Ir-riskju tal-libertà fil-kultura ta' żmienna*

6. Iżda fl-istess waqt li f'ħafna nazzjonijiet kienet qed tinħoloq qagħda ġdida ta' ħelsien, spiss bħala reazzjoni għall-kultura ta' dipendenza, illum qed naraw jinxtered liberaliżmu bla rażan, li qed iġib sura ta' ħajja, ispirata minn libertà kważi assoluta, imċaħda minn dak il-qjies li d-dinjità mifdija tal-bniedem tagħti lill-ħelsien tassew. Bħala konsegwenza ta' dan, naraw it-tmiem ta' relazzjonijiet personali, is-solitudni, folla ta' nies kulħadd għal rasu, sentiment ta' ħajja bla sens, egoiżmu, vojt fil-ħajja li jwassal lill-bniedem biex ikun aktar aggressiv u kiefer. Dan il-vojt fil-ħajja jġib suriet taparsi tal-libertà vera, bħalma huma l-konsumiżmu, l-edoniżmu, il-ħafna suriet ta' movimenti reliġjużi xort'oħra, il-fenomenu tas-setet, li fil-fatt qed jagħmlu ħidma ta' reliġjon, għax iridu jippruvaw jagħtu tweġiba, qarrieqa u mgħawġa, lil min qed ifittex it-tifsir veru tal-ħajja.

Veru li l-illuminiżmu wassal għall-fehma tad-drittijiet tal-bniedem, iżda it-tifsir tagħhom, miftum mill-orizzont tad-dritt naturali, ma rax aktar id-dinjità tal-persuna umana, bħala persuna. Dan ta bidu għall-fehmiet liberali u soġġettivi li jaslu biex jgħidu x'inhuma l-verità, il-ġustizzja u l-moralità, fuq pretensjonijiet kollha kemm huma individwalistiċi.

Alla ma tax ix-xbieha tiegħu, u għalhekk lanqas il-possibbiltà ta' ħelsien veru, lil xi razza privileġġjata ideoloġikament, ma qiegħedx il-bniedem f'xi klassi rivoluzzjonarja fi ġlieda għall-ħakma fuq l-erwieħ, u lanqas ried jafda d-dinja tiegħu divina lil xi Stat liberali. Il-bniedem, għax hu persuna, iġib fih innifsu x-xbieha ta' Alla persuna, imwettqa bil-grazzja tal-Feddej. Iżda l-bniedem ma jitwelidx ġa ħieles, kif jippretendu l-fehmiet liberali; jitwieldu bil-ħila li jista' jikseb ħelsien, u bil-wegħda ta' salvazzjoni li tagħti l-ħelsien. Il-bniedem, imdgħajjef mid-dnub li wiret, biex jiżviluppa l-libertà, il-ħila u l-formazzjoni proprja tiegħu, jeħtieġ qabel xejn li jkun mifdi, jeħtieġ il-fidwa ta' l-istess Alla. Il-misteru tal-ħażen jingħeleb mill-misteru tas-salvazzjoni.

### Id-don tal-ħelsien veru

7. Fid-dinja tal-lum il-problema tal-libertà rridu narawha fir-relazzjoni bejn libertà u verità, skond il-kuxjenza, skond ma jgħidilna l-Evanġelju, u skond ma tgħallem il-Knisja. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Biss il-libertà li toqgħod għall-verità twassal il-persuna umana għall-ġid veru tagħha. Il-ġid tal-persuna jinsab filli tkun fil-Verità u tagħmel il-Verità" (6).

Il-ksur tar-rabta bejn il-verità u l-libertà wasslet biex turi fi żmienna t-tiġrif ġenerali tal-valuri kollha li xi drabi hu vera katastrofi antropoloġika. Araw xi sinjali ta' dan li jsemmi l-Papa Ġwanni Pawlu II: "Kulħadd qed jara l-istmerrija għall-ħajja umana li twieldet jew għad trid titwieled; iċ-ċaħda ma tieqaf qatt tad-drittijiet fundamentali tal-persuna; il-qerda kiefra tal-ġid meħtieġ għall-ħajja li tkun tixraq lill-bniedem" (7). Kull tifsira żbaljata tal-libertà, kemm-il darba kkundannata mill-Knisja, fi żmienna, twassal għall-kriżi ta' ħelsien veru fl-individwi, fil-familji, fis-soċjetà(8).

Quddiem dehra bħal din, jibqa' dejjem veru l-messaġġ ta' San Pawl, meta jitkellem fuq il-libertà ħielsa mid-dnub, mifdija mill-grazzja. Il-libertà teħtieġ ħelsien, u Kristu jeħlisha: hu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa (Gal 5,1). Bis-salib glorjuż tiegħu, kiseb is-salvazzjoni għall-bnedmin kollha .... "Il-grazzja ta' Kristu ma tippikax mal-libertà tagħna, meta din tkun taqbel mas-sens tal-verità u tal-ġid li Alla nissel fil-qalb tal-bniedem. Iżda, għall-kuntrarju, u l-esperjenza nisranija dan tagħtina xhieda tiegħu, speċjalment fit-talb, meta nkunu aktar lesti li nwieġbu għal dak li trid minna l-grazzja, aktar tikber fina l-libertà interjuri, u nkunu aktar żguri waqt il-prova, u quddiem il-pressjoni u l-influwenzi tad-dinja madwarna. Bil-ħidma tal-grazzja, l-Ispirtu s-Santu iħarriġna fil-libertà spiritwali biex jagħmilna kollaboraturi ħielsa fil-ħidma tiegħu fil-Knisja u fid-dinja" (9)

## 3. Tweġiba għal-libertà tan-nisrani

### *Il-kontemplazzjoni ta' Kristu Msallab-Rxoxt*

8. Quddiem id-diffikultà li nsibu biex nifhmu sewwa xi tfisser tassew il-libertà, għandna d-dija tal-verità fi Kristu, Imsallab u Rxoxt, fl-offerta tiegħu lil Missier u għal ħutu b'sagrifiċċju ħieles. "Kristu msallab jurina t-tifsir veru tal-libertà, jgħixha fil-milja ta' l-għoti sħiħ tiegħu nnifsu u jistieden lid-dixxipli biex jissieħbu f'din il-libertà tiegħu" (10). Dan għax

"il-kontemplazzjoni ta' Ġesù Imsallab hi t-triq ewlenija li minnha trid tgħaddi l-Knisja kuljum, jekk trid tifhem it-tifsira sħiħa tal-libertà: l-għoti sħiħ tiegħek innifsek għall-qadi ta' Alla u ta' l-aħwa. It-tqarbina mbagħad bi Kristu Msallab-Rxoxt hi l-għajn li ma tiġi nieqsa qatt, li minnha bla heda l-Knisja tgħix ħielsa, toffri lilha nfisha u taqdi ... Ġesù għalhekk hu s-sintesi ħajja u personali ta' ħelsien perfett f'ubbidjenza sħiħa għar-rieda tal-Missier. Ġismu msallab hu r-rivelazzjoni sħiħa tar-rabta li ma tinħall qatt li hemm bejn libertà u verità, l-istess kif il-qawmien tiegħu mill-imwiet hu l-ogħla eżaltazzjoni tal-frott u tal-qawwa għas-salvazzjoni ta' libertà li għexha fil-verità" (11).

Fl-Imsallab-Rxoxt tiddi l-verità tad-don ħieles li bih Ġesù ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja u ħabbhom għall-aħħar (Ġw 13,1). L-Ewkaristija hi s-sagrament ta' din l-imħabba. Din il-verità wkoll taqbel b'mod partikolari mal-verità dwar il-bniedem u ma' l-għarfien tiegħu tal-libertà. Persuna ma għandhiex ħila tgħix jekk ma tiġix milqugħa u aċċettata minn persuna oħra u ma tagħrafx x'inhi l-imħabba u turiha. "Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba. Jibqa' għalih innifsu bħala ħliqa li ma jistax jifhimha. Ħajtu hi bla sens, jekk l-imħabba ma tintwerhiex lilu, jekk ma jiltaqax ma' l-imħabba, jekk ma jħosshiex, jekk ma jagħmilhiex tiegħu, jekk ma jisseħibx fiha b'ħajtu kollha" (12). Min-naħa l-persuna tilħaq il-milja tagħha "meta titkebbes bl-imħabba u hekk twassal biex isseħħ fl-infinitezza tagħha". Min-naħa l-oħra l-imħabba hi sura partikolari ta' ħelsien, għax min iħobb hu dejjem miexi lejn il-ħelsien li jħollu mir-rabtiet tiegħu nnifsu, jeħilsu minnu nnifsu.

## Il-ħobż tal-libertà u tal-ħajja

9. Il-kontemplazzjoni ta' l-Imsallab u d-don ta' l-imħabba huma fil-fatt it-tifsira ta' tant esperjenzi ta' qlubija li ġarrbu dawk li semgħu l-Kelma ta' l-Imgħallem u ħadu l-ħobż ewkaristiku, baqgħu fidili lejn il-verità ta' Alla u taw xhieda għaliha.

Huma eżempji ta' l-imgħoddi li bla heda jfakkru fil-ħtieġa li fis-soċjetà tagħna ngħixu, f'relazzjoni li ma tiġi nieqsa qatt, it-tisħib fil-liturġija ewkaristika u l-ħelsien veru ta' wlied Alla. Dan għaliex titmantna bil-kelma ta' Alla u bil-ħobż Ewkaristiku. Tkun f'xirka ma' Kristu, tadura 'l-Missier fl-Ispirtu u l-verità, turi mħabba għall-aħwa tant li tasal biex tagħti l-istess ħajtek għalihom, int tkun qed tiċċelebra u tagħti xhieda ta' dak il-ħelsien li bih Kristu għamilna nies tassew ħielsa.

Irridu mela niftakru li l-Ewkaristija, f'dan is-seklu, l-istess bħalma ġara fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, kienet il-ħobż tal-ħelsien, il-vjatku tal-qlubija tal-martirju, iċ-ċelebrazzjoni fil-katakombi tas-seklu għoxrin, u wessat il-

fidi u t-tama, li fihom issaħħu u kisbu saħħa l-martri ġodda bix-xhieda ta' ħajjithom u spiss b'mewtħom u hekk ukoll għollew id-dinjità tal-kuxjenza u s-siwi ta' l-ubbidjenza għal-liġi ta' Alla.

Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali jista' jkun okkażjoni f'waqtha biex issir it-tifkira tal-martri tal-libertà nisranija, biex jissaħħu r-rabtiet tax-xirka, biex timbena soċjetà ġdida li ma tħalliniex nerġgħu lura għal dik il-qagħda ta' miżerja morali li għexna f'dan is-seklu, biex, b'għajnejna ffissati fi Kristu, l-Għid tagħna u l-ħelsien tagħna, nedukaw fis-sens tal-ħelsien ta' wlied Alla.

# L-EWKARISTIJA TĦABBIRA U DON TA' ĦELSIEN

## 1. L-offerta ħielsa ta' Kristu

### *Il-ħajja ta' Kristu, misteru ta' ħelsien*

10. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija turi sewwa x'kienet l-ubbidjenza ta' Kristu li waslitu biex jerħi ruħu f'idejn dawk li sallbuh u f'idejn il-Missier. Il-ħidma kollha ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna hi mibnija fuq il-misteru ta' l-ubbidjenza tiegħu bla qjies għar-rieda tal-Missier. Dwar Kristu li ta bidu għall-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni bid-dħul tiegħu fid-dinja, tkellimna l-Ittra lil Lhud: *Kristu, meta daħal fid-dinja qal: Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx ... vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbux, imma jien għedt: Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla* (Lhud 10. 5-7). Kristu nnifsu tul il-ħidma pubblika tiegħu fisser il-programm tal-ħajja tiegħu b'dawn il-kelmiet: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fi tmiem l-opra tiegħu" (Ġw 4,34). Din il-fedeltà għal dan il-programm ta' ħajja impenjattiva ġiet imtennija kemm-il darba (ara Ġw 5, 30; 6,38; b6,40) u laħqet il-quċċata drammatika kollha tagħna fil-misteru ta' l-agonija fil-Ġetsemani u tal-mewt fuq is-salib. Fil-Ġnien taż-Żebbuġ Ġesù jtemm it-tiġrib ta' l-eżitazzjoni misterjuża tiegħu bil-ħeġġa qalbiena ta' kliemu: *Missier ... ikun dak li trid int* (Mt. 26, 42). Waqt li fuq is-salib, huwa u jtemm darba għal dejjem il-ħidma tiegħu billi laqa' l-mewt, wettaq il-pjan ta' ħajja b'żewġ kelmiet biss: *Kollox mitmum!* (Ġw 19, 30). Dawn iż-żewġ kelmiet huma s-sintesi tal-qagħda tiegħu għar-rieda tal-Missier tul ħajtu kollha u huma fl-istess ħin l-aħħar ħolqa tal-ħidma li għamel Kristu, ħidma ta' salvazzjoni, ta' riabilitazzjoni tal-bniedem, twelid mill-ġdid tal-libertà.

### Offra lilu nnifsu minn rajh għall-passjoni tiegħu

11. It-tradizzjoni nisranija dejjem rat l-offerta minn rajh ta' Kristu mħabbra minn kliem il-profeta Isaija (53, 7) skond il-Vulgata: *Oblatus est quia ipse voluit* – Offra lilu nnifsu għax hekk ried. Il-libertà setgħana tiegħu huwa u jtemm l-opra li fdalu l-Missier tidher ċara fil-bidu tal-"ktieb tal-glorja", jiġifieri tal-kapitli li fihom San Ġwann jirrakkonta l-passjoni glorjuża tal-Mulej.

*Qabel il-festa ta' l-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu, li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar* (Ġw 13,1). Dan il-kliem juri li Kristu, nhar Ħamis ix-Xirka, kien għaraf sewwa li wasal iż-żmien storiku li fih kellu jtemm il-missjoni tiegħu, mument storiku wkoll għall-bniedem u għall-umanità. Wassal għal dan il-mument storiku dak li ġara fl-ewwel sigħat ta' dakinhar, li bħala quċċata tiegħu kellu l-mewt; *obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib* (Fil 2,8). Għalhekk "is-siegħa kollha ta' Ġesù" hi kollha kemm hi ubbidjenza u mħabba, u wieħed mill-mumenti ewlenin ta' din is-siegħa hi l-Ewkaristija.

Ġesù, huwa u jwaqqaf waqt l-Aħħar Ikla t-tifkira tas-sagrifiċċju tiegħu, wera b'mod l-aktar ċar b'liema mod ħieles u b'liema mħabba kbira, ta lid-dixxipli ġismu li offra u demmu li xerred bħala sinjal ta' għoti ħieles u minn rajh tiegħu nnifsu. Il-liturġija tal-Knisja tfakkar dan il-ġest ta' Ġesù b'formularji tat-tradizzjoni tal-punent u tat-tradizzjoni tal-lvant, f'xi talbiet ewkaristiċi: "Meta kien se jingħata biex minn rajh ibati, ħa l-ħobż ..." (13); "Biex itemm il-ħsieb ta' mħabbtek, ta lilu nnifsu għall-mewt ..." (14) U anafora tal-lvant b'mod aktar preċiż tgħid: "Huwa u jaċċetta biex minn rajh ibati għalina l-midinbin, hu li ma għamel ebda dnub, fil-lejl li fih ġie tradut, jew aħjar fil-lejl li fih ta lilu nnifsu għall-ħajja u s-salvazzjoni tad-dinja..." (15).

Din il-proklamazzjoni tal-liturġija tfakkarna kuljum fl-għemil ħieles ta' mħabba li bih Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier għalina u kuljum jingħata lill-Knisja, biex tkun għall-insara għajn ta' ħelsien tassew fl-offerta tagħha nfisha.

## 2. Il-misteru ta' l-Ewkaristija

### *L-Ewkaristija don ta' ħelsien*

12. L-istess liturġija Ewkaristika tal-Knisja, fil-qofol stess taċ-ċelebrazzjoni, bil-kliem ta' l-istituzzjoni, tfakkar id-don tal-ħelsien li bih Kristu għamilna nies ħielsa *"Hu, meta wasal biex jagħti ħajtu ħa jsalvana, waqt li kien fuq il-mejda ma' l-Appostli tiegħu, ħa f'idejh il-ħobż ..."* (16);

*"Kif waslet is-siegħa biex ikun imsebbaħ minnek... hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar ..."* (17). L-Ewkaristija hi l-misteru tal-ħelsien ta' Kristu, don ta' ħelsien, imħabba sa l-aħħar, għax l-imħabba biss tagħti ħelsien tassew.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II dan fissru b'mod mill-aqwa f'waħda mill-omeliji li għamel fit-tielet pellegrinaġġ Ewkaristiku tiegħu fil-Polonja, fl-1987: "L-Ewkaristija hi ta' dik is-Siegħa, tas-siegħa tal-fidwa ta' Kristu, tas-siegħa tal-fidwa tal-ġrajja tal-bniedem u tad-dinja. Din hi s-siegħa li fiha Bin il-bniedem, ħabb għall-aħħar u sa l-aħħar mument wettaq il-qawwa salvatriċi ta' l-imħabba. Wriena li Alla nnifsu hu mħabba. Qatt ma kien hemm u qatt ma jista' jkun hemm rivelazzjoni aqwa minn din il-verità, rivelazzjoni li twettaqha b'mod tassew radikali: *"Ħadd ma għandu mħabba aqwa minn din: li wieħed jagħti ħajtu"* (Ġw 15, 13); għal kulħadd, biex ilkoll *"ikollhom il-ħajja, u ħajja bil-kotra"* (Ġw 10, 10) (18).

F'dan il-misteru ta' mħabba imfisser b'mod hekk qawwi, u li jidħol fil-qalba ta' dik "is-siegħa ta' l-istorja", għandu sehem, li qatt ma jista' jitneħħa, il-misteru ta' l-ubbidjenza ta' Ġesù għar-rieda tal-Missier u tal-libertà umana tiegħu. Dan għaliex Kristu, meta waqqaf l-Ewkaristija, wera li għandha rabta liema bħalha mal-Patt il-Ġdid permezz tat-tixrid tad-demm fil-mewt tiegħu, li hi l-qofol tas-sottomissjoni tiegħu lill-Missier, bl-ubbidjenza sħiħa tiegħu bħala Iben.

## Mill-Għid il-qadim għall-Għid il-ġdid

13. *"Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati!"* (Lq 22, 14). B'dan il-mod it-twaqqif ta' l-Ewkaristija jingħaqad mat-tradizzjoni antika ta' l-Għid Lhudi, tifkira ta' kull sena tal-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu u wiri tat-triq lejn it-tifkira tal-Patt il-Ġdid.

It-tifkira tal-ħelsien kien il-qofol taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid f'Iżrael. Fit-talb tat-tradizzjoni Lhudija naqraw dawn l-espressjonijiet qawwija li jingħadu waqt l-ikla ta' l-Għid: "F'kull żmien, kull wieħed hu fid-dmir li jqies lilu nnifsu bħala wieħed li ħareġ mill-Eġittu ... Għalhekk hu dmir tagħna nroddu ħajr, infaħħru, niċċelebraw, nigglorifikaw, inkabbru u nagħtu ġieħ lil Dak li għamel ma' missirijietna u magħna dawk l-għeġubijiet, li għaddiena mill-jasar għall-ħelsien, mis-sottomissjoni għall-fidwa, min-niket għall-hena, mill-viżtu għall-festa, mid-dlam għal dija ta' l-għaġeb".

Ġesù wassal għat-tmiem l-Għid bil-mewt fejjieda tiegħu u bil-qawmien tiegħu skond San Pawl li jgħid: *Kristu, l-Għid tagħna hu sagrifikat* (I Kor 5, 7). Fl-aħħar Ikla waqqaf it-tifkira ta' l-Għid tiegħu u stedinna biex nagħmlu din it-tifkira tal-ġisem li hu offra u tad-demm li hu xerred, sa meta jerġa' jiġi fil-glorja.

Fl-offerta ta' ġismu u fit-tixrid ta' demmu Kristu jħabbar l-ħelsien tagħna u l-fidwa mid-dnub; fis-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid ifisser il-milja tal-ħelsien tagħna u tas-salvazzjoni tagħna bid-don ta' l-Ispirtu f'ruħna u jistedinna għall-Għid ta' dejjem fis-saltna tiegħu.

Dan għax l-Ewkaristija, il-ħobż ħaj li niżel mis-sema, il-ġisem mogħti għall-ħajja tad-dinja, id-don tal-qawmien u tal-ħajja, hu Kristu nnifsu, il-Verb magħmul bniedem, mejjet u glorifikat; flimkien miegħu jgħaddina minn din id-dinja għal għand il-Missier u jwegħdna l-ħelsien sħiħ fl-aħħar, meta jqajjimna fl-aħħar jum (ara Ġw 6, 51-54).

Il-bniedem, huwa u jara fl-Ewkaristija qisu f'mera dak li jkun jista' jikkontempla wiċċ imb'wiċċ fil-ħajja ta' dejjem, jitgħabba bit-toqol tal-ħajja mimli bil-qawwa tal-ħobż tal-ħajja u bit-tama li "għad iqum mill-imwiet." Din it-tama tagħti karatteristiċi speċjali lil-libertà umana wkoll: tgħallem is-sabar, il-perseveranza, l-offerta u s-sagrifiċċju tiegħek innifsek. U tgħallem ukoll li Kristu rxoxt hu l-għajn u l-qjies tal-ħelsien sħiħ.

## 2. Ċelebrazzjoni tal-ħelsien nisrani

### *Id-don ta' l-Ispirtu*

14. L-għana bla qies taċ-Ċenaklu flimkien mad-don tas-saċerdozju jagħmlu sħiħ il-mandat mogħti lill-Appostli: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". (I Kor 11, 24; Lq 22, 19). Kemm hu għoli u x'tifsir għandu dan il-mandat! Tagħmel dak li twaqqaf f'mument preċiż ta' dik is-siegħa taċ-Ċenaklu, u jibqa' marbut sħiħ ma' dak li kellu jseħħ f'mument ieħor tal-ħin ta' dak il-jum storiku, u għalhekk marbut ukoll mal-passjoni u l-mewt salvifika, hekk li jmur 'l hemm mil-limiti ta' l-istorja u jsir ġrajja li tissieħeb mal-poplu ġdid ta' Alla fil-mixi tiegħu sa l-aħħar taż-żmien. Dan għaliex l-Għid għall-insara hu Kristu, u m'huwiex biss ġrajja ta' l-imgħoddi, imma ġrajja li tibqa' fil-jum ta' l-eternità bil-qawmien mill-imwiet.

*Kull meta nieklu dan il-ħobż u nixorbu dan il-kalċi inxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi* (I Kor 11, 26), u aħna msejħin biex nissieħbu fid-doni tal-fidwa u s-salvazzjoni: il-maħfra tad-dnubiet, id-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Tiġġedded għalina l-esperjenza tal-ħelsien speċjalment bit-tiswib fina ta' l-Ispirtu ta' l-Irxoxt, qisu Għid il-Ħamsin ġdid, hekk li nkunu nistgħu nwiegħbu bl-istess qagħda ta' mħabba ħielsa għad-don ta' Kristu: *għax ma nkunux ngħixu għalina nfusna imma għalih li miet u rxoxta għalina* (20).

L-Ewkaristija li twaqqfet bl-ordni: *Agħmlu dan b'tifkira tiegħi* ssir laqgħa ta' fidwa minħabba l-għana bla qjies tas-salvazzjoni, u l-ħila li għandha li twaqqaf mill-ġdid il-libertà meqruda mid-dnub, li huma, biex ngħidu hekk, dejjem għad-dispożizzjoni tal-bniedem taż-żminijiet kollha. Permezz ta' l-Ewkaristija lill-bniedem tingħatalu l-ħila biex joħroġ mill-jasar bil-kosegwenzi kollha tiegħu, li jwassluh f'tarf ix-xifer tal-qerda sħiħa tiegħu. It-tliet aspetti ta' l-Ewkaristija: sagrifiċċju, tqarbin u preżenza jissieħbu fil-ħidma għall-bini tal-ħelsien, li bih Kristu għamilna nies ħielsa.

## Il-qawwa ħelliesa ta' l-imħabba

15. Iċ-ċelebrazzjoni tal-qsim tal-ħobż, imsejħa wkoll *l-ikla tal-Mulej* (I Kor 11,20), twaqqaf il-poplu tal-Patt il-Ġdid, tagħmel preżenti fostna lill-Mulej Rxoxt, u tagħmel lil dawk kollha, li jieħu sehem minn ħobża waħda u kalċi wieħed, ġisem wieħed fi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu (ara IKor 10, 16-17). Iżda, sakemm jibqgħu l-firdiet fi ħdan il-komunità, jgħidilna San Pawl, ma jkunx hemm għarfien sħiħ tat-tifsir oriġinali ta' l-Ewkaristija bħala xirka ma' Kristu u ma' l-aħwa (ara IKor 11, 17-22).

Ix-xirka ta' l-imħabba u l-qsim tal-ġid, li huma l-kondizzjoni meħtieġa u l-effett tax-xirka ma' Kristu u fil-Knisja, ifissru b'mod l-aktar ċar li l-ħelsien li bih Kristu għamilna nies ħielsa jwarrab kull egoiżmu u jingħata lil dawk kollha li jemmnu u huma l-Poplu Qaddis (Ara Atti 2, 42-45).

San Irinew ta' Lyon, imsaħħar mill-ħelsien li ġieb Kristu, tant li wasal biex jgħid li l-ewwel dixxipli kienu "ħabbara tal-verità u appostli tal-libertà" (21), ifisser l-Ewkaristija fid-dawl tal-libertà, għaliex hi don ta' Alla, hi offerta ta' nies ħielsa (22). L-ewwel komunitajiet insara, ukoll waqt il-persekuzzjonijiet, fehmu u taw xhieda li miċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika kienet toħroġ qawwa dinamika ta' mħabba għal xulxin, bil-ħila li tagħmel lil kulħadd aħwa, issawwar Poplu ġdid, tħarreġ għall-kuraġġ ta' xhieda sal-martirju, toħloq soċjetà mġedda mill-imħabba, ħierġa miċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u mfissra fil-qsim tal-ġid bejn kulħadd u bl-għajnuna lil min hu fil-bżonn.

# GĦALL-EDUKAZZJONI FIL-LIBERTÀ FID-DAWL TA' L-EWKARISTIJA

## 1. Il-primat tal-Kelma fl-evanġelizzazzjoni

### *Evanġelizzazzjoni u katekeżi*

16. It-tħejjija tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fil-mixi tal-Knisja lejn il-Ġublew il-kbir tas-sena 2000, hu okkażjoni mill-aqwa biex "jitħabbar"

bla ħeda it-tifsir ta' l-Ewkaristija u biex jitħabbar mill-ġdid l-Evanġelju lill-komunità nisranija, ibda mill-Ewkaristija.

Fl-Ewkaristija sseħħ is-sintesi bejn il-Kelma u s-Sagrament. Dak li jitħabbar isir realtà.

L-omelija trid twieġeb għall-ħtiġijiet ta' l-evanġelizzazzjoni u tal-katekeżi li jeħtieġu l-komunitajiet tagħna, bl-għana kbir li joffrulna l-lezzjonarji, aħna u għandna quddiemna nies mgħammdin, adulti, żgħażagħ. M'għandniex ninsew li qed ngħixu f'soċjetà li hi f'qagħda ta' kritika quddiem il-kristjaneżmu, u l-fidili jeħtieġu min isaħħaħhom fil-fidi tagħhom biex jagħtu kont tat-tama tagħhom quddiem id-dinja tal-lum.

Drawwa personali u komunitarja adatta tal-*lectito divina* tal-Kelma ta' Alla u omeliji f'waqthom, skond il-ħtiġijiet tal-bniedem ta' llum, fid-dawl tat-tweġib dejjem veru tar-rivelazzjoni, jistgħu jagħtu kotra ta' frott.

## It-tħabbira ta' l-Ewkaristija għax-xandir tal-libertà

17. Bħal San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Korintin, quddiem l-iskandli li setgħu jsiru fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u quddiem tifsira restrittiva tal-verità tas-salvazzjoni u ta' l-impenji ta' fidi u ta' ħajja ta' talb, irridu ma nieqfu qatt inxandru t-tifsir veru tal-ġrajja tal-verità għolja li għandhom il-kliem li qal Kristu l-Mulej u l-komunità nisranija ta' żmien l-Appostli. It-tifsir sħiħ ta' l-Ewkaristija, il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni, li fil-qofol tagħha hemm il-misteru ta' l-Għid, jista' jiddi bid-dawl bla qjies li joħroġ min dan il-misteru li hu l-qofol tal-fidi, tal-kult u tal-ħajja tal-poplu ta' Alla.

L-Ewkaristija wkoll, għax għandha rabta meħtieġa max-xandir tal-kelma, twassal biex bla ħeda jerġa' jitħabbar l-Evanġelju lill-komunità nisranija biex it-tagħlim ta' Kristu jidwi fil-fehmiet tan-nies u jagħmel għeruq fi qlubhom, ħa joffri d-don tal-libertà vera li jagħti lid-dixxipli tiegħu. Dan jiġri jekk nimxu mit-triq li wriena Ġesù stess mis-smigħ tal-kelma sal-ħelsien sħiħ: *Jekk iżżommu l-kelma tiegħi tkunu tassew dixxipli tiegħi u tagħarfu l-verità u l-verità teħliskom* (Ġw 8, 31-32).

Qabel xejn irridu nuru fedeltà lejn il-kelma: dan jitlob rabta sħiħa ma' l-Imgħallem, mat-tagħlim tiegħu u ma' ħajtu. Il-fedeltà lejn il-kelma hi l-kondizzjoni meħtieġa biex inkunu dixxipli tiegħu. Din ir-rabta tagħti don li d-dixxipli biss forsi jistgħu japprezzaw għalkemm kulħadd ifittixha: tagħraf il-verità. Il-verità ta' l-Evanġelju tagħmilna nies ħielsa, tagħtina wkoll il-ġid mixtieq minn kulħadd: il-libertà, don ta' Alla, il-ħila li tħobb u tagħti lilek innifsek lill-oħrajn, bla ebda jasar jew irbit.

Iżda hi biss il-Verità, jiġifieri Kristu li hu l-Verità, tagħmilna nies ħielsa.

Ħielsa mill-iżbalji li għalihom iwassalna d-dnub, ħielsa mill-egoiżmu; ħielsa biex b'mod pożittiv nagħtu u ningħataw, sa l-offerta ta' ħajjitna stess għall-qadi ta' Alla u ta' għajrna. F'dan iż-żmien li b'tant qawwa qed tissemma' l-problema tal-ħelsien, tibqa' meħtieġa fuq li meħtieġa l-konfrontazzjoni mal-kelma tal-verità ta' Kristu u mas-setgħa tiegħu li jeħlisna.

## 2. Id-don tal-konversjoni u l-mixja tal-qdusija

### *Konversjoni u Ewkaristija*

18. L-ewwel frott tal-verità li tagħmilna nies ħielsa hu l-għarfien sħiħ tagħna nfusna li jwassalna għall-konversjoni. Mingħajr konversjoni ma nistgħux naraw x'inhi l-vera libertà nisranija.

Il-bidu stess tal-libertà nisranija hi l-għarfien li għandna naħfru. Hekk biss nistgħu naslu għall-bidla spiritwali sħiħa. X'inhi din il-bidla spiritwali? Hi l-ħelsien minn kull ma jhedded l-integrazzjoni interjuri tal-bniedem, jiġifieri ħelsien mill-aljenazzjoni li jġib id-dnub, ħelsien minn dak kollu li hu negattiv u ħażin, minn kull ma hu dnub. Pożittivament il-konverżjoni hi don ta' ħelsien li jwassal biex iseħħu l-kwalitajiet tajba li hemm minquxa fil-karattru tagħna u jwassal għal tmiem sħiħ, għall-milja kollha, ta' dak kollu li bih hi mżejna l-persuna umana, bil-ħila mogħtija lilha mill-Ħallieq.

Meta naħsbu fuq l-ideal tal-bniedem ħieles, ideal li l-Knisja trid twasslu għas-sħuħija, ħsiebna jmur f'dak li l-persuna umana ġa għandha bl-iżvilupp tagħna, f'dak li ġie mogħti lilha bil-grazzja ta' Alla, f'dak li minħabba dan trid tikseb, jiġifieri l-iżvilupp u l-kobor sħiħ tal-libertà. L-għajnuna għall-iżvilupp uman u soċjali, għajnuna li sseħħ bl-esperjenza u bil-grazzja, bil-pariri tajba, bl-għerf teoloġiku u t-talb: dawn huma l-pastorali u l-edukazzjoni għall-formazzjoni fil-libertà.

Iżda kollox jibda u jiġi ċċelebrat fil-misteru u l-ministeru tar-rikonċiljazzjoni, fis-sagrament tal-Penitenza, li mingħajru ma hemmx vera konverżjoni issiġillata mill-medjazzjoni tal-Knisja, li tħabbar f'isem Kristu r-rikonċiljazzjoni u tistieden għall-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla, tagħti l-grazzja, taħfer id-dnubiet u teħles mill-ħtija.

Il-Kungress Ewkaristiku jrid iqawwi l-għarfien tal-ħelsien veru permezz tas-Sagrament tal-Penitenza u ta' l-esperjenza ferrieħa li tħoss ruħek ħielsa u maħfura biex tkun ħmira ta' rikonċiljazzjoni, ta' maħfra u ta' sliem fil-Knisja u fis-soċjetà.

## Mixja ta' qdusija, triq ta' ħelsien

19. Flimkien ma' l-evanġelizzazzjoni u l-konverżjoni, meħtieġa pastorali li trid tkun dwar l-Ewkaristija u l-libertà u trid twassal għall-pedagoġija bil-fatti tal-għejxien tal-kelma ta' Alla, bħala effett ta' dak "it-twemmin fl-Evanġelju", u ta' dak il-mixi li hu l-bidu u l-pedament ta' kull konverżjoni, u ta' rabta sħiħa ma' l-Imgħallem u l-kawża tiegħu.

Il-qawwa konvinċenti tal-verità nisranija wieħed jgħixha fl-esperjenza bil-fatti tal-ħelsien ta' wlied Alla, fl-ubbidjenza tal-fidi, u fil-qdusija li hi mixja ta' ħelsien evanġeliku. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Il-ħajja ta' qdusija li tiddi f'tant membri tal-poplu ta' Alla, umli u spiss moħbijin għal għajnejn in-nies, hi t-triq l-aktar sempliċi u ssaħħar li minnha wieħed jintebaħ minnufih bil-ġmiel tal-verità, bil-qawwa ħelliesa ta' l-imħabba ta' Alla, bis-siwi ta' fedeltà sħiħa għal dak li titlob il-liġi tal-Mulej, ukoll f'qagħdiet mill-aktar diffiċli" (23). Fil-fatt il-qdusija nisranija turi, mill-għarfien tal-verità li tikkonvinċi intimament il-ġmiel tal-pjan ta' Alla, il-qawwa ħelliesa ta' l-imħabba, is-siwi tal-fedeltà.

Hawn l-Ewkaristija għandha importanza essenzjali, kif juri sewwa l-Papa: "Bit-tisħib fis-sagrifiċċju tas-salib (permezz tas-sagramenti u ta' l-Ewkaristija), in-nisrani jidħol f'xirka ma' l-imħabba li jagħti Kristu, u tingħatalu l-ħila u jkun impenjat biex jgħix din l-imħabba fis-suriet kollha tagħha u fl-imġiba ta' ħajtu. Fil-ħajja morali jidher u jseħħ ukoll il-qadi regali tan-nisrani: aktar ma jobdi bl-għajnuna tal-grazzja l-liġi ġdida ta' l-Ispirtu s-Santu, aktar jikber f'dik il-libertà li għaliha hu msejjaħ permezz tal-qadi tal-verità, ta' l-imħabba u tal-ġustizzja" (24).

# 3. Mit-talba Ewkaristika għat-talba għall-ħelsien

## *It-talba Ewkaristika*

20. Il-ħelsien veru ta' wlied Alla, għax hu don ġej mis-sema u hu tisħib fin-natura ta' Alla, jitlob mill-Knisja kollha u minn kull nisrani talba umli u mħeġġa. Il-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija bit-talba Ewkaristika li bil-varjetà għonja u ta' l-għaġeb ta' l-anafori u tat-talbiet tal-lvant u tal-punent, tfisser b'mod ta' l-għaġeb it-tifsir sħiħ tal-misteru ta' l-Għid li qed jiġi ċċelebrat.

Il-frott misjur tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali jista' jkun dak li tinsab mill-ġdid it-teoloġija u l-ispiritwalità tat-talbiet Ewkaristiċi u r-rabta tagħhom mad-don tal-ħelsien li bih Kristu għamilna nies ħielsa.

Xi indikazzjonijiet pedagoġiċi jistgħu jgħinu biex naraw id-dimensjoni ta' talba Ewkaristika u jwasluna biex infasslu t-talb personali u komunitarju tagħna bl-istess qagħda ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

## Radd ta' ħajr għad-don

21. Qabel xejn wieħed irid l-ewwel jagħraf l-għemejjel salvifiċi tal-Mulej tul il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni li bihom għamel għeġubijiet għall-ħelsien tagħna, mill-ħolqien għall-fidwa, mill-istennija għall-ħelsien sħiħ ta' l-ulied ta' Alla fil-glorja. Minn din it-tifkira jiġu l-barka, it-tifħir, ir-radd il-ħajr, l-Ewkaristija.

Il-Verġni Marija fil-*Magnificat,* li jnebbaħ il-Knisja fil-kantiku tagħha ta' tifħir lil Alla, tistedinna biex infaħħru lill-Mulej għall-ħwejjeġ kbar li għamel għall-poplu tiegħu u għadu jagħmel għalina fil-ġrajja tas-salvazzjoni tal-Knisja u tal-popli kollha.

Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali hu att kbir ta' radd il-ħajr għall-ħelsien li reġa' nkiseb, li jippermetti li Kristu ta' l-Ewkaristija jiddi mill-i*Statio orbis* tal-lvant ta' l-Ewropa sat-truf kollha ta' l-art.

## Nitolbu l-Ispirtu

22. Il-ħelsien hu don ta' l-Ispirtu s-Santu: kif fl-Ewkaristija nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex l-offerti jibdilhom fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u l-ġemgħa liturġika f'ġisem wieħed u spirtu wieħed, hekk ukoll talba mħeġġa trid bla heda titla' għand il-Missier biex bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu titnissel fi qlub il-fidili, fil-komunitajiet, fil-familji, fis-soċjetà, ħelsien veru fl-imħabba, il-qawwa ħelliesa ta' l-imħabba għall-bini ta' dinja ġdida.

Marija, li bit-talba tagħha sejħet u stenniet l-Ispirtu ta' Għid il-Ħamsin, hi xbieha ta' talba dejjem sejra u mimlija fiduċja.

Il-Kungress Ewkaristiku hu epiklesi ħerqana u korali tal-Knisja kollha biex l-Ispirtu s-Santu jnissel ħelsien veru fil-kuxjenza tan-nies, jissaħħaħ fost il-popli, jasal f'dawk in-nazzjonijiet fejn għad ma hemmx libertajiet ċivili u reliġjużi sħaħ, hekk li l-bnedmin kollha ħielsa minn kull tfixkil u rbit, jistgħu jqimu liberament lil Alla.

## L-offerta ta' qalb ħielsa

23. Jekk l-għajn tal-ħelsien veru għall-ġens kollu tal-bnedmin tinsab fl-offerta ħielsa ta' Kristu lill-Missier, li biha ġejna mifdijin u mqaddsa, il-kondizzjoni essenzjali biex inkunu ħielsa u nġibu 'l quddiem il-libertà hi l-offerta umli u konvinta tagħna nfusna, b'dik il-libertà li tinnobilita l-bniedem fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla u tagħmlu d-don l-aktar xieraq li jista' jingħatalu. F'xirka ma' Kristu, it-talba Ewkaristika tgħallimna nagħmlu

minn ħajjitna sagrifiċċju li jibqa' dejjem, offerta li togħġob lil Alla b'qima spiritwali (ara Rum 12, 1-2). Bl-"iva" tagħna nkunu nroddu lil Alla dak li hu tiegħu u nħalluh jagħmel fina r-rieda tiegħu li ssalvana u tqaddisna.

L-Omm tal-Mulej, il-Verġni li toffri lilha nfisha u tingħata f'idejn Alla fit-tħabbira ta' l-Anġlu, li toffri 'l Kristu fit-tempju u fuq il-kalvarju, waqt li ssieħeb ma' din l-offerta tagħha id-don ħieles tagħha nfisha, hi xbieha ma hemmx oħra bħalha għall-Knisja, f'dan l-għemil ta' radd lura lil Alla tal-ħelsien tagħna u ta' l-impenn tagħna li nagħtu sehemna għall-pjan tiegħu ta' salvazzjoni.

Il-Kungress Ewkaristiku, huwa u jagħraf id-don tal-ħelsien personali u soċjali, għandu jgħin dik it-tweġiba ta' fidi u ta' mħabba li tinbidel fl-offerta tagħna nfusna flimkien ma' Kristu biex il-Knisja kollha, hija u tagħraf x'don irċeviet, tissieħeb ma' Alla biex il-ħelsien veru jagħmel għeruq fil-qlub fis-soċjetà, fil-familja, fl-għaqda flimkien tal-popli.

## Interċessjoni universali

24. Fit-talba Ewkaristika, il-Knisja, hija u tafda fix-xirka tal-Qaddisin u fil-medjazzjoni ta' Kristu, toffri lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu l-interċessjoni universali tagħha għall-ħtiġijiet tal-ġens kollu tal-bnedmin. Quddiem id-dehra tas-soċjetà tagħna, tal-ħafna fehmiet u suriet ta' mġiba ta' libertà mhijiex ħielsa u mifdija, tal-frott qares ta' l-egoiżmu li jassar u jiċħad id-dinjità tal-persuna umana, talba ħerqana u qawwija trid toħroġ mill-qalb ta' kull min jemmen għall-vittmi tal-lum tal-mibegħda, tal-vjolenza, ta' l-isfruttament, interċessjoni li hi espressjoni ta' l-imħabba ta' Kristu.

Marija, Omm il-Knisja, fl-interċessjoni evanġelika tagħha f'Kana u fil-medjazzjoni tagħha ta' omm fis-sema, għal kulħadd, hi mudell ta' talba universali kollha fiduċja, espressjoni ta' dik l-imħabba li rridu nkunu attenti li nuru lil ħutna fil-bżonn.

Hawn ukoll, quddiem Kristu li hu "l-Mistenni mill-ġnus u l-Ħellies tagħhom", Xemx Ewkaristika ta' verità u ta' grazzja li jdawwal bid-dija tiegħu l-ġijografija u l-istorja tal-ġens kollu tal-bnedmin, il-Kungress Ewkaristiku għandu jagħti bidu ta' talba kbira ta' interċessjoni biex il-libertà li nkisbet bi prezz hekk għoli tibqa' u tagħmel l-għeruq tagħha fin-nazzjonijiet kollha.

## Konklużjoni

## Il-ħelsien tal-qawwiet tal-ġid

31. Iċ-ċelebrazzjoni tas-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li għall-ewwel darba qed isir fil-Polonja, u laqqa' flimkien il-misteru ta' l-Ewkaristija

mad-don tal-ħelsien fi Kristu, għandu jkun żmien f'waqtu biex isseħħ evanġelizzazzjoni ġdida u tqanqal entużjażmu ġdid: il-ħeġġa ta' gruppi ta' saċerdoti, ta' istituti ta' ħajja konsagrata, ta' lajċi li laħqu l-kobor sħiħ tagħhom, u speċjalment ta' żgħażagħ. Ikoll iridu jgħinu biex iġibu 'l quddiem il-liturġija u l-opri karikativi, kulturali u soċjali. Ċentru ta' dawn il-gruppi għandha tkun il-parroċċa li b'sura tassew speċjali hi komunità Ewkaristika (25).

Waqt li l-Knisja qed titħejja biex tiċċelebra l-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, hekk marbut ma' l-esperjenza ta' libertà vera u ta' ħelsien veru, soċjali wkoll, iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika trid tgħin biex tagħti l-ħelsien lill-priġunieri, il-ferħ lill-imnikktin, is-saħħa u t-tama lill-morda u lil dawk mimlijin b'dubji, il-kumpanija lil dawk li jinsabu weħidhom, l-għajnuna lill-foqra.

Jalla l-grazzja ta' l-Ewkaristija mħabbra, iċċelebrata, komunikata u adorata tgħin biex tkisser kull rabta ta' moħqrija, ta' mibgħeda, u ta' egoiżmu, u ġġib 'il quddiem, b'dedizzjoni sħiħa u wkoll bl-offerta tal-ħajja favur l-oħrajn, moviment kbir ta' mħabba, soċjali wkoll, biex ikun hemm prospetti għal kollox ġodda u differenti għall-pajjiżi tal-lvant, li għadhom kemm ħarġu minn żmien twil ta' moħqrija, u fin-nazzjonijiet kollha tad-dinja, permezz ta' kultura ta' xirka u ta' għaqda. Id-dixxipli ta' Ġesù b'dan il-mod ikunu żerriegħa ta' soċjetà ġdida, fejn is-solidarjetà twassal biex kull wieħed jerfa' l-piż ta' l-ieħor, fejn il-bnedmin ħielsa u rikonċiljati internament jagħarfu u jgħixu fil-hena u s-sliem soċjali.

## Il-mixi lejn libertà definittiva

32. Nistgħu nqawwu dawn it-tamiet, għax l-Ewkaristija b'mod proprju tagħha, tfisser x'inhi t-tama nisranija. Turi li l-ħidma tal-bniedem fid-dinja, it-tamiet tiegħu, il-libertà tiegħu, quddiem kull ġid li nkiseb, ma jwasslux għall-milja tagħhom f'din id-dinja. Fit-tama traxxendenti tiegħu l-bniedem għandu fih innifsu aspirazzjonijiet, ħolm, xewqat li bil-ħila tiegħu biss qatt ma hu se jilħaqhom. Fit-triq li twassal biex jinkisbu ma hemmx biss il-mewt. It-tmiem tagħhom mhux il-ġejjieni storiku imma l-ġejjieni traxxendenti. Il-ġrajja tal-ġens tal-bnedmin fiha nfisha ma tilħaqx il-milja kollha tagħha jekk mhux fil-glorja.

Il-Konċilju Vatikan II, huwa u jqis is-siwi tal-ħidma tal-bniedem fid-dawl tal-misteru ta' l-Għid, wera xi tfisser libertà li tkun sħiħa meta l-ġens kollu tal-bnedmin jingħata lil Alla bħala offerta li togħġob (ara Rum 15,16). Aħna u mexjin lejn dan il-ġejjieni, il-Knisja tiżgurana: "rahan ta' din it-tama u vjatku fil-mixi tagħna, il-Mulej ħallih għal dawk li huma tiegħu, f'dak is-sagrament tal-fidi li fih l-elementi naturali mkabbrin bil-ħidma tal-bniedem, jinbidlu fil-ġisem u d-demm glorjuż tiegħu, bħala ikla bejn l-aħwa u ħjiel minn qabel ta' l-ikla tas-sema" (26).

## Ma' Marija Omm Ġesù

33. Fil-programm tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, għalkemm dan ma ntqalx ċar u tond, tidher il-fehma li aħna nistgħu ningħaqdu ma' Kristu bl-għajnuna materna tal-Marija, Omm Bin Alla.

Din m'hijiex biss sempliċi indikazzjoni ta' dik li hi d-devozzjoni tradizzjonali tal-Knisja, u b'mod speċjali tal-Polonja u tal-pajjiżi tal-lvant għall-Verġni Marija.

F'Marija l-Knisja tara mudell ta' ħelsien nisrani. Il-ħelsien jingħata lin-nisrani mhux biss biex iwettaq lilu nnifsu, imma wkoll biex jagħti lilu nnifsu għall-imħabba.

Minn dan jagħraf li jinbena minnu nnifsu u minn rajh jagħżel li jagħmel sehem minn dawk il-komunitajiet li l-familja hi l-ewwel ċellula, u warajha jiġu l-komunitajiet lokali u professjonali, in-nazzjon, il-komunità internazzjonali. Din il-qagħda biex twasslek biex tagħti lilek innifsek hi qawwa li l-ogħla eżempju tagħha tagħtihielna Marija, Omm Alla, li turi ruħha dejjem f'rabta sħiħa ma' Alla u mal-Poplu tiegħu.

Fil-Verġni li mat-tħabbira ta' l-anġlu tingħata kollha kemm hi minn rajha lill-Missier, biex tissieħeb miegħu fl-opra tas-salvazzjoni tal-ġens kollu ta' bnedmin, fil-Verġni tal-*Magnificat* li tkanta l-ħidma ta' Alla għas-salvazzjoni fl-imgħoddi, issa u fil-ġejjieni ta' l-istorja, Ġwanni Pawlu II jistedinna nikkontemplaw lil dik li "tiddependi għal kollox minn Alla, u kollha kemm hi mdawra lejh bil-ħeġġa tal-fidi tagħha, Marija ħdejn binha, hi l-ikona l-aktar perfetta tal-libertà u tal-ħelsien tal-ġens kollu tal-bnedmin u tal-ħolqien kollu" (27).

Għall-interċessjoni tagħha ta' omm nafdaw iċ-ċelebrazzjoni tas-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Wrowlaw, biex kotran ikun il-frott li joħroġ mill-Ewkaristija biex il-bnedmin u l-popli kollha, imdawlin u mwettqin minn Kristu, Dawl tad-dinja u Ħobż li niżel mis-sema, jistgħu jgawdu l-ħelsien veru li bih il-Feddej tal-bniedem għamilna nies ħielsa biex nibqgħu ħielsa (ara Gal 5,1).

---

## NOTI

1. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n 1730, ara *Gaudium et Spes* n17
2. Ara Talba Ewkaristika IV
3. Ittra App. *Tertio Millennio Adveniente,* n.11
4. *Ibid.* n.40
5. Talba Ewkaristika VC.
6. *Veritatis splendor,* n 84
7. *Ibid.* n 84
8. *Ibid.* n 86
9. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n 1741-1742

10. *Veritatis splendor,* n 85
11. *Ibid.* n 87
12. Enċikl. *Redemptor hominis,* n 10
13. Talba ewkaristika, II
14. Talba ewkaristika IV
15. Anafora ta' San Ġakbu
16. Talba ewkaristika II għar-rikonċiljazzjoni.
17. Talba ewkaristika IV
18. Omelija waqt il-Quddiesa fil-ftuħ tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali, f'Varsavja, 8 ta' Ġunju 1987.
19. *Sheder haggadah shel pesah*
20. Talba ewkaristika IV.
21. *Adversus haereses,* III, 15, 3
22. *Ibid.* IV, 18, 1-2
23. *Veritatis splendor* n 107
24. *Ibid*
25. Eżort. app. *Christifideles laici,* n 26
26. *Gaudium et Spes,* n 38
27. Enċikl. *Redemptoris mater,* n 37.

# Il-Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali

*Punti għal riflessjoni proposti minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'laqgħa mar-rappreżentanti tal-mass media*

## Sehem il-*media* b'riżq il-verità

1. Qed ngħixu f'dinja dominata mil-lingwaġġ u l-kultura tal-*media*. Jekk hawn qasam li fih jidher sew l-avvanz teknoloġiku enormi li għaddejja minnu l-kultura tas-seklu tagħna, dan huwa l-qasam tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni. Għal ħafna nies il-*media* huma l-mezzi ewlenin ta' edukazzjoni u formazzjoni, ta' gwida u ispirazzjoni fl-imġiba tagħhom bħala individwi, bħala familji u fis-soċjetà in ġenerali.

2. Il-Knisja, li qed tfittex li jkollha djalogu iżjed ħaj mad-dinja ta' llum, tixtieq li ma' min hu responsabbli tal-*mass media* jkollha djalogu onest u ta' rispett reċiproku sħiħ. Il-Knisja qed tħabrek biex tifhem dejjem iżjed il-*mass media* u tinkuraġġixxi l-koperazzjoni tagħhom. Hija trid tqawwi qalb dak li jaħdmu fihom, biex fis-servizz tagħhom ma jehdew qatt jirsistu għad-dinjità tal-bniedem u għall-ġid komuni.

## Il-programmi reliġjużi

3. Meta l-*media* jkunu mħaddma tajjeb, il-kontribut tagħhom biex il-bniedem jagħraf sew lilu nnifsu bħala ħolqien xbieha ta' Alla, ħalli b'hekk jgħix tassew fl-imħabba tal-Ħallieq u fis-sliem mal-proxxmu tiegħu, jista' jkun kontribut kbir. Madankollu, kif jinnota l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Komunikazzjoni Soċjali ta' din is-sena, jidher li fil-*media* qed jitnaqqsu l-programmi b'ispirazzjoni reliġjuża u spiritwali, programmi moralment tajbin li jgħinu lin-nies jgħixu ħajjithom aħjar. Dan ġiegħel lill-Papa jinnota li mhix ħaġa ħafifa tkun ottimist dwar l-influwenza pożittiva tal-*mass media*, meta dawn aktarx jidhru li ma jafux x'inhi l-ħidma vitali tar-reliġjon fil-ħajja tan-nies, jew meta jitkellmu b'mod sistematiku negattiv dwar twemmin reliġjuż.

4. It-taqlib kulturali li rranka f'pajjiżna, speċjalment bil-miġja tal-pluraliżmu fix-xandir, jinkludi xejriet ġodda fl-atteġġjament tal-*media* lejn ir-reliġjon, il-Knisja u tagħlimha. F'dawn ix-xejriet insibu taħlita ta' pożittiv u negattiv. Il-ħidma li l-Knisja tagħmel fuq livell soċjali, per

eżempju, hija apprezzata u nkuraġġuta ħafna fil-*media*. Iżda meta niġu għall-impenn tal-Knisja li tgħallem il-verità ta' Kristu, li mhux dejjem hi popolari speċjalment f'oqsma fejn il-Feddej tal-Bniedem jitlob minna sens ta' sagrifiċċju u ta' ċaħda, ħafna drabi r-riħ tal-*media* ma jonfoħx l-istess. Saħansitra ssib min sistematikament, tista' tgħid f'kull okkażjoni li jkollu, ifittex li jiżra' l-isfiduċja fit-tagħlim tal-Knisja u li jqiegħed lil min jemmen f'dawl stramb, antikwat u ikrah.

5. Jiena ma naħsibx li f'Malta hawn xi gazzetta jew mezz tax-xandir li jridu jaraw lilhom infushom meqjusin bħala li huma kontra r-reliġjon jew kontra l-Knisja. Mill-banda l-oħra, però jista' jkun li wasal iż-żmien li edituri, kapijiet, ġurnalisti u kummentaturi tal-*media* jeżaminaw ftit lilhom infushom ħalli jaraw fejn jinsabu f'dan ir-rigward.

## Id-dinja u l-verità

6. Id-dinja moderna qed titbiegħed dejjem iżjed mill-verità. Ħafna drabi, id-dinja li qed ngħixu fiha mhux biss tiċħad il-veritajiet speċifiċi tal-fidi Nisranija, talli ħaddnet u għamlet moda l-idea li m'hemmx verità imma hemm biss opinjonijiet – il-fehma tiegħi u l-fehma tiegħek, li huma kollha ugwali u ndaqs. Iżda l-missjoni tal-Knisja hija eżattament li xxandar dik il-verità universali li d-dinja trid tagħlaq għajnejha għaliha, minkejja li għandha tant bżonn urġenti tagħha. Hu għalhekk li l-Knisja qed tkun daqstant kontradetta.

7. Il-Knisja ma tibżax mill-kritika. Għall-kuntrarju, il-kritika l-Knisja tridha u għandha bżonnha. Basta min jikkritika jagħmel dan b'responsabbiltà, b'onestà u b'lealtà. Lill-kritiku li jkun imqanqal mix-xewqa li jibni, mhux iħott, il-Knisja tgħożżu.

8. Il-Knisja, inkluż f'pajjiżna, trid tħabrek biex quddiem il-kofużjoni morali li qed tinfirex fid-dinja, tgħinna niltaqgħu mill-ġdid mal-messaġġ ta' Alla għall-bnedmin kollha, fil-kulturi kollha. Jidher ċar, infatti, li hemm bżonn urġenti li l-umanità tiskopri mill-ġdid it-tifsira u s-sens veru tal-ħajja f'Ġesù Kristu, il-Feddej uniku tal-bnedmin kollha, permezz tal-Knisja.

9. F'din il-missjoni tagħha, il-Knisja f'Malta tixtieq issib fil-*media* koperazzjoni u għajnuna biex il-poplu tagħna jibqa' jgħożż it-tagħlim ta' Kristu, li hu dejjem attwali u rilevanti. Il-*media* jistgħu jagħtu kontribut imprezzabbli biex lill-bniedem tal-lum inwasslulu lil Ġesù, li huwa u jibqa' it-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

10. Kif jawgura l-Papa, jalla din tkun ix-xewqa u l-impenn ta' dawk kollha li jistqarru lil Ġesù Kristu bħala għajn ta' ħajja u verità, u li għandhom il-privileġġ u r-responsabbiltà li jaħdmu fid-dinja kbira u setgħana tal-Komunikazzjoni Soċjali.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lil *St Michael's School* f'għeluq il-50 sena tagħha

Nixtieq nifraħ lill-iskola *St Michael's* tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija f'għeluq il-50 sena tagħha.

Mill-magażin ta' l-iskola li jasalli kull sena, jiena naf sewwa x'inhi l-ħidma edukattiva li s-Soċjetà tal-MUSEUM tagħti lill-istudenti ta' din l-iskola, edukazzjoni kulturali u nisranija, sħiħa, u jiena konvint minn dan għax naf li l-mexxejja u l-għalliema ta' l-iskola qed jaqdu dmirhom bi spirtu ta' appostolat nisrani.

Lill-mexxejja u l-għalliema ta' l-iskola jien nawguralhom li jibqgħu jaqdu d-dmirijiet kollha tagħhom bi spirtu ta' servizz għall-glorja ta' Alla, ħalli dawk kollha li jtemmu l-istudji tagħhom f'*St Michael's*, kemm jekk ikomplu l-istudji tagħhom fi gradi iktar għoljin, u kemm jekk jidħlu fid-dinja tax-xogħol, tul ħajjithom kollha ma jonqsu qatt li dejjem jagħtu xhieda ta' ħajja tassew nisranija.

Din hi x-xewqa tiegħi għall-istudenti kollha ta' *St Michael's*: jalla jieħdu dejjem bis-serjetà kollha l-istudji tagħhom, u jgħożżu l-formazzjoni nisranija li qed tagħtihom l-iskola, formazzjoni li m'hijiex biss l-istudju ta' l-ilsna u tal-materji l-oħra tal-klassi, imma wkoll l-irġulija u s-sinċerità fl-imġiba, l-imħabba għall-ġmiel u s-seħer ta' l-ambjent ta' din l-art ħelwa li tatna isimha, għarfien xieraq tal-ġrajjiet sbieħ u koroh ta' art twelidna, u interess li ma jonqos qatt f'dak kollu li hu tal-bniedem bħala iben ta' Alla, mifdi bid-Demm għażiż ta' Kristu.

Jalla San Mikiel, l-Arkanġlu protettur tagħkom, li ġieb rebħa sħiħa fuq is-setgħat ta' l-infern, iħariskom, iwettaqkom jmexxikom fis-sewwa kollu, intom u taqdu l-missjoni tagħkom f'din id-dinja għall-glorja ta' Alla, għall-kobor tal-Knisja u għall-ġid ta' pajjiżna.

Is-sliem u l-barka tal-Mulej ikunu dejjem magħkom.

Illum, 14 ta' Mejju, festa ta' l-Appostlu San Mattija, fis-sena tal-Mulej, 1997.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lil *Stella Maris College*

Kemm-il darba ġie f'idejja l-magażin *The Stelmarian* ta' *Stella Maris College* dejjem nieħu pjaċir inqallbu għax tinteressani ħafna l-ħajja ta' l-iskejjel tal-Knisja.

Kelli ħafna kuntatti ma' l-iskejjel tal-Freres u dejjem kelli apprezzament kbir ta' l-edukazzjoni li jagħtu fl-ispirtu ta' San Ġwann Battista de la Salle.

Lill-istudenti ta' Stella Maris College nixtieq ngħidilhom biex jieħdu bis-serjetà l-istudji tagħhom, iżda dan ma għandux ifisser li jittraskuraw kull ħidma oħra bħalma huma l-isport, il-passatempi, il-qari, il-ħarġiet fil-kampanja u l-imħabba għall-ambjent: dawn kollha huma importanti daqs l-istudju u jgħinu fil-bini tal-karattru tal-bniedem, li jrid isawru fid-dawl ta' l-Evanġelju ta' Kristu. Il-Freres mhux qed jonqsu li jedukawkom b'dan il-mod.

Għeżież studenti ta' Stella Maris College, jalla twiegbu bil-ħeġġa kollha għall-isforzi tagħhom biex fil-ġejjieni tagħtu sehemkom għal Malta aħjar. Iberikkom il-Mulej u tħariskom il-Verġni Marija.

Illum 25 ta' April 1997, festa ta' San Mark Evanġelista.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-parroċċa ta' Marsaxlokk f'għeluq il-100 sena tagħha

Is-27 ta' Frar 1897 kien jum ta' ferħ għan-nies li kienu marru joqogħdu Marsaxlokk meta s-seklu li għadda kien qed joqrob għat-tmiem tiegħu: dak in-nhar digriet ta' l-isqof Pietru Pace għolla l-knisja ta' Marsaxlokk, li kienet inbniet ftit snin qabel, għad-dinjità ta' parroċċa.

Kien jixraq li l-knisja ġdida ta' Marsaxlokk tkun iddedikata lill-Madonna ta' Pompej. Pompej kienet belt pagana, ċentru ta' qima lill-allat fiergħa u giddieba tal-paganeżmu, kienet belt li nqerdet għal kollox fis-senaa 70wKr meta sbroffa l-Vessuvju; damet post minsi għal kollox għal mijiet ta' snin sakemm il-Beatu Bartolo Longo fetaħ hemm ċentru ta' ħidma ta' appostolat fost nies li kienu jinsabu 'l bogħod mill-Knisja, u madwar iċ-ċentru bena għadd ta' istituti li ħa jieħdu ħsieb it-tfal iltiema u abbandunati. Marsaxlokk ukoll fl-imgħoddi mbiegħed kien ċentru ta' qima pagana magħruf mill-ġnus kollha tal-Mediterran u kien jixraq li fis-seklu li għadda wkoll isir ċentru ta' devozzjoni lill-Madonna ta' Pompej. Kienet għażla providenzjali għax id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompej kienet għadha kemm tibda f'Malta, kif kienet għadha qed tibda fl-Italja.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompej għadha fostna u f'ħafna parroċċi fit-8 ta' Mejju u fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, festa tar-Rużarju Mqaddes, f'nofsinhar għadha tingħad is-supplika, l-istess kif isir f'Pompej. Iżda f'pajjiżna, f'Marsaxlokk, f'dawn l-aħħar snin bdiet issir ċelebrazzjoni oħra: pellegrinaġġ nazzjonali nhar it-8 ta' Mejju filgħaxija, li jiġbed lejh dawk kollha li huma devoti lejn il-Madonna ta' Pompej.

Jien nistieden lix-Xlukkajri kollha biex iżommu ħajja fosthom id-devozzjoni lejn Omm Alla, u ma jieqfu qatt jitolbuha biex iżżomm ħarsitha fuqhom, fuq il-familji tagħhom, fuq uliedhom, fuq il-morda u l-anzjani tagħhom. Iżda nħoss li għandi nagħmel stedina speċjali lix-Xlukkajri kollha biex jitolbu lill-Mulej Ġesù jitfa' ħarsa ta' mħabba speċjali fuq xi wħud minn uliedhom ħa jsejħilhom warajh biex bħal San Pietru u San Andrija, ikunu mhux biss sajjieda tal-ħut imma sajjieda ta' l-erwieħ għall-kobor tas-Saltna tiegħu fid-dinja.

Illum 7 ta' Ġunju, festa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija fis-sena 1997.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-Moviment Kerygma għall-Kampanja Nazzjonali Solidarjetà fl-Isport 1997

Inħossni fid-dmir li din is-sena wkoll nibgħat ix-xewqat tajba tiegħi lill-Moviment Kerygma fl-okkażjoni tal-Kampanja Nazzjonali Solidarjetà fl-isport 1997.

Hi kampanja edukattiva li tfittex mhux biss l-għan veru ta' kull attività sportiva li hi dik li ssawwar *mens sana in corpore sano,* imma wkoll, u wisq aktar, li tnissel fiż-żgħażagħ spirtu ta' ġenerożità favur dawk it-tfal u ż-żgħażagħ li huma inqas ixxortjati għax imġarrbin minn xi nuqqas fl-iżvilupp naturali tagħhom.

Tul il-ġranet kollha tal-kampanja sportiva tagħhom iż-żgħażagħ tal-moviment Kerygma se jitħabtu u se jegħjew mhux biss biex jieħdu pjaċir bl-attività li jkunu jagħmlu, imma biex jgħinu wkoll id-Dar tal-Providenza fil-ħidma dejjem sejra tagħha favur ir-residenti fit-tliet vilel li jiffurmaw il-kumpless tad-Dar tal-Providenza.

L-attività sportiva li se jagħmlu kemm iddum il-kampanja se tiġbed ħafna nies li mqanqlin mill-ġenoriżità taż-żgħażagħ tal-Movimet Kerygma se juru huma wkoll ġenerożità kbira mad-Dar tal-Providenza. Dan mhux se jonqos lanqas f'din is-sena għax il-ġenerożità taż-żgħażagħ tal-Moviment Kerygma ma tistax ma tqanqalx l-qlub tajba tal-ħafna Maltin li jmorru jaraw l-attività sportiva tagħhom u li huma wkoll fin-natural tagħhom ġenerużi ħafna ma' min jeħtieġ l-għajnuna ta' l-oħrajn.

Il-Mulej ibierek il-ħidma tagħkom u jagħtikom is-sliem tiegħu.

Illum 6 ta' Ġunju, solennità tal-Qalb ta' Ġesù.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-Assemblea Ġenerali tal-Koppji Mexxejja tal-Korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ – Moviment ta' Kana

1. Żwieġ nisrani hieni jitlob tħejjija serja u responsabbli. Għaldaqstant, ix-xogħol pastorali voluntarju li qed jagħmlu l-koppji li qed imexxu korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ fi gruppi żgħar, fi ħdan il-Moviment ta' Kana, hu xogħol imprezzabbli. Hu xogħol li minnu jgawdi kulħadd, inklużi l-Knisja u l-pajjiż.

2. Żwieġ ifisser vokazzjoni. Din il-vokazzjoni tiġi mingħand Alla. Iż-żwieġ ifisser vokazzjoni li magħha għandha marbuta missjoni. Din il-missjoni ma jfassalhiex il-bniedem innifsu, imma hija determinata mill-pjan ta' Alla. Dan ifisser li n-nisrani ma jistax ifassal iż-żwieġ tiegħu kif jidhirlu hu u skond ma jkun jogħġbu. Ifisser ukoll li n-nisrani ma jistax, fiż-żwieġ tiegħu, jikkopja xi stil ta' żwieġ li jkun ra jew sema' bih, forsi permezz ta' xi sensiela televiżiva, li fih Alla jingħata l-ġenb. In-nisrani jrid jifhem li meta Alla jsejjaħlu għaż-żwieġ, hu jrid jimxi skond ir-rieda ta' Alla.

3. Fiż-żwieġ Alla jitlob imħabba sħiħa u għaqda dejjiema bejn ir-raġel u l-mara. Jitlob li l-koppja miżżewġa jingħataw għal xulxin f'kollox u għal dejjem. Jitlob li huma jilqgħu r-rigal ta' l-ulied li Alla jogħġbu jibagħtilhom u li bil-kelma u bl-eżempju tagħhom lil uliedhom ikabbruhom fl-imħabba ta' Alla.

4. Biex il-miżżewġin ikunu jistgħu jgħixu sewwa l-missjoni taż-żwieġ, iridu jitolbu bla heda lill-Mulej biex jagħtihom il-fidi. Kif Ġesù, fil-mumenti tat-tbatija, meta kien iħossu waħdu, talab l-għajnuna ta' Alla Missieru, hekk ukoll il-miżżewġin fil-mumenti ta' nuqqas ta' ftehim, diffikultà, prova, nuqqasijiet u kriżijiet, iridu flimkien iduru lejn Alla u jitolbuh isaħħaħ fihom il-fidi, iħeġġiġhom fil-qawwa tal-komprensjoni u l-maħfra, u jġeddidhom fl-imħabba ta' xulxin.

## Il-Knisja u l-Istat

5. Il-post li għandu ż-żwieġ fil-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà huwa kbir. Dan il-kobor taż-żwieġ iqiegħed responsabbiltà enormi fuq il-Knisja u fuq l-Istat. Din ir-responsabbiltà hija li, Knisja u Stat, skond il-kompetenza u l-mezzi proprji tagħhom, f'rispett lejn l-awtonomija ta' xulxin imma wkoll id f'id, il-Knisja u l-Istat jirsistu bla heda u jagħmlu minn kollox biex

l-għarajjes li jkunu qed iħejju għaż-żwieġ jingħataw tħejjija u għajnuna xierqa. L-għarajjes iridu jiġu mfehma r-responsabbiltajiet u d-doveri permanenti li jġib miegħu ż-żwieġ. Iridu jkunu mgħejjuna wkoll iħarsu lejn iż-żwieġ b'mod pożittiv.

6. Ikun żball kbir, għall-pajjiż ukoll, jekk l-insistenza nqiegħduha fuq il-mard fiż-żwieġ minflok fuq is-saħħa taż-żwieġ. Is-sens ta' direzzjoni tagħna fit-tħejjija għaż-żwieġ u fit-tisħiħ għandu jkun dak li nagħmlu minn kollox biex iż-żwiġijiet jibqgħu b'saħħithom u nbegħduhom mill-mard li jista' jifnihom u jfarrakhom. Bħalma nagħmlu kull ma nistgħu biex nedukaw in-nies kif jgħożżu saħħithom u jitbegħdu mir-riskju tal-mard, hekk ukoll irridu nifformaw lill-miżżewġin fil-ħarsien tas-saħħa taż-żwieġ tagħhom. Lill-miżżewġin irridu ngħinuhom ikunu dejjem lesti u kapaċi jagħmlu s-sagrifiċċji kollha li jkun hemm bżonn biex iż-żwieġ tagħhom jirbaħ fuq il-mard u jibqa' sħiħ. Huwa minnu li jeżistu ħafna ħwejjeġ, ukoll fostna, li jdgħajfu ż-żwieġ nisrani. Madankollu, nafu lkoll, bħala nies għaqlin, li t-tinġiż irridu nissieltu kontrih b'konvinzjoni u determinazzjoni.

7. Wieħed mis-servizz li Alla jitlob mingħand il-miżżewġin hu li bil-ħajja miżżewġa tagħhom juru li l-Mulej iħobb lil kull wieħed u waħda minna, ukoll meta nonqsuh. Il-miżżewġin insara jafu li biex huma jkunu jistgħu jaqdu dan is-servizz kif imiss, iridu jfittxu t-tisħiħ ta' l-imħabba u l-għaqda tagħhom fit-talb flimkien u għal xulxin. It-talb jgħin lill-miżżewġin jegħlbu dawk is-sitwazzjonijiet li jistgħu jbegħduhom minn xulxin. Dan it-talb il-Mulej jistennieh mingħand it-tnejn: ir-raġel u l-mara. Ir-riċetti li joffru l-bnedmin u x-xjenza jistgħu jkunu ta' għajnuna vera biss jekk ikunu marbutin mat-talb u s-Sagramenti, speċjalment il-Qrar u t-Tqarbin.

8. Lil Dawk li qed jitħejjew għaż-żwieġ għandna nuruhom u nfakkruhom li huma ħafna u ħafna dawk li mxew jew qed jimxu din it-triq qabilhom u li, għax għarfu jimxu fit-triq it-tajba u afdaw fil-Mulej, irnexxielhom jirbħu fuq id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom u ż-żwieġ tagħhom baqa' sħiħ. Min jittama fil-Mulej u jfittex l-għajnuna tiegħu, Alla jgħinu żgur.

# Messaġġ fl-okkażjoni tal-183 Anniversarju tal-Pulizija

## Alla fil-ħajja tal-Pulizija

Insellmilkom ilkoll u nirringrazzjakom talli, bħalma ilu jsir għal għadd ta' snin, stedintuni biex illum nerġa' nkun magħkom f'din l-okkażjoni ta' l-Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija. Napprezzah ħafna dan il-ġest tagħkom biex ningħaqad magħkom u flimkien nagħtu l-qima li tixraq u tisħoqq lil Alla, kif ukoll biex nitolbu lill-Mulej ikun għall-Korp tal-Pulizija, dejjem u kullimkien, id-dawl li jmexxi l-ħidma tagħkom.

Laqgħa bħal din tferraħ u tqawwi lil kull min irid il-ġid ta' pajjiżu. Kulħadd jagħraf li l-Korp tal-Pulizija huwa istituzzjoni li għandha piż kbir fil-pajjiż. Il-ħidma tal-Korp tal-Pulizija għandha influwenza kbira fuq kemm jogħlew jew jinżlu l-moral u l-fiduċja tal-poplu f'pajjiżu. Dan jitlob, minn kull wieħed u waħda minnkom, li taqdu dmirkom li żżommu l-ordni pubblika mill-aħjar li tistgħu.

Hu eżattament dan is-servizz li l-komunità tagħna tistenna mingħandkom. Jekk u meta dan is-servizz ma jingħatax sewwa, tinkiser il-fedeltà lejn Alla, lejn pajjiżna u lejn kull ċittadin. Tinfetaħ ukoll it-triq għal ħafna deni u diżordni.

Is-servizz tagħkom huwa servizz li minnu jiddependi ħafna l-ġid veru tal-pajjiż. Iżda kull min għandu l-esperjenza tal-ħajja jaf li dan is-servizz jista' jiltaqa' ma' ħafna tfixkil. Il-bniedem, minnu nnifsu hu dgħajjef. Għalhekk, ikun ferm diffiċli li l-pulizija jaqdi dmiru sewwa jekk f'ħajtu ma jkollux is-sens ta' Alla.

### Kif aħna ma' Alla?

Is-sens ta' Alla f'ħajjitna jgħinna naraw kif aħna ma' Alla u jagħtina l-kuraġġ li nagħtu widen għal-leħen il-kuxjenza ffurmata tajjeb tagħna.

Din il-kuxjenza tixlina jekk it-tip ta' ħajja personali, privata jew pubblika li nkunu ngħixu jkun jikser il-liġi ta' Alla u għalhekk ibegħdna minnu.

Din il-kuxjenza twiddeb lilna lkoll li l-ħajja diżordinata ddgħajjef ħafna r-reżistenza tagħna kontra l-ħażin, u tgħidilna li llum jew għada bilfors naqgħu fil-gwaj.

## It-tarka tat-tajjeb

It-tarka kontra l-ħażin hija, għal kulħadd, it-tajjeb – jiġifieri l-ħajja tajba. Għaldaqstant, pulizija li ma jkunx jgħix ħajja tajba faċilment jista' jiġrilu, bħalma jista' jiġri lil kulħadd, li jsib ruħu magħfus minn pressjonijiet jew rikatti biex flok jimxi dritt fil-qadi ta' dmirijietu, imil u jaġixxi skond l-aptit ta' min ikun irnexxielu jaqbdu taħt diffrejh.

Pulizija bħal dan jirriskja li ma jibqax sid tiegħu nnifsu, imma jsir għodda, strument ta' deni u ta' ħsara f'idejn ħaddieħor.

Pulizija bħal dan jirriskja li, flok jissielet kontra l-korruzzjoni, jinqabad f'xi xibka ta' ħażen fejn l-ewwel alla tiegħu jsiru l-flus.

Jekk pulzija jsir ilsir tal-flus, dawn jistgħu jwassluh, bħalma jistgħu jwasslu lil kull bniedem ieħor, biex jibda jimxi skond l-uċuħ u saħansitra jissieħeb ma' l-istess nies li jkunu jaħdmu kontra s-sewwa.

## Ħsara kbira minn ftit nies

Meta jkun hemm xi pulizija li, għal rashom jew f'xi klikka, jaqgħu fi ħwejjeġ bħal dawn – ukoll jekk in-numru tagħhom ikun żgħir – il-ħsara tkun kbira. L-ewwelnett, jibqa' jsir u jinfirex il-ksur tal-liġi, b'deni liema bħalu għall-pajjiż u għall-komunità kollha. Barra minn hekk, biex tagħqad, jista' jiġri li jibqa' jiżgiċċa minn id il-pulizija dak stess li jkun jikser il-liġi.

Pulizija bħal dan ikun iżjed vulnerabbli quddiem il-periklu li, minkejja d-dover sagrosant tiegħu li jaqdi dmiru mingħajr ħarsien lejn uċuħ, f'għemilu u fir-relazzjonijiet tiegħu ma' sħabu jdaħħal sfumaturi fini jew goffi marbutin ma' prospetti ta' gwadanji u forsi avvanzi personali jew tal-klikka.

Imġiba għal din żgur ittaqqal il-ħidma ta' dawk il-pulizija li jkunu jridu jaqdu dmirhom b'kuxjenza.

Imġiba bħal din ċertament ma ssaħħaħx lil min irid ikun qaddej tajjeb ta' pajjiżu u tal-komunità.

Anzi, imġiba bħal din tista' tiżra' ħafna qtigħ il-qalb.

Il-poplu wkoll iħossu ttradut u flok fiduċja dejjem akbar fil-Korp tal-Pulizija, tinżergħa u tista' tinbet u tinfirex l-isfiduċja.

## L-etika tal-Pulizija

Għall-grazzja ta' Alla, il-Korp tal-Pulizija tagħna kellu u għandu ħafna u ħafna eżempji ta' pulizija li, minkejja d-dgħufija umana, stinkaw jew qed jistinkaw biex jgħixu ħajja tajba fl-imħabba ta' Alla u biex fil-qadi ta' dmirijiethom jagħtu xhieda etika tajba.

Pulzija bħal dawn, mal-kapaċità tagħhom li jżommu rashom 'il fuq minn dak kollu li jista' jfixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom, joffru wkoll mudelli ta' ħidma tal-pulizija li fiha wieħed isib doża bilanċjata ta' osservanza skrupluża tal-liġi mħallta ma' approwċ verament uman.

Hu sabiħ tara pulizija dritti fix-xogħol tagħhom, imma fl-istess ħin pulizija għalliema tar-rispett lejn l-oħrajn, ukoll meta l-oħrajn ikollhom tort.

Hu sabiħ tara pulizija li l-preżenza tagħhom fiha nfisha tkun mera ta' dixxiplina, serjetà u integrità, imma wkoll mera ta' sensibbiltà umana.

Il-pulizija ma jistax ikun artab ma' min qed iwettaq ksur sfaċċat tal-liġi, speċjalment meta l-mira jkunu persuni vulnerabbli, bħal fil-każ tat-tixrid tad-droga fost it-tfal u ż-żgħażagħ, inkella abbużi sesswali, jew attakki fuq anzjani.

Min jonqos irid jerfa' l-piż tal-ħsara ta' għemilu. Ma jistax jippretendi mod ieħor, għaliex is-soċjetà trid tiġi protetta. Fl-istess ħin, però, irridu nżommu quddiem għajnejna li l-bniedem, tkun xi tkun il-ħtija tiegħu, jibqa' bniedem bid-dritt li d-dinjità tiegħu umana tkun imħarsa.

## Hu Alla li jrid imexxina

Hu x'inhu x-xogħol tagħna f'din id-dinja, hu Alla u l-Liġijiet tiegħu li jridu jmexxuna l-ewwel u qabel kollox.

Alla u l-Liġijiet tiegħu jgħinu lill-pulizija jħaddem kif imiss il-liġijiet tal-bniedem u jirbaħ fuq kull tentazzjoni li jista' jkollu li jonqos jew jabbuża.

Huwa għalhekk importanti ħafna li l-pulizija tagħna, bħala Korp u wkoll bħala individwi, ifittxu t assew u b'ħeġġa dejjem akbar id-direzzjoni tal-Mulej billi qabel xejn jieħdu ħsieb li jkunu dejjem fl-imħabba tiegħu.

Jiena konvint li meta pulizija jkun rikonċiljat ma' Alla, huwa jagħraf iħabrek tassew biex jimxi b'etika mnebbħa mill-imħabba u l-Liġi ta' Alla.

Jiena konvint li meta pulizija jkun rikonċiljat ma' Alla, huwa jagħraf jaqdi x-xogħol dejjem tqil u diffiċli tiegħu b'mod li jagħmillu ġieħ u li jagħnih dejjem iżjed fir-rispett ta' sħabu u tal-poplu kollu.

# Laqgħa ta' Mons. Arċisqof mal-Missjunarji

## Il-qawwa ta' l-ispirtu missjunarju

F'diskors dwar il-qawwa ta' l-ispirtu missjunarji, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qal li l-mewt ta' Sr. Marċellina Tabone, is-Soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù li nqatlet f'Ġunju 1997 fil-Pakistan, hija konferma oħra tax-xhieda ta' imħabba u ġenerożità bla tarf li jagħtu s-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi li jikkonsagraw jew jiddedikaw ħajjithom għal servizz missjunarju lill-Knisja u lill-ħuthom bnedmin, huma min huma u huma fejn huma.

F'laqgħa li kellu nhar l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 1997 f'Dar l-Emigrant, il-Belt, ma' madwar 40 missjunarju Malti li bħalissa qegħdin f'Malta għal btala, Mons Arċisqof qal li l-ġrajja traġika ta' Sr. Tabone turi li fil-ħajja spiss tqila u diffiċli tal-missjunarju, jistgħu jfeġġu wkoll ċirkustanzi għal għarrieda li għall-missjunarju jkunu jfissru saħansitra s-sagrifiċċju tal-ħajja.

Għal-laqgħa ma' Mons. Mercieca, li tiġi organizzata kull Sajf mis-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu, attendew missjunarji li qed jagħtu servizz lill-Knisja f'16-il pajjiż differenti fl-Ewropa, l-Afrika, l-Awstralja, l-Amerika t'Isfel u l-Asja.

Waqt li radd ħajr lill-missjunarji għas-servizz tagħhom, Mons. Arċisqof qal li l-vokazzjonijiet missjunarji huwa jinkuraġġihom bil-qalb. Għalkemm in-numru ta' saċerdoti ta' età żagħżugħa f'Malta m'għadux li kien u mhux faċli li dawn ilaħħqu mal-bżonnijiet pastorali kollha bil-mod kif aħna mdorrijin, "kull meta saċerdot jgħidli li jixtieq imur għal xogħol missjunarju jien inkun kuntent u nbierku."

Mons. Mercieca qal li x-xogħol missjunarju huwa importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja u l-missjoni ta' evanġelizzazzjoni. Il-kontribut li l-Knisja f'Malta qed tagħti f'dan il-qasam permezz ta' tant persuni qalbhom kbira li joffru lilhom infushom għax-xandir ta' l-Evanġelju, hu esperjenza sabiħa ħafna.

"Għalhekk huwa xieraq li naħdmu u nitolbu biex il-Mulej jibqa' jħeġġeġ fost l-insara Maltin l-istess spirtu missjunarju li fl-imgħoddi qanqal tant aħwa Maltin biex imorru għal evanġelizzazzjoni f'pajjiżi oħrajn."

Mons. Arċisqof stieden lill-missjunarji biex, bis-saħħa ta' l-esperjenza tagħhom, "tisfidaw lil-lajċi biex ma jibżgħux jidħlu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi."

Mons. Mercieca tkellem ukoll dwar il-bżonn li tissaħħaħ l-evanġelizzazzjoni f'pajjiżna, fis-sens li n-nisrani jkun jaf tassew x'inhu l-Mulej fil-ħajja tiegħu. Huwa qal li f'dan il-kuntest, trid tingħata importanza kbira lill-formazzjoni reliġjuża.

Mons. Arċisqof qal li huwa jħossu milqut mid-disponibbiltà li juru l-missjuanrji biex imorru jwasslu lil bnedmin oħra l-esperjenza ferrieħa ta' preżenza ħajja mdawla u mħeġġa mill-għana ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu.

Fil-laqgħa mal-missjunarji, Mons. Mercieca kien akkumpanjat minn Mons. Philip Calleja, Delegat ta' l-Arċisqof għall-Emigrazzjoni u Turiżmu.

*Ċirkolari Numru 356*

# Offerta għall-Papa – 1997

Kull sena, qrib il-Festa ta' San Pietru u San Pawl, magħrufa fostna popolarment bħala l-festa ta' l-Imnarja, il-Knisja f'Malta li rċeviet il-Fidi permezz ta' San Pawl għandha d-drawwa sabiħa li tiftakar fir-rabta tagħha mas-Suċċessur ta' San Pietru, il-Papa, bħala l-Isqof ta' Ruma u Ragħaj tal-Knisja Universali.

Il-Knisja dan tagħmlu kemm billi titlob aktar għall-Papa u skond l-intenzjonijiet tiegħu, kif ukoll billi tagħmel ġabra speċjali, magħrufa bħala l-Offerta ta' San Pietru.

Permezz ta' din il-Ġabra, aħna nkunu nixtiequ nfissru l-imħabba u l-lealtà tagħna lejn il-Papa, nuru li napprezzaw l-isforzi u s-sagrifiċċji kbar li jagħmel għall-ġid tal-Knisja kollha u tal-bnedmin, speċjalment dawk batuti, maħqurin jew fil-bżonn, u ngħinuh prattikament biex ikun jista' jagħmel il-ħidmiet tiegħu ta' karità mad-dinja kollha.

Din is-sena l-Ġabra għall-Papa se ssir fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 21 u 22 ta' Ġunju, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi.

Nappella lil ħutna kollha fil-Fidi biex ikunu tassew ġenerużi fl-offerti tagħhom.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 11 ta' Ġunju 1997.

*Monsinjur Annetto Depasquale*
*Vigarju Ġenerali*

*Dun Alfred Muscat*
*Kanċellier*

**L-24 Ħadd tas-Sena**

# L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes

## Ġesù u Nikodemu

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann naqraw li darba wieħed mill-kbarat tal-Lhud, il-fariżew Nikodemu, mar bil-lejl biex jiltaqa' ma' Ġesù biex jisma' mingħandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem, għax kien jaf li Ġesù biss seta' jgħidulu dan il-kliem għax ħadd ma kien jista' jagħmel is-sinjali li Ġesù kien qed jagħmel . Ġesù minnufih ħabbarlu li jekk ried jidħol fis-Saltna ta' Alla kellu jitwieled mill-ġdid. Nikodemu ma fehemx x'ried jgħidlu Ġesù għax kliem Ġesù fehmu materjalment, waqt li kliem Ġesù kien kollu spirtu u verità. U mbagħad Ġesù fisser lil Nikodemu x'kien jeħtieġlu biex jidħol fis-Saltna ta' dejjem – jemmen f'Bin il-Bniedem u fil-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin.

Din l-imħabba Alla, qal Ġesù lil Nikodemu, urieha meta ta lil Ibnu stess fid-dinja, mhux biex jagħmel ħaqq minnha, imma biex isalvaha. U s-salvazzjoni tal-bniedem seħħet bil-mewt ta' Bin il-Bniedem fuq is-salib. U biex Nikodemu jifhem sewwa dan, Ġesù fakkru bi ġrajja li seħħet waqt il-mixi tal-Lhud fid-deżert wara l-ħruġ tagħhom mill-Eġittu, fil-mixi tagħhom lejn l-Art Imwiegħda.

## Is-serp tal-bronż fid-deżert

Il-Lhud fid-deżert kemm-il darba ħaduha kontra Alla, u kull darba Alla kien jibgħatilhom xi kastig biex jintebħu bid-dnub tagħhom u jindmu ħalla Alla jaħfrilhom. U meta gergru kontra Alla għax kienu xebgħu mill-ikel ħafif li Alla kuljum kien jipprovdilhom – il-manna – Alla bagħat fosthom sriep jaħarqu u kull min kien jingidem mis-sriep kien imut. Il-Lhud mill-ewwel nidmu mid-dnub tagħhom u talbu lil Mosè jidħol għalihom quddiem Alla, u l-Mulej qal lil Mosè biex jerfa serp tal-bronż fid-deżert biex kull min iħares lejh, ma jmutx bil-gdim tas-sriep. Dan il-fatt, Ġesù semmieħ lil Nikodemu u qallu: "Kif Mosè refa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li Bin il-bniedem jiġi merfugħ biex kull min iħares lejhikolu l-ħajja ta' dejjem."

## Is-simboliżmu tas-serp li Mosè refa' fid-deżert

Kliem Ġesù hu ċar biżżejjed għalina: biex ikollna l-ħajja ta' dejjem irridu nemmnu li Ġesù fil-kobor ta' l-imħabba tiegħu għalina, miet fuq is-salib biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-mewt u jagħtina l-ħajja ta' dejjem.

Il-Lhud fid-deżert kienu jeħilsu mill-ġdim tas-sriep b'att ta' fidi fil-ħniena ta' Alla, att ta' fidi li kienu juru billi jħarsu lejn is-serp li waqqaf Mosè; aħna niksbu l-ħajja ta' dejjem jekk inħarsu lejn is-Salib ta' Kristu għax missalib ta' Kristu ġiet is-salvazjoni tad-dinja. Bir-raġun kollu, għalhekk, San Pawl ma jiftaħarx ħlief bis-salib ta' Kristu li bih id-dinja hi msallba għalih u hu għad-dinja. L-imħabba ta' San Pawl għal Kristu Msallab wasslitu biex jilqa' bil-ferħ kull tiġrib, kull persekuzzjoni biex iwassal lil-bnedmin kollha l-misteru tas-salib u jkun kollox kulħadd biex iwassal lil xi wħud għand Kristu.

## Ir-rebħa tas-salib

San Pawl fl-ittri tiegħu mhux darba biss jitkellem fuq is-salib ta' Kristu biex jurina l-kobor ta' l-imħabba ta' Kristu għalina. F'wieħed mill-innijiet tal-Knisja ta' l-ewwel żminijiet li San Pawl iġib fl-ittra lill-Filippin, jurina l-kobor tas-Salib ta' Kristu: hu bis-salib tiegħu li Ġesù kiseb l-isem li hu fuq kull isem u li l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art jistqarru li Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier. Din il-glorja kienet il-premju għax ċekken lilu nnifsu biex jieħu mewt l-aktar kiefra, mewt merfugħa biss lill-ilsiera u lill-imwarrbin tad-dinja, hu li kien Alla veru minn Alla veru.

Bil-mewt tiegħu fuq is-salib Ġesù neħħa l-għajb tas-salib u għamlu sinjal ta' rebħ u ta' salvazzjoni, ta' rebħ fuq il-ħażen kollu tad-dinja, u ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha li b'fidi sħiħa jħarsu lejn Dak li hu msallab fuqu u jroddulu ħajr għall-kobor bla qjies ta' l-imħabba tiegħu li waslitu biex jixrob sa l-aħħar qatra l-kalċi tal-passjoni tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja.

Il-poplu nisrani kollu llum jissieħeb mal-Knisja mqaddsa huwa u jxandar l-għeġubijiet tas-Salib u jlissen innijiet ta' hena u ġieħ, huwa u jtenni:

*Sliem għalik, o Salib tama tagħna,*
*illum tfaħħrek kull qalb, kull ilsien,*
*Kun għat-tajjeb il-għajn ta' kull grazzja*
*Kun għall-ħati ta' maħfra u ħelsien.*

**Il-25 Ħadd tas-sena**

# Ġustizzja u sliem

## Ix-xewqa għas-sliem

Tul iż-żminijiet kollha l-akbar xewqa li kellu l-bniedem kienet dejjem dik li jgħix fis-sliem tul ħajtu kollha; għalhekk il-bnedmin dejjem ħabirku għas-sliem u l-paċi, imma qatt ma rnexxielhom jiksbuhom: dan għaliex qatt ma għarfu min kien jista' jagħtihulom. Il-bnedmin dejjem fittxew is-sliem bil-ħila tagħhom biss u għalhekk qatt ma rnexxielhom jiksbuh: dan minħabba d-dgħufija tagħhom, għax in-natura tagħhom hi midruba mid-dnub, u d-dnub ma jġibx paċi u sliem imma qtil, ġlied u firda.

Is-sliem jista' jagħtih Alla biss, u dan ħabbruh l-anġli fit-twelid ta' Ġesù meta xandru sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba, lill-bnedmin li fihom Alla jsib l-għaxqa tiegħu. Dan il-kliem ta' l-anġlu jurina għaliex il-bnedmin bil-ħila tagħhom biss qatt ma rnexxielhom isibu s-sliem li tant jixtiequ – ma sabux is-sliem għax it-tħabrik tagħhom għas-sliem ma kienx ġej minn rieda tajba imma mill-egoiżmu tagħhom: riedu s-sliem għalihom, u mhux għal kulħadd u minħabba dan l-egoiżmu ma setgħux ikunu nies li fhom il-Mulej isib l-għaxqa tiegħu.

## Għax is-sliem hu 'l bogħod mid-dinja

San Ġakbu fit-tieni qari ta' llum jurina għaliex in-nies tad-dinja qatt ma huma se jaslu biex ikollhom is-sliem: mhumiex jimxu bl-irġulija, bit-tjubija u bil-ġustizzja ma' xulxin: kieku kienu jħaddnu l-irġulija u l-ġustizzja ma kienx ikun hemm ġlied u tilwim bejniethom. Ma kinux iħallu l-ġibdiet ħżiena tagħhom jaħkmuhom. Il-bnedmin tad-dinja jitolbu ħafna għas-sliem, u jridu li jsir ħafna talb għas-sliem, l-aktar meta d-dinja tkun mhedda minn xi tiġrib kontra l-paċi u s-sliem bejn in-nazzjonijiet. Imma milli jidher it-talb ma jwassal imkien: għaliex? Għax il-kotra l-kbira tan-nies tkun qed titlob ħażin, tkun qed titlob għall-interessi tagħha biss u mhux tal-ġens kollu tal-bnedmin; jitolbu ħafna fi żmien ta' kriżi għall-paċi, iżda jibqgħu mexjin fit-triq tad-dnub.

## Għemil li ma jġibx is-sliem

X'iridu mela jagħmlu n-nies tad-dinja ta' llum biex ikollhom tassew is-sliem li tant jixtiequ? Iridu jitgħallmu ma jmaqdrux lil xulxin, iridu ma jqisux għedewwa dawk il-bnedmin li mhumiex ta' l-istess razza tagħhom, ma jitkellmux l-istess ilsien tagħhom, m'għandhomx l-istess drawwiet u

l-istess reliġjon tagħhom. It-tajjeb li jista' jkollhom l-oħrajn m jarawhx jew imaqdruh u jaslu biex iqegħduh ukoll bħala ċanfira għalihom, kif jgħidilna l-profeta Iżaija dwar il-Qaddej ta' Jahweh: għax kien bniedem tajjeb u bl-imġiba tiegħu kien qed iċanfar l-imġiba ħażina ta' l-oħrajn fittxewh għall-mewt – din kienet il-fehma tal-ġustizzja tagħhom, dan kien it-tħabrik tagħhom għas-sliem: għax ma jaqbilx magħna, ejjew neqirduh. Hi din il-fehma tan-nies tad-dinja li ġiebet il-gwerer, il-ġlied, l-inġustizzji fid-dinja; hi din il-fehma li għadha tqanqal tant inkwiet u biża' fost il-bnedmin.

## Xi jġib is-sliem?

X'għandna nagħmlu? Jgħidulna li Ġesù fl-Evanġelju ta' llum intebaħ li l-Appostli kienu qed jitlewmu bejniethom min kien l-ewwel wieħed fosthom. L-Appostli kienu qed jagħmlu dak li għadhom sa llum qed jagħmlu n-nies tad-dinja kollha madwar: iridu jkunu huma l-ewwel, u l-oħrajn kollha joqogħdu għar-rieda tagħhom. Dan għadu qed isir illum ukoll, għalkemm b'mod aktar edukat – jiddiskutu u jiddiskutu u qatt ma jaslu għal xi ftehim, jew biss għal xi nitfa ta' ftehim, imma s-sliem u l-ġustizzja għadhom biss jittawlu mis-sema għal fuq l-art, għad ma waslux fl-art. Jaslu meta l-bnedmin kollha jifhmu t-tagħlima li ried jagħti Ġesù lill-Appostli tiegħu meta tlewmu bejniethom: sejjaħ tifel ċkejken ħdejh u qalilhom: "Min irid ikun l-ewwel wieħed fostkom, irid ikun il-qaddej ta' kulħadd, irid ikun l-iċken fostkom qisu tifel ċkejken". X'irid jgħid Ġesù b'dan il-kliem? It-tfal ċkejknin ma jafux x'inhu għelt, jafdaw f'kulħadd, ma jaħsbu ħażin f'ħadd – hekk irridu nkunu aħna, jekk irridu li Alla jilqagħna, jekk irridu lil Alla jagħtina s-sliem u l-ġustizzja li wiegħed lill-bnedmin ta' rieda tajba, meta Ibnu l-Waħdieni twieled bniedem bħalna biex jurina t-triq tal-ġustizzja u s-sliem.

## Is-26 Ħadd tas-Sena

# Profeti tal-Mulej

### Profeti tal-Mulej

L-ewwel qari ta' llum hu ġrajja li seħħet waqt li l-Lhud kienu mexjin fid-deżert lejn l-art imwegħda lilhom minn Alla u għandha tifsir kbir għalina. Għaliex? Minħabba l-kliem li Mosè qal lill-qaddej tiegħu Ġożwè: "Jalla l-poplu tal-Mułej ikun kollu profeti". Kliem Mosè ried ifisser li aħna lkoll li nagħmlu parti mill-poplu ta' Alla, aħna profeti tal-Mulej. X'jiġifieri nkunu profeti tal-Mulej? Jiġifieri li jkollna l-Ispirtu tal-Mulej fuqna. Fuq ordni ta' Alla Mosè ġabar fit-tabernaklu sebgħin xiħ ta' Iżrael biex jirċievu l-Ispirtu tal-Muej ħa jgħinuh fit-tmexijja tal-poplu. Waqt li kienu miġburin l-Ispirtu niżel fuqhom u bdew iħabbru u ma ssoktawx. Iżda l-Ispirtu tal-Mulej niżel fuq żewġ xjuħ oħra li ma kinux mal-ġemgħa, u Ġożwè ried iżommhom, iżda Mosè widbu u qallu l-kliem li għadna kemm semmejna, kliem li jfisser ħafna għalina. Għax fil-fatt aħna lkoll li aħna mgħammdin, u għalhekk nagħmlu parti mill-poplu ta' Alla, irċevejna l-Ispirtu tal-Mulej u rċevejna wkoll is-siġill tiegħu bis-sagrament tal-Konfermazzjoni.

### X'jagħmel fina l-Ispirtu tal-Mulej

X'qed jagħmel fina l-Ispirtu tal-Mulej? Dak li Ġesù jgħidilna fl-Evanġelju ta' llum. X'qalilna Ġesù. Uriena kif għandha tkun l-imġiba tagħna bħala membri tal-poplu ta' Alla. L-iċken ħaġa li nagħmlu biex biha ngħinu lil min hu fil-bżonn hu għemil li jnebbaħna għalih l-Ispirtu tal-Mulej li hemm fina. Hemmx xi ħaġa iċken milli tagħti tazza ilma friska lil xi ħadd bil-għatx? Dan l-għemil ukoll, żgħir kemm hu żgħir, jekk magħmul bl-Ispirtu tal-Mulej, ħaqqu l-ħlas tiegħu fis-sema. Jagħmlu min jagħmlu, ukoll jekk mhuwiex wieħed minna: sakemm dak li jagħmel hu ta' ġid u mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu jistħoqqlu l-ħlas fis-sema, jistħoqqlu l-grazzja tas-salvazzjoni. Dan qalu Ġesù lil San Ġwann li ried iżomm lil wieħed li ma kienx dixxiplu tal-Mulej, imma kien qed ikeċċi x-xjaten f'ismu, għax – qal Ġesù – min mhuwiex kontra tagħna hu magħna.

### Għemil mhux imnebbaħ mill-Ispirtu ta' Alla

Ġesù, u miegħu wkoll l-Apposlu San Ġakbu, illum juruna x'inhu l-għemil li mhuwiex imnebbaħ mill-Ispirtu tal-Mulej – huwa l-iskandlu, li hu ta' ħafna suriet. Hu skandlu l-imġiba ta' min jgħallem il-ħażen lit-tfal u liċ-ċkejknin; hu skandlu ċċaħħad lill-bniedem mid-drittijiet fundamentali

tiegħu; hu skandlu torbot qalbek mal-ġid ta' l-art li jgħaddi u jintemm u twarrab minnek il-ġid li jibqa' għal dejjem; hu skandlu tgħix fix-xalar u l-frugħa meta ħuk jinsab fin-niket u t-tbatija u int tiċħadlu l-għajnuna tiegħek.

Isiru ħafna skandli fid-dinja, jiġifieri ħafna huma l-okkażjonijiet tad-dnub li jagħmlu l-bnedmin u bihom iħajru oħrajn biex jagħmlu bħalhom; l-iskandli qatt ma se jonqsu fid-dinja, imma ħażin għalih min ikun okkażjoni ta' skandlu, l-aktar għal dawk li ma jafux x'inhu l-ħażen, għaċ-ċkejknin! Jaqbillu aktar jidħol fis-saltna ta' dejjem b'id waħda jew b'għajn waħda milli mmur fl-infern b'żewġ idejn jew b'żewġ għajnejn, jekk dawn kienu għalih okkażjoni ta' skandlu. Kliem Ġesù hu iebes ħafna: Aqta' idek, aqla' għajnejk, aqta' riġlejk jekk huma okkażjoni ta' skandlu għalik – jiġifieri fittex li kull ma tagħmel, kull ma tara, kull ma tmiss b'idejk ma jkunx ta' okkażjoni għalik biex tidneb; evitahom dawn l-okkażjonijiet jekk ma tridx tmur fl-infern għal dejjem ta' dejjem. U San Ġakbu jfakkarna li jekk ma rridux immorru fl-infern irridu nagħtu ħlas xieraq lil min jaħdmilna, inħallsuh minnufih u ma noqogħdux insibu skużi biex ma nħallsuhx jew ma nagħtuhx kull ma ħaqqu. Min-naħa l-oħra San Ġakbu jagħtina nifhmu li l-ħaddiem ukoll hu fid-dmir jagħmel ix-xogħol li għalih ġie mqabbad, sewwa bla tnikkir, jekk hu ma jridx ikun ukoll ta' skandlu.

## Frott ta' l-iskandlu

San Ġakbu jagħtina li nifhmu li l-iskandli naslu għalihom bil-ħerqa li jkollna għall-flus: tant norbtu qalbna mal-ġid ta' l-art, li ninsew il-ġid li jibqa' għal dejjem; biex il-ġid ta' l-art inkattruh, nagħmlu kull xorta ta' inġustizzji, u nħajru lill-oħrajn jagħmlu bħalna: inkunu ta' skandlu għall-oħrajn – imġiba bħal din ma twassalx ħlief għan-nar ta' dejjem.

## Is-27 Ħadd tas-Sena

# Iż-żwieġ nisrani

### Kliem Kristu dwar id-divorzju

L-Evanġelju a' llum għandu tagħlim importanti ħafna għalina għall-ħajja ta' llum, meta qed nisimgħu tant kliem dwar divorzju.

X'qed jgħidilna l-Mulej dwar id-divorzju? Il-Knisja tippermettih? Hija din il-mistoqsija li xi Fariżej darba għamlu lil Ġesù. Qalulu: "Mosè fil-liġi tiegħu kien ippermettilna d-divorzju; Mosè ta permess li wieħed jagħmel kitba tad-divorzju, jagħtiha lil martu u jibgħatha." Il-Fariżej riedu jafu jekk Ġesù kienx jaqbel ma' dak li kienet tgħid il-liġi ta' Mosè. U Ġesù mill-ewwel wieġeb li ma kienx jaqbel, u qal lill-Fariżej li Mosè ppermetta d-divorzju minħabba l-ebusija tal-qalb tal-Lhud, u fakkarhom li Alla fil-ħolqien tal-bniedem wera li d-divorzju ma kienx iridu. Għalhekk Ġesù semma dak li aħna naqraw fil-ktieb tal-Ġenesi dwar il-ħolqien tal-bniedem, u ġie mħabbar lilna fl-ewwel qari ta' llum.

### Dak li Alla għaqqad ma jifirdux il-bniedem

Wara li temm l-opra tal-ħolqien u ried jafdah f'idejn il-bniedem li kien ħalaq, il-Mulej ried jagħti lill-ewwel bniedem sieħba bħalu li tkun għajnuna tgħodd għalih. Għalhekk Alla ħalaq lil Eva u ħadha lil Adam, u dan malli ra għajjat: "Din għadma minn għadmi, laħam minn laħmi, jiġifieri kreatura ta' l-istess natura tiegħi, biex ningħaqad magħha u nsiru ġisem wieħed ħa nnislu bnedmin oħra". Ġesù lill-Fariżej ifakkarhom f'dan il-kliem tal-Ġenesi u jżid jgħidilhom: "Ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jkunu ġisem wieħed; mhumiex iżjed tnejn imma ġisem wieħed għax dak li Alla jgħaqqad ma jistax jifirdu l-bniedem." F'dawn l-aħħar kelmiet ta' Ġesù għandna l-qofol tat-tagħlim tal-Knisja kontra d-divorzju. Dan il-kliem ta' Ġesù jurina ċar li ebda setgħa fuq l-art ma għandha s-setgħa tħoll ir-rabta taż-żwieġ bejn raġel u mara. Fiż-żwieġ ir-raġel u l-mara jingħaqdu flimkien fir-riżq tajjeb u l-ħażin, fil-ferħ u n-niket sa ma l-mewt tifridhom.

### Il-Knisja u d-divorzju

Ħadd ma għandu dritt jagħti d-divorzju, iħoll żwieġ bejn raġel u mara, lanqas il-Knisja ma tista' tagħmlu dan; tista' tgħid biss jekk kienx hemm tassew żwieġ. Iż-żwieġ hu rabta bejniethom ta' raġel u mara ħielsa li minn rajhom, bla ebda pressjoni minn ħadd, u jafu sewwa x'inhuma d-dmirijiet

tal-miżżewġin, jidħlu għal dan id-dmir għal għomorhom, bil-kunsens tagħhom it-tnejn – jekk ikun hemm nuqqas f'dan kollu ma jkunx hemm ż-żwieġ u l-Knisja għandha d-dritt kollu tiddikjara li ż-żwieġ qatt ma kien – iżda dan mhux divorzju imma dikjarazzjoni li ż-żwieġ ma kienx jeżisti sa mill-bidu. Illum dan qed jiġri aktar mill-imgħoddi, għaliex ħafna qed jidħlu għaż-żwieġ meta ma jkunux imħejjija għalih u ma jafux x'inhuma d-dmirijiet tal-miżżewġin: għalhekk il-Knisja tinsisti li qabel raġel u mara jintrabtu biż-żwieġ għandhom ifittxu li jkollhom tħejjija sewwa, ħa jkunu jafu għaliex deħlin, għal qagħda li hi kollha kemm hi kuntrarja għall-fehmiet tan-nies tad-dinja ta' llum.

## Il-ħajja fiż-żwieġ

Il-ħajja fiż-żwieġ, għandha l-faraġ u l-ferħ tagħha, iżda għandha wkoll is-sgrifiċċji u t-tiġrib tagħha, iżda l-miżzewġin ma għandhomx jaqtgħu qalbhom u meta jiżżewġu bil-Knisja jkollhom il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ, għajnuna tul ħajjithom kollha biex jaqdu dmirijiethom bħala miżżewġin. Hu Ġesù li jqaddes iż-żwieġ tagħhom kif jgħidilna l-kittieb ta' l-Ittra lil Lhud li smajna fit-tieni qari ta' llum: hu l-awtur tas-salvazzjoni tagħna, bis-saħħa tat-tbatijiet li bata għalina; hu jqaddes il-miżżewġin li jqishom bħal ħutu u jgħinhom jegħelbu t-tfixkil kollu li jiltaqgħu miegħu biex dejjem aktar jikbru fl-imħabba għalih u bejniethom.

## Ġesù u t-tfal

L-istess ħaġa jrid jurina bil-kliem li qal Ġesù meta ġabulu xi tfal biex iberikhom. L-Appostli riedu jwarrbuhom minnu biex ma jdejquhx, iżda Ġesù ċanfarhom u qalilhom li jekk iridu jiksbu s-saltna tas-smewwiet iridu jkunu bħal tfal żgħar, jilqgħuha b'qalb ta' tifel żgħir, bis-sempliċità kollha. Hekk ukoll trid tkun il-ħajja tal-miżzewġin: jgħixu l-ħajja tagħhom bis-sempliċità kollha, marbutin flimkien bl-imħabba, u mimlijin b'fiduċja fl-għajnuna tal-Mulej u mwettqin mill-Ispirtu s-Santu li għaqqadhom flimkien u qed iżommhom marbutin ma' xulxin sa ma l-mewt tifridhom.

**It-28 Ħadd tas-Sena**

# Il-qawwa tal-kelma ta' Alla

## Il-qawwa tal-Kelma t'Alla

Il-kittieba ta' l-Ittra lil Lhud, fit-tieni qari ta' llum, ikellimna fuq il-qawwa tal-Kelma ta' Alla: jgħidilna li l-Kelma ta' Alla hi setgħana u qawwija, u tagħmel dejjem dak li Alla jibgħatha tagħmel; hi kelma li taqta' u tinfed sa fil-qiegħ l-aktar fond tal-qalb tal-bniedem, u tgħarbel ix-xewqat u l-ħsibijiet l-aktar moħbija tiegħu, hekk li xejn ma jibqa' moħbi lil Alla u li tiegħu rridu nagħtuh kont.

## Is-sejħa ta' Ġesù

Il-Kelma ta' Alla tagħmel dejjem dak li Alla jridha tagħmel, iżda ma ċċaħħadx lill-bniedem mil-libertà li biha ried iżejnu fil-ħolqien tiegħu. Dan narawh mill-Evanġelju ta' llum. Iż-żgħażagħ li Ġesù sejjaħ għal warajh huwa xbieha tal-ħafna żgħażagħ li l-Mulej isejjaħ biex jimxu warajh aktar mill-qrib; jitfa' fuqhom ħarsa ta' mħabba speċjali għaliex aktarx ikunu qed jgħixu ħajja ta' ġieħ quddiem Alla f'nofs dinja mehdija bid-dnub. Xi wħud iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej, jegħelbu d-dinja ta' madwarhom u jmorru wara Ġesù fejn iridhom hu, iżda ħafna jagħmlu bħaż-żagħżugħ ta' l-Evanġelju: iħallu d-dinja xxekkilhom bl-irbit tagħha u jwarrbu 'l bogħod minnhom l-istedina tal-Mulej. Mhux għax nies ħżiena, imma għax ma jafdawx fl-għajnuna li jagħtihom l-Ispirtu tal-Mulej biex jimxu warajh.

## Setgħana, iżda tirrispetta l-libertà tal-bniedem

Il-qawwa tas-sejħa ta' Ġesù setgħet twassalhom għall-mixi warajh, iżda Ġesù ma jisforza lil ħadd; isejjaħ iżda mbagħad iħalli t-tweġiba għas-sejħa fil-libertà ta' dak li jissejjaħ; kemm-il darba din il-libertà tkun imxekkla mill-ħajriet tad-dinja li ma tħallix lil dak li jkun iwieġeb għas-sejħat tal-Mulej. Dan għarfu Ġesù meta lid-dixxipli tiegħu qalilhom li kienet ħaġa iebsa ħafna li wieħed għani jidħol fis-saltna tas-smewwiet, mhux għax l-għana fih innifsu għandu jtellef is-saltna tas-smewwiet, imma għax il-qalb tal-bniedem tant tintrabat ma' l-għana tad-dinja li jsir ilsir tagħha u ma jibqax aktar ħieles li jwieġeb għas-sejħat tal-Mulej.

L-Appostli dan il-kliem ta' Ġesù rawh iebes ħafna għax kienu tal-fehma li l-għana hu sinjal tal-barka ta' Alla: veru, iżda Alla ma jagħtix l-għana

tad-dinja biex il-bniedem jorbot qalbu miegħu, imma biex jużah għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-bnedmin ħutu. U Alla lill-bnedmin inebbaħhom kif għandhom jużaw il-ġid li jagħtihom, u hekk jagħtu widen għat-tagħlim tiegħu u ma jorbtux qalbhom mal-ġid ta' l-art u hekk jiksbu huma wkoll is-Saltna tas-smewwiet.

## Il-ħlas għal min jimxi wara Ġesù

Dan jurihulna San Pietru stess meta lil Ġesù qallu: "Aħna ħallejna kollox biex niġu warajk: issa se jsir minna?" It-tweġiba ta' Ġesù waslitlu minnufih: Dawk li jħallu kollox minħabba l-Mulej huma bħal dak in-negozjant li jsib ġawhra mill-ifjen jew teżor f'għalqa u jbigħ kollox biex jikseb il-ġawhra jew jixtri l-għalqa: il-ġawhra, it-teżor fl-għalqa huma l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, li fuqhom kellimna Ktieb il-Għerf fl-ewwel qari ta' llum. L-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema hu l-aqwa teżor li jista' jkollna, hu ta' siwi kbir u jiżboq l-għana u l-ġid kollu tad-dinja: ma hemm xejn fid-dinja li tista' tqabbilha miegħu: aqwa mis-saħħa, aqwa mill-ġmiel, aqwa mid-dawl: hu għana li ma hemmx aqwa minnu. Dan l-għerf kisbuh l-Appostli meta ħallew kollox u marru wara Ġesù; dan l-għerf niksbuh aħna wkoll jekk inwieġbu għas-sejħat tal-Mulej, u ma nagħmlulhom ebda tfixkil imma nwieġbu ħerqana għalihom. Dan l-għerf issawwab fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija tagħna, u jgħinna nwieġbu għas-sejħat tal-Mulej, ma jħalliniex nintebħu mill-ġibda għall-ġid ta' l-art li jgħaddi, imma jgħinna nifhmu kif nużawh tajjeb skond ir-rieda ta' Alla, biex ma jkunx ta' tfixkil għalina meta l-Mulej isejħilna u nkunu lesti nwieġbu għas-sejħat tiegħu kif jixtieqna hu.

**Id-29 Ħadd tas-sena**

# Il-Ġurnata Missjunarja

## Il-messaġġ tal-Papa

Il-Papa fil-messaġġ tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja ta' din is-sena jistedinna naħsbu fuq xi punti fundamentali tal-Bxara t-Tajba li l-Knisja hi msejħa biex ixxandar u twassal lill-ġnus kollha ta' l-art tul il-millennju li ġej. X'inhuma dawn il-punti ewlenin tal-Bxara t-Tajba? Li Kristu miet għalina, għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha fuq is-salib; xorob il-kalċi tal-passjoni u stieden lill-Appostli San Ġwann u San Ġakbu jixorbuh ukoll meta marru jitolbuh biex joqogħdu fuq ix-xellug u l-lemin tiegħu meta jidħol fis-Saltna tiegħu kif ħabbrilna l-Evanġelju ta' llum. Tgħabba bil-mard kollu tagħna, bid-dnubiet tad-dinja kollha biex joffri ruħu bħala sagrifiċċju ta' tpattija għalihom, kif fakkarna l-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum; ġie fostna biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra l-kbira tal-bnedmin taż-żminijiet tagħna, u wkoll taż-żminijiet kollha li għad iridu jiġu. Ġie jagħti l-fidwa lill-foqra kollha tad-dinja ta' kull żmien, priġunieri ta' tant jasar li hawn fid-dinja tagħna, fidwa lill-imnikktin kollha ta' kull żmien u ta' kull imkien, għax hu l-Isem ta' Ġesù biss li jista' jġib is-salvazzjoni lid-dinja, għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva, jikteb San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani.

## Inwasslu 'l Kristu lill-bnedmin kollha

Iżda n-nies tad-dinja qabel isejħu isem il-Mulej, iridu jkunu semgħu bih, u jridu jwasluhulhom dawk kollha li lil Ġesù jafuh: irridu nwasslulhom aħna l-insara li Kristu hu l-Mulej. Dan hu dmir ta' kull nisrani, u l-Papa jfakkarna li aħna lkoll kll wieħed minna hu responsabbli quddiem Alla personalment għall-fidi li ma waslitx lill-eluf ta' eluf tal-bnedmin li għad anqas semgħu biss bl-isem ta' Ġesù. Il-Ġurnata Missjunarja tiġi kull sena biex tfakkarna b'din ir-responsabbiltà tagħna, biex ilkoll kemm aħna nagħmlu sehemna ħalli Kristu jkun magħruf minn kulħadd. Mhux kull nisrani hu msejjaħ biex iħalli qarabtu, daru, pajjiżu, biex imur f'pajjiżi 'l bogħod iwassal il-bxara t-tajba lill-ġnus pagani – imorru dawk li jirċievu sejħa speċjali mingħand il-Mulej, il-vokazzjoni missjunarja. Imma kull nisrani hu msejjaħ biex jagħti xhieda ta' Kristu b'ħajtu kollha u hekk iwassal 'il Kristu lil dawk kollha li għadhom ma jafuhx. Din hi t-triq missjunarja li għalmitna Santa Tereża tal-Bambin Ġesù: kienet missjunarja kbira għax fil-ħajja qasira tagħha għexet ħajja ta' għaqda sħiħa mal-Mulej

u mas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib; fittxet li tkun ħaġa waħda ma' Kristu msallab u bil-għatx, għatx kbir ta' erwieħ, għatx kbir ta' bnedmin jistennew is-salvazzjoni ... F'dan l-għatx ta' Ġesù nistgħu nissieħbu, bħal Santa Tereżina kemm jekk ninsabu nħabtu wiċċna mat-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum bejn l-erba' ħitan ta' djarna, kemm jekk ninsabu mtaqqlin bl-ebusija tax-xogħol tagħna ta' kull ġurnata, kemm jekk ninsabu f'qiegħ ta' sodda mġarrbin b'uġigħ u tbatija; f'kull okkażjoni tal-ħajja tagħna fid-dinja nistgħu ntaffu ftit mill-għatx ta' Ġesù għall-erwieħ.

## Niksbu l-għajnuna mit-tron tal-grazzja

Hu b'dan il-mod li nistgħu nwieġbu għall-istedina li għamlilna l-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud: stedinna nersqu lejn it-tron tal-grazzja ħa jkollna l-għajnuna meħtieġa f'waqtha. It-tron tal-grazzja hu s-salib tal-Mulej, is-salib li fuqu l-Mulej qabel miet għajjat għajta kbira: "Għandi l-għatx" u stedinna ntaffulu ftit dan l-għatx tiegħu, mhux biex inressqulu sponża bil-ħall ma' xofftejh imma billi nsieħbu mat-tbatijiet tal-passjoni tiegħu t-tbatijiet tagħna ta' kull jum għall-bini tal-ġisem tiegħu li hu l-Knisja, għax-xandir tas-Saltna tiegħu sa truf l-art kollha, għax hu għalhekk ġie fid-dinja, għalhekk ried ikun imsallab, għalhekk ħass għatx kbir. Intaffuhulu dan l-għatx mhux illum biss imma tul ħajjitna kolha billi noffrulu kull ma nagħmlu, kull ma ngħidu, kull ma nbatu għall-kobor tas-saltna tiegħu fid-dinja, biex il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

### It-30 Ħadd tas-sena

# Mulej, agħmel li jiena nara

## L-għajta tal-Ġnus ta' l-art

L-Evanġelju ta' llum, tal-fejqan ta' wieħed għama mit-twelid għandu hu wkoll karattru missjunarju. L-għajta ta' l-għama ta' Ġeriko, hi l-għajta tal-ġnus kollha ta' l-art, imxennqin għas-salvazzjoni li ġieb l-Mulej Ġesù. Mit-truf kollha ta' l-art, titla' kontinwament l-għajta tal-ġnus pagani: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni". Hi għajta li kemm-il darba qed tiġi maħnuqa min-nies tad-dinja, li mhux qed iħallu tasal għand Alla l-għajta ta' ġnus imxennqin għas-salvazzjoni, bħalma ġara f'Ġeriko, meta ħafna nies bdew isikktu lill-għama biex ma jgħajjatx aktar, għax dejjaqhom. In-nies tad-dinja ta' llum ukoll jiddejqu jaraw ġnus iduru lejn il-Mulej u jfittxu l-faraġ tiegħu, u jagħmlu minn kollox biex ibegħduhom mill-verità ta' Kristu, billi jxandru fosthom fehmiet u drawwiet li jeqirdulhom minn qalbhom kull xrara ta' għemil tajjeb, u dan – jgħidu – qed jagħmluh biex itejbu l-qagħda ta dawk l-imsejknin.

Iżda mhux in-nies kollha ta' Ġeriko żammew lill-għama ma jersaqx lejn Ġesù: ħafna għamlulu l-qalb biex jersaq lejn Ġesù u jitolbu l-fejqan; hekk qed jiġri llum f'ħafna komunitajiet insara fejn dawk li jemmu fi Kristu, li tassew iħobbu lill-Mulej Ġesù, b'ħafna għemil ta' mħabba qed joffru t-tbatijiet u t-tiġrib tagħhom ta' kull jum għas-salvazzjoni tad-dinja, qed jaqtgħu l-għatx ta' Kristu għall-erwieħ, kif rajna l-ġimgħa l-oħra.

## Sejħa lill-ġnus kollha

Lill-għama ta' Ġeriko Ġesù fejqu għax kellu fidi kbira, fidi li ma ġietx imdgħajfa mill-imġiba tan-nies li ma ridux isemma' leħnu lil Ġesù. U Ġesù jagħti s-salvazzjoni tiegħu lill-ġnus kollha li jilqgħu bil-ferħ t-tħabbira tal-Bxara t-Tajba li taslilhom mill-Knisja, għax il-Mulej Ġesù jrid li l-bnedmin kollha jsalvax u jaslu għall-għarfien sħiħ tal-verità, kif ħabbar l-profeta Ġeremija fl-ewwel qari ta' llum. Ġesù jsejjaħ lill-bnedmin kollha minn tarf għall-ieħor tad-dinja, mit-tramuntana u min-nofsinhar; isejħilhom bid-difetti u n-nuqqasijiet kollha tagħhom, biex isaffihom minnhom bid-dija tad-dawl ta' l-Evanġelju tiegħu. Kliem il-profeta hu dwar il-poplu ta' Iżrael, li kien jinsab eżiljat 'l bogħod minn pajjiżu; iżda kliem il-profeta għandna naraw fih tifsir aktar għoli, u għalhekk inqisu kliem il-profeta mhux biss dwar il-poplu ta' Iżrael, imma dwar il-poplu ġdid ta' Alla, magħmul minn kull poplu u ġens, nazzjon u lsien li għarfu l-Mulej u

stqarrew ismu. Il-Mulej seħibhom miegħu bit-twelid ġdid li tahom u fejjaqhom mill-mard kollu tagħhom, biex jagħmilhom il-poplu ġdid tiegħu, u seħibhom fis-saċerdozju tiegħu, ħalli miegħu, bih u fih joffru lil Alla l-Missier sagrifiċċju ta' radd il-ħajr għas-salvazzjoni li waslitilhom permezz tas-sagrifiċċju li Mulej Ġesù il-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid offra darba għal dejjem fuq is-salib għas-salvazzjoni tad-dinja, sagrifiċċju li l-Mulej ried li jiġġedded tul iż-żminijiet kollha b'tifkira tiegħu .

## Ġesù l-qassis il-kbir tagħna

Dan Ġesù biss seta' jagħmlu għax hu Qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek. Ġesù bniedem bħalna jixbahna f'kollox minbarra d-dnub, mgħobbi bid-dgħufija tagħna jaf jagħdirna u offra sagrifiċċju wieħed darba għal dejjem għas-salvazzjoni tagħna, sagrifiċċju li ma setax ma jogħġobx lil Alla għax min offrih kien Bniedem-Alla. U Ġesù ried isejjaħ minn fost il-poplu ġdid tiegħu, bnedmin dgħajfa biex jagħtihom sehem mis-saċerdozju tiegħu ħa jġeddu tul iż-żminijiet s-sagrifiċċju tiegħu li offra darba għal dejjem fuq is-salib. Sejjaħ biex isieħeb fis-saċerdozju tiegħu, bnedmin dgħajfa, żejjinhom b'setgħa tal-biża' biex tul iż-żminijiet ikomplu l-missjoni tiegħu għax-xandir tal-Bxara t-Tajba, u għat-tqaddis tal-poplu li għażel għalih minn kull poplu u ġens u hekk tinbena dejjem aktar is-saltna tiegħu fid-dinja.

## 2 ta' Novembru

# L-Għid ta' l-imwiet

### L-Għid tal-qaddisin u l-Għid ta' l-imwiet

Il-bieraħ il-Knisja stednitna niċċelebraw bis-solennità kollha lil ħutna li telqu qabilna minn dan il-wied tad-dmugħ u waslu fis-saltna ta' dejjem, qed jaraw lil Alla wiċċ imb'wiċċ u jithennew bid-dehra tiegħu, huma jissieħbu mal-qtajja kolha tas-sema jfaħħru 'l Ala għal dejjem ta' dejjem, iberkuh u jroddu ħajt, waqt li jitolbu għalina ħalli nibqgħu fidili għas-sejħa tagħna u nimxu wara Kristu f'din id-dinja sa ma jasal il-waqt li aħna wkoll ningħaqdu magħhom fil-glorja tas-smewwiet.

Illum il-Knisa qed tistedina biex niftakru f'dawk ħutna oħra li telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi li ħadu fil-Magħmudija u fil-mejtin kollha ta' rieda tajba li għad ma waslux fl-hena ta' dejjem, għadhom jissaffew mit-tinġis tad-dinja ħalli safja u bla tebgħa jkunu jistgħu jidħru quddiem Alla, jgħaqdu leħinhom ma' dak tal-qaddisin u l-anġli tas-sema biex ifaħħru għall-kobor tiegħu u għall-ħniena u t-tjieba tiegħu.

### Quddies għall-mejtin kollha

Illum il-Knisja tippermetti li kull saċerdot iqaddes tliet quddisiet b'suffraġju għall-mejtin ħutna. Quddiesa minnhom, it-tieni waħda li kull qassis iqaddes, irridu noffruha b'suffraġju għall-mejtin kollha: huma kotra bla qjies li ma għandhom 'il ħadd jitlob għalihom biex iħaffilhom iż-żmien li fih jidħlu fl-hena ta' dejjem; huma dawk li tennew ħajjithom fid-dinja f'qasir il-għomor, meta kienu fil-fjur ta' żogħżithom, minħabba xi marda kiefra li ħakmithom, jew minħabba xi vjolenza li ġarbithom, jew minħabba xi ħajja bla razan li għexu fuq l-art u fittxew l-hena fid-drogi, fix-xorb u fis-sess u kisbu l-marda qerrieda taż-żmien ta' llum; huma dawk li għexu waħedhom f'din id-dinja, minsijin minn kulħadd; huma l-eluf ta' eluf mid-dinja kollha li qatt ħadd ma waslilhom lil Kristu, li fih biss tinsab is-salvazzjoni u kellu jkun Alla nnifsu li jurihom it-triq li twassalhom għandu, meta l-bnedmin ħuthom naqsu li jwassluhulhom, kif fakkarna l-Papa din is-sena fil-messaġġ tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja.

### Skond il-fehma tal-Papa

It-tielet Quddiesa li jqaddsu llum is-saċerdoti jqaddsuha skond il-fehma tal-Papa. Din riedha l-Papa Beneditt XV fl-eqqel ta' l-ewwel gwerra dinjija meta eluf ta' żgħażagħ kienu qed jinqerdu fil-għlied qalil bejn eżerċti

sħaħ ta' suldati mitfugħin kontra xulxin biex jaħtfu xi biċċa art li wara ftit jerġgħu jitilfuha. Il-ħsieb tal-Papa Beneditt XV għadu hemm, għalkemm iċ-ċirkostanzi tbiddlu: illum ukoll ħafna żgħażagħ fil-fjur ta' żogħżithom qed jitilfu ħajjithom fil-gwerer żgħar li għadhom sejrin f'xi mkien tad-dinja, u li l-kotra l-kbira tan-nies tad-dinja ftit jagħtu kashom; fil-ħafna attentati terroristiċi f'ħafna pajjiżi li jwasslu għall-qerda ta' tant innoċenti, fil-ħafna diżgrazzji, naturali u mhumiex, li bla heda qed isiru fid-dinja.

## Għal ħutna qrabatna u ħbiebna

Il-mewt, it-tmiem tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art, hi kuljum magħna, u nħossuha ħafna meta tolqot lil min għadu fil-fjur ta' żogħżitu: imn'Alla tqawwina l-fidi tagħna u nsibu faraġ fil-quddies li jitqaddes mad-dinja kollha. Quddiem id-disgrazzji, il-vjolenzi li ma jieqfu qatt fid-dinja, il-fidi tagħna fil-qawmien mill-imwiet tqawwina u sssaħħaħna – kieku ma kienx dan konna nkunu bħan-nies tad-dinja li ma jemmnux u quddiem il-mewt jiddispraw għax għalihom wara l-mewt ma hemmx ħlief baħħ.

Meta l-mewt tiġi żżurna u l-Mulej isejjaħ lil xi ħadd għażiż għalina aħna nġarrbu n-niket tal-firda iżda ma naqtgħux qalbna għax nafu li għalina hemm għamara oħra tistenniena, għamara fejn ma hemmx niket, u biki, imma hena bla qjies fil-Mulej. Kull sena niftakru fil-mejtin tagħna, fil-jum li fih il-Mulej ikun sejħilhom; iżda llum f'dan l-Għid ta' l-imwiet, irridu niftakru fil-mejtin kollha tagħna: nitolbu għalihom, immorru nżuru l-qabar tagħhom fejn qed jistennew is-sejħa għall-qawmien mill-imwiet. Għalhekk illum kull saċerdot barra li jqaddes skond il-fehma tal-Papa, u barra li jqaddes għall-mejtin kollha, iqaddes ukoll Quddiesa b'sufraġju għall-mejtin tiegħu, ta' qarabtu, u jitlob għalihom ukoll, żgur li meta jasal il-waqt għad jissieħeb magħhom fil-glorja ta' dejjem, flimkien ma' dawk kollha li tul il-missjoni saċerdotali tiegħu fid-dinja urihom it-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

### It-32 Ħadd tas-sena

# Id-dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran

## Id-dedikazzjoni tal-Knisja

Ta' kull sena, kull knisja tfakkar jum id-dedikazzjoni tagħha bħala Dar ta' Alla u bieb tas-sema, bħala l-post ta' l-għamara ta' Alla fost il-bnedmin, il-post fejn il-ġemgħa ta' l-insara f'jum il-Mulej tinġabar biex qalb waħda u ruħ waħda, ma' Kristu, fi Kristu, u bi Kristu, tagħti qima lil Alla l-Missier li jista' kollox. Kull knisja hi dar tat-talb għall-poplu nisrani kollu, il-post fejn jiġi jiftaħ qalbu mal-Mulej u jitolbu l-għajnuna li jeħtieġ f'waqtha, il-post fejn twieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, il-post fejn jiħafrulu dnubietu u jerġa' jitħabbeb ma' Alla, il-post fejn isib il-ħobż ħaj li niżel mis-sema, il-post fejn titbierek l-imħabba fiż-żwieġ, il-post fejn tingħatalu tislima qabel ġismu jindifen fil-qabar, jistenna l-qawmien mill-imwiet.

## Id-dedikazzjoni tal-Lateran

Kull knisja tfakkar jum id-dedikazzjoni tagħha fil-jum li fih tkun saret, jew fil-Ħadd ta' wara, jew ukoll fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru; kull knisja tfakkar hi biss id-dedikazzjoni tagħha, iżda hemm knisja li d-dedikazzjoni tagħha tiġi mfakkra mill-poplu kollu nisrani, u din il-knisja hija l-Bażilika tal-Lateran. Għaliex? Għax bħala l-knisja Kattidral tal-Papa, li hu l-Qassis il-Kbir u r-Ragħaj tal-poplu kollu ta' Alla, il-Lateran b'xi mod hi l-kattidral tad-dinja kollha, l-omm u l-għalliema tal-knejjes kollha. Għalhekk jixraq li l-festa tagħna ssir fid-dinja kattolika kollha.

## It-tifsir tal-festa ta' llum

Iċ-ċelebrazzjoni ta' llum tfakkarna li aħna mhux biss membri tal-Knisja ta' Kristu li hi f'Malta, imma aħna wkoll, permezz tal-Knisja li hi f'Malta, membri tal-Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika li tinsab fid-dinja kollha u li tagħna kap viżibbli hu l-Papa, li bħala Kap tal-Knisja kollha għandu l-kattedra tiegħu, fil-kattidral tiegħu, fil-knisja tal-Lateran f'Ruma.

Is-sehem tagħna bħala membri tal-Knisja waħda kattolika jitlob minna li aħna nuru fedeltà sħiħa għat-tagħlim ta' din il-Knisja, kif jaslilna mingħand il-Papa u mingħand l-isqfijiet tagħna li huma marbutin miegħu fl-istqarrija ta' fidi waħda. Dan iwettqu għalina l-qari li tħabbrilna llum.

## Il-Knisja Omm

L-ewwel qari jħabbrilna d-dehra li kellu l-profeta Eżekjel ta' l-ilma li ra ħiereġ minn taħt l-għatba tat-tempju u li sar xmara kbira u waslet sal-baħar mielaħ u għamlitu ilma ħelu, u max-xtut tagħha kabbret siġar b'kull ġens ta' frott. Ix-xmara hi xbieha tal-Knisja waħda ta' Kristu li bit-tagħlim tagħha tbiddel id-drawwiet ħżiena tal-bnedmin u tgħinhom biex jagħtu kotra ta' frott – dan iseħħ biss jekk il-bnedmin juru fedeltà sħiħa għat-tagħlim li xxandrilhom il-Knisja, għax hu mwettaq minn Kristu.

## Aħna tempju ta' Alla

L-istess ħaġa jħabbrilna t-tieni qari. San Pawl jgħidilna li l-ħajja tagħna ta' nsara trid timbena fuq pedament wieħed, Kristu; maqgħudin miegħu biss jidher is-siwi ta' kull ma nagħmlu tul ħajjitha fuq l-art, ħwejjeġ kbar u ħwejjeġ żgħar, ħwejjeġ għeżież u ħwejjeġ li ma jiswew xejn: fi Kristu kollox juri s-siwi tiegħu, għax kull wieħed minna hu tempju ta' Alla, għax aħna ta' Kristu kif Kristu hu ta' Alla.

## Il-qawmien ta' Kristu

Is-setgħa ta' Kristu ġejja mill-qawmien tiegħu mill-imwiet: Kristu ċekken lilu nnifsu sal-mewt tas-salib, iżda Alla qajmu mill-imwiet u tah l-isem fuq kull isem u għamlu Mulej u Salvatur. Dan Ġesù stess ħabbru llum fl-Evanġelju meta lil-Lhud ħabbrilhom li l-qawmien tiegħu mill-imwiet biex jurihom is-setgħa sħiħa li kellu li jkeċċi l-bejjiegħa mit-tempju, minn dar Missieru tas-sema.

Meta Ġesù qam mill-imwiet, l-Appostli ftakru fil-kliem li Ġesù kien qal lil-Lhud li fi tlitt ijiem jerġa' jibni t-tempju tal-ġisem tiegħu, jiġifieri jqum mill-imwiet; aħna wkoll dan emminnih, iżda dan it-twemmin tagħna mhux se jkun jiswielna xejn jekk ma nagħtux widen għat-tagħlim u t-twissijiet li jaslulna mingħand dak li Kristu għażel biex ikun il-vigarju tiegħu fuq l-art, biex iwettaq lil ħutu kollha, lilna l-insara fil-fidi li fdalu l-Mulej.

### It-33 Ħadd tas-sena

# Ħelsien sħiħ

## Ix-xewqa ta' Danjel

Il-profeta Danjel, kollu mnikket minħabba t-tiġrib ta' ġensu eżiljat għal 70 sena bogħod minn pajjiżu, bla tempju, bla ebda għemil ta' qima lil Alla, refa' ħsibijietu lejn il-Mulej jistaqsi kemm se jdum il-kastig ta' Alla għal ġensu minħabba l-ħtijiet u l-infedeltajiet kollha tagħhom. Il-Mulej laqa' t-talba ta' Danjel u bagħat l-arkanġlu San Mikiel biex ifarrġu u jħabbarlu ħelsien aqwa minn dak stess li kien qiegħed jittama. Danjel kien qed jistenna li se jintemm żmien l-eżilju f'Babel u l-poplu kollu jerġa' lura lejn pajjiżu, iżda San Mikiel iħabbarlu ħelsien aqwa, ħelsien aktar għoli, il-ħelsien mit-tiġrib tad-dinja, il-ħelsien mill-jasar tad-dnub, ħelsien li jgawduh "dawk kollha li isimhom jinsab miktub fil-ktieb", jiġifieri dawk li wara żmienhom fid-dinja kienu se jmorru jgawdu 'l Alla fil-hena ta' dejjem, għax tul ħajjithom fid-dinja kienu nies bil-għaqal u wasslu 'l ħafna fis-sewwa: sehemhom hi l-ħajja ta' dejjem fejn se jkollhom fuqhom dija bħal dik tas-sema u se jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem.

## Is-sagrifiċċju ta' Kristu

Il-bnedmin kollha huma msejħin għal dan is-sebħ kbir, li Alla għandu mħejji għal kull bniedem li jiġi fid-dinja, għax Alla jrid, il-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-hena ta' dejjem. Bid-dnub tiegħu l-bniedem kien għalaq għalih il-bieb ta' l-hena ta' dejjem, u tul iż-żminijiet il-bniedem ma waqafx joffri u jerġa' joffri sagrifiċċji biex ipatti għad-dnubiet, imma kien kollu għalxejn, għax is-sagrifiċċji li kienu joffru l-qassisin tal-Patt il-Qadim, kienu iva mitlubin minn Alla imma ma kinux ipattu għad-dnubiet tal-bnedmin minkejja li dawn is-sagrifiċċji għall-maħfra tad-dnubiet kienu ilhom sejrin is-snin kbar. Id-dnubiet tal-bnedmin patta għalihom is-sagrifiċċju wieħed li Kristu offra darba għal dejjem għas-salvazzjoni tad-dinja u hekk għamel perfetti il-bnedmin li resqu lejh niedma u sogħbiena. Bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-Salib Ġesù kiseb il-fidwa u s-salvazzjoni għall-bnedmin kollha, u issa fis-sema quddiem il-Missier huwa dejjem lest jidħol għalina, joffri s-sagrifiċċju waħdieni tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet. Bil-qawwa u s-setgħa ta' Kristu, dnubietna jinħafru u jispiċċaw għal kollox, iżda rridu jisgħobbina minnhom, jiġifieri ma nibqgħux aktar qalbna marbuta ma' dnubietna. Ġesù salvana, qed joffrilna s-salvazzjoni tiegħu, iżda ma jridx jisfurzana naċċetawha: qed iħallina fil-libertà sħiħa tagħna; iżda meta ntemmu ħajjitna fid-dinja, jitlobna kont ta' l-imġiba

tagħna fl-aħħar taż-żmien, meta, kif ħabbar San Mark fl-Evanġelju tiegħu, Bin il-bniedem, Ġesù, jerġa' jiġi fid-dinja fis-sħab b'qawwa kbira u bi glorja, u t-tieni miġja tiegħu tiġi mħabbra b'ħafna għeġubijiet ta' biża' ma' l-art kollha.

## It-tieni miġja ta' Ġesù

Meta Ġesù jerġa' jiġi fid-dinja b'setgħa u qawwa kbira, hu jibgħat l-anġli tiegħu fid-dinja biex jiġbru l-maħturin kollha tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf għall-ieħor tas-sema, biex jagħtihom il-premju tal-ħajja ta' dejjem kif ġie mħabbar mill-profeta Danjel fl-ewwel qari ta' llum; l-oħrajn, l-imwarrbin mill-Mulej, imorru fin-nar ta' dejjem, maħluq għax-xitan u għall-anġli tiegħu. Għaliex għal dejjem? Għax ma għexux fl-imħabba, ma wrewx imħabba vera għal Alla billi naqsu mill-imħabba tagħhom għal għajrhom, kif Ġesù nnifsu jħabbar fl-Evanġelju ta' San Mattew: dawk kollha li għalqu qalbhom għall-ħtiġijiet ta' ħuthom il-bnedmin fil-bżonn u ma temgħux lil min kien bil-ġuħ, ma libsux lil min kien għeri, ma żurux lil min kien il-ħabs, Alla iwarrabhom minn quddiemu u jikkundannahom għan-nar ta' dejjem. Sakemm kienu għadhom fid-dinja, setgħu jintebħu bl-imġiba ħażina tagħhom, jindmu u jsalvaw, iżda wara mewthom ma setgħux aktar jindmu u għalhekk jibqgħu għal dejjem fid-dnub tagħhom, fil-kastig li ħaqqhom għalih.

Ġesù llum iwissina biex inkunu dejjem lesti għal din it-tieni miġja tiegħu: ma nafux meta se jseħħ għalina, hekk hux f'żogħżitna, jew f'nofs ħajjitna, jew meta nixjieħu, għalhekk irridu nkunu dejjem lesti biex meta jiġi l-Mulej isibna nistennew. U jekk jiddawwar ma jiġi, ma naħsbux li ma hu ġej qatt: jiġi żgur, imma meta ma nafux, il-Missier biss jafu l-mument u ż-żmien. Inkunu mela dejjem lesti nistennewh.

### L-34 Ħadd tas-sena

# Ġesù Kristu, is-Sultan tal-ħolqien kollu

## It-tifsir tal-festa ta' llum

Il-Knisja ta' kull sena tagħlaq is-sena tagħha bis-solennità ta' Kristu Sultan tal-ħolqien kollu, u kien jixraq li dan hekk isir. Tul is-sena kollha aħna għexna mal-Knisja l-ġrajja kollha tas-salvazzjoni tagħna; flimkien magħha ngħaqadna ma' Kristu fil-missjoni tiegħu fid-dinja għas-salvazzjoni tagħna, missjoni li lil Kristu, bħala bniedem kisbitlu l-isem fuq kull isem biex f'ismu l-ħlejjaq kollha jinżlu għarkobbtejhom u kull ilsien jistqarr li Kristu hu l-Mulej, jiġifieri li lil Kristu ingħatat kull setgħa fis-sema u fl-art, ħakma, ġieħ u saltna biex lil jaqdu l-ġnus kollha ta' l-art u l-ħakma tiegħu tibqa' għal dejjem ta' dejjem; ġie ddikjarat il-Prinċep tas-slaten tad-dinja, il-Kbir li qam minn fost il-mejtin, li bil-mewt tiegħu ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu u għamilna saltna u qassisin għal Alla Missierna.

## Is-saltna ta' Kristu

Ġesù fid-dinja biex iwaqqaf is-Saltna tiegħu, kif ħabbru l-profeti, kif ħabbar l-Anġlu Gabrijel lil Marija: "Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem". Il-Lhud ta' żmien Ġesù dan kienu jafuh u kemm-il darba, mistagħġbin bit-tagħlim tiegħu u bl-għeġubijiet li għamel, riedu jagħmluh sultan, iżda kull darba warrab minn nofs, u ma ħalliex in-nies jagħrfuh bħala sultan. Dan għax is-saltna tiegħu ma kellhiex tkun bħas-saltniet tad-dinja, kif ħasbu l-Lhud, kif ħasbu l-istess Appostli, u baqgħu jaħsbu hekk sakemm niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu u dawwalhom dwar in-natura vera tas-Saltna ta' Kristu, mhijiex saltna bħas-saltniet tad-dinja, mibnija fuq il-qawwa u s-setgħa ta' l-armi tal-gwerra, kif Ġesù stess quddiem Pilatu: "Kieku saltnati kienet ta' did-dinja, il-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud." Is-Saltna li Kristu ġie iwaqqaf fid-dinja, hi saltna fil-qlub tal-bnedmin, saltna ta' grazzja u qdusija. Saltna ta' verità u mħabba, ġustizzja u sliem.

## Ġesù quddiem Pilatu

Lin-nies tal-Lhudija u tal-Galilija li kemm-il darba riedu jagħmluh sultan, Ġesù qatt ma ħallihom, iżda quddiem Pilatu huwa stqarr li kien sultan, iżda stqarr ukoll li s-saltna tiegħu ma kenitx ta' din id-dinja, imma saltna ta' verità. Ġesù pprova jfisser lil Pilatu x'kienet is-saltna tiegħu, iżda

dan ma kellux sabar jisma' aktar lil Ġesù; fehem li s-saltna li fuqha kien tkellem Ġesù, ma kinitx saltna ta' din id-dinja, saltna li setgħet kienet theddida għall-qawwa ta' Ruma, u għalhekk Pilatu deherlu li kellu jeħles lil Ġesù mill-qilla tal-mexxejja tal-Lhud f'Ġerusalemm; ma kellux sabar jistenna jisma' mingħand Ġesù x'kienet il-verità li tagħha Ġesù ġie fid-dinja biex jagħti xhieda.

## Il-verità ta' Kristu

X'inhi din il-verità li tagħha Ġesù ġie biex jagħti xhieda, li dwarha kien lest ikellem lil Pilatu? Hi l-verità dwar il-kobor bla qjies u s-setgħa ta' l-imħabba ta' Alla għalina l-bnedmin, imħabba li waslitu biex joffri lil Ibnu stess għas-salvazzjoni tad-dinja: "Mhemmx imħabba aqwa minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu", qal darba Ġesù, iżda l-imħabba ta' Alla hi aqwa minnn hekk għax ta lil Ibnu stess bħala vittma ta' mħabba għall-bnedmin, li ma kinux ħbiebu imma għedewwa tiegħu, minħabba d-dnub tagħhom li riedu jkunu daqs Alla, jafu t-tajjeb u l-ħażin.

Ġesù temm kliemu lil Pilatu billi qal li kull min iħobb il-verità jisma' leħnu. Nistaqsu llum lilna nfusna, f'dan l-aħħar jum tas-sena tal-Knisja: "Aħna nħobbuha tassew il-verità? Nagħrfu u nifhmu x'inhi l-verità ta' l-imħabba ta' Alla għalina? Minkejja n-nuqqasijiet kollha u l-infedeltajiet kollha tagħna, minħabba d-dgħufija tagħna, bl-għajnna ta' Alla nistgħu nwieġbu li aħna nħobbuha l-verità ta' Kristu, irridu nisimgħu leħnu, mhux illum biss imma tul ħajjitna kollha, biex meta jasal il-waqt idaħħalna fis-saltna tiegħu ta' l-hena, id-dawl u s-sliem.

# WERREJ ĠENERALI

Ċelebrazzjonijiet fl-Ewwel Sena ta' Tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 (tidher f'forma ta' ktieb għaliha fil-Bulettin nru. 92).
Preżentazzjoni tal-Kredenzjali
ta' l-Ambaxxatur ta' Malta lill-Papa ..... 419

**Ittri tal-Papa**
San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja ..... 301
Jum il-Ħajja Konsagrata ..... 324
Ittra lis-Saċerdoti f'Ħamis ix-Xirka 1997 ..... 328

**Messaġġi tal-Papa**
Jum l-Emigranti u r-Rifuġjati 1996 ..... 1
Jum iż-Żgħażagħ 1997 ..... 6
Messaġġ f'għeluq it-tlitt mitt sena mit-twelid ta' San Alfons Marija de' Liguori ..... 12
Messaġġ lill-Abbati Primat P. Marcel Rooney O.S.B. ..... 17
Jum il-Paċi 1997: "Aħfer u jkollok is-sliem" ..... 99
Jum il-Morda 1997 ..... 108
Randan 1997 ..... 112
It-XXXIV Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet ..... 115
Jum il-Komunikazzjoni Soċjali 1997: "Inwasslu 'l Kristu: It-Triq; Il-Verità u l-Ħajja" ..... 333
Ġurnata Missjunarja 1997 ..... 435

**Diskorsi tal-Papa**
Il-Pastorali tal-Vokazzjonijiet fil-Knejjes Partikolari ta' l-Ewropa ..... 120
Diskors dwar il-Vokazzjonijiet ..... 423
Qaddisin Ġodda fil-Kalendarju Liturġiku ..... 162
Talbiet tal-Fidili tal-Qaddisin il-ġodda ..... 58
Vademecum għall-Konfessuri dwar xi aspetti tal-Moralità fil-Ħajja tal-Miżżewġin ..... 336
CCEE: Building a Spiritual Bridge of Unity between peoples ..... 426

Dikjarazzjoni dwar quddies minn ex-saċerdoti .......... 429
Is-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali:
"Ewkaristija u Ħelsien" .......... 431

**Pastoralijiet ta' l-Isqfijiet**

Marija Mtellgħa s-Sema: "Ma Marija lejn is-Sena Elfejn" .......... 20
Elezzjonijiet Ġenerali 1996: "Id-Dmir li Nivvotaw" .......... 23
Randan 1997: "Nimxu wara Ġesù" .......... 359

**Messaġġi u Diskorsi ta' l-Arċisqof**

Il-179 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta'
Marija Bambina fl-Isla .......... 26
It-32 Anniversarju ta' l-Indipendenza ta' Malta .......... 29
It-30 Anniversarju ta' l-Union Ħaddiema Magħqudin .......... 33
It-22 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali
ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca .......... 37
Quddiesa solenni ta' l-Emigranti fl-Awstralja
f'Jum il-Vitorja 1996 .......... 43
Konferenza tal-Caritas dwar il-familja .......... 167
L-Arċisqof iwissi dwar tagħlim żbaljat fuq Ġesù .......... 168
Quddiesa f'jum il-ftuħ tal-Parlament il-ġdid .......... 170
Diskors fl-okkażjoni tal-festa tal-Kandlora 1997 .......... 367
Bibbja ġdida għall-Knisja f'Malta .......... 46
Il-125 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja Parrokkjali
tal-Mosta .......... 48
Messaġġ ta' ferħ lill-Papa f'Jum il-50 Anniversarju
ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu .......... 166
Messaġġ lill-Missjunarji – Milied 1996 .......... 175
Messaġġ lill-Emigranti – Milied 1996 .......... 177
Messaġġ lill-Poplu Malti kollu – Milied 1996 .......... 179
Messaġġ fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ 1997 .......... 363
Messaġġ lir-rappreżentanti tal-Mass Media .......... 451
Messaġġ lil St. Michael's School .......... 453
Messaġġ lil Stella Maris College .......... 454
Messaġġ lill-Parroċċa ta' Marsaxlokk .......... 455
Messaġġ lill-Moviment Kerygma .......... 456
Messaġġ lill-Assemblea Ġenerali tal-Koppji Miżżewġin .......... 457
Messaġġ lill-Pulizija .......... 459
Laqgħa mal-Missjunarji .......... 462

**Ċirkolarijiet tal-Kurja**

Ċirk. nru. 340: Żewġ Festi Nazzjonali 1996 ..... 51
341: Jum l-Art Imqaddsa 1996 ..... 52
342: It-22 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof ..... 53
343: Direttivi lill-Kleru dwar l-Elezzjoni ..... 54
344: Ir-Rużarju fix-xahar ta' Ottubru/ Talb għall-Hospice Movement ..... 55
345: Talb għall-Papa ..... 56
346: Ġurnata Missjunarja 1996 ..... 57
347: Il-Qdusija Tiegħu l-Papa ..... 183
348: Ġabra għall-iskejjel tal-Knisja ..... 184
349: Festa ta' Kristu Re / Jum l-Emigranti u r-Refuġjati / Talb għax-xita ..... 185
350: L-Offerta għall-Quddiesa ..... 187
351: Ġabra għall-Karità 1997 ..... 378
352: Jum Dinji tal-Morda bil-Lebbra ..... 379
353: Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti 1997 ..... 381
354: Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 1997 ..... 381
355: Investituri u Ċelebrazzjonijiet ta' Ordnijiet Kavallereski ..... 382
356: Offerta għall-Papa ..... 464

Stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin dwar ċerti kummenti fil-Mass Media ..... 366

Istitut għall-Ministeru tal-Kelma: Korsijiet 1996 ..... 61

Nomini mill-Kurja ..... 50
Nomini ġodda ..... 188, 425

Rapport Pastorali Amministrattiv 1995 ..... 189

Rapport dwar ix-xogħol tat-Tribunal Ekklesjastiku għas-sena 1996 ..... 370

Tribunal Metropolitan ta' Malta: Proċess tal-beatifikazzjoni u kanonizzazzjoni tas-Serv ta' Alla Eugenio (Ġeġè) Borg PEP – EDITT ..... 376

**Eżempju ta' Omelija**

Żmien l-Avvent
Ħdud: I – Reġġagħna għal li konna, o Alla ta' l-Eżerċti ...... 63
II – Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek ........................ 65
III – Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej ........................ 69
IV – Xebba ssir Omm u jkollha Iben ........................ 71
Il-Milied ........................ 73
Il-Familja Mqaddsa ........................ 75
Jum il-Paċi taħt il-Ħarsien tal-Verġni Omm Alla ......... 77
L-Epifanija tal-Mulej ........................ 79

**Żmien ir-Randan**
Ħdud: I – It-Tiġrib tax-Xitan ........................ 236
II – "Dan hu Ibni l-Għażiż" ........................ 237
III – Aħna nxandru lil Kristu Msallab ........................ 239
IV – Salvi bil-Grazzja ta' Alla ........................ 241
V – Il-Patt il-Ġdid ........................ 243
Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej ........................ 245

**Żmien il-Għid**
Ħdud: I – "Il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna, Kristu, hu maqtul" ........................ 246
II – Qalb Waħda u Ruħ Waħda ........................ 248
III – "Indmu" ........................ 250
IV – Ir-Ragħaj it-Tajjeb ........................ 252
V – Nemmnu u nħobbu biex nagħmlu kotra ta' frott ........................ 254
VI – L-Imħabba ssawbet fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna ........................ 256
VII – Tlugħ il-Mulej fis-sema ........................ 258
VIII – Il-Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu ........................ 260

**Żmien Matul is-Sena**
Ħdud: I – Il-Magħmudija tal-Mulej u l-Magħmudija tagħna ........................ 81
II – Is-Sejħat tal-Mulej ........................ 83
III – Indiema u Fidi ........................ 85
IV – Il-Preżentazzjoni tal-Mulej ........................ 87
V – Il-Ħajja tal-Bniedem fid-dinja ........................ 89

VIII – It-Trinità Qaddisa ..... 262
IX – Il-Misteru tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu ..... 264
X – Emminna għalhekk tkellimna ..... 383
XI – Infittxu dejjem li nogħoġbu lill-Mulej ..... 385
XII – Magħqudin ma' Kristu negħilbu t-tempesti kollha tal-ħajja ..... 387
XIII – San Pietru u San Pawl ..... 389
XIV – Id-dgħufija tagħna u l-qawwa ta' Kristu ..... 391
XV – Il-Missjoni ta' l-Appostli ..... 393
XVI – Ir-Ragħaj il-Kbir u l-Għassies ta' Ruħna ..... 395
XVII – L-Ewkaristija Mqaddsa ..... 397
XVIII – Il-Ħobż Ħaj li niżel mis-sema ..... 399
XIX – L-Ikel li jwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna ..... 401
XX – Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej ..... 405
XXI – Int biss għandek il-Kliem tal-Ħajja ta' Dejjem ..... 407
XXII – Il-Ħarsien tal-Kmandamenti ..... 409
XXIII – Werrieta tas-Saltna ..... 411
XXIV – Eżaltazzjoni tas-Salib ..... 465
XXV – Ġustizzja u Sliem ..... 467
XXVI – Profeti tal-Mulej ..... 469
XXVII – Iż-Żwieġ Nisrani ..... 471
XXVIII – Il-Qawwa tal-Kelma ta' Alla ..... 473
XXIX – Il-Ġurnata Missjunarja ..... 475
XXX – Mulej, agħmel li jiena nara ..... 477
XXXI – L-Għid ta' l-Imwiet ..... 479
XXXII – Id-Dedikazzjoni tal-Lateran ..... 481
XXXIII – Ħelsien sħiħ ..... 483
XXXIV – Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu ..... 485

**Festi u Solennitajiet**

10 ta' Frar – San Pawl Patrun ta' Malta ..... 91
15 ta' Awissu – Il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema ..... 403
8 ta' Diċembru – It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija ..... 67

Intenzjonijiet ta' l-Appostolat tat-Talb għas-Sena 1997 ..... 93

Saċerdoti u Reliġjużi li mietu fl-1996 ..... 266

Sorijiet li mietu fl-1996 ..... 278